# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 434

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 60

15 ta' Diċembru 2017

Werrej

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

OPINJONIJIET

**Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

**Il-528 Sessjoni Plenarja tal-KESE fl-20 u l-21 ta' Settembru 2017**

2017/C 434/01 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-impatt tar-rivoluzzjoni diġitali fil-qasam tas-saħħa fuq l-assigurazzjoni tal-mard" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) . . . . . 1

2017/C 434/02 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Analiżi tat-trasparenza, il-metodoloġija u r-riżorsi tal-valutazzjonijiet tal-impatt u l-evalwazzjonijiet li l-Kummissjoni Ewropea qed tniedi biex titjieb il-kwalità tal-leġislazzjoni Ewropea" (Opinjoni fuq inizjattiva proprja) . . . . . 11

2017/C 434/03 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Sistema fiskali favorevoli għal kompetizzjoni ġusta u għat-tkabbir ekonomiku" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) . . . . . 18

2017/C 434/04 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-kuntest il-ġdid għar-relazzjoni strateġika UE-CELAC u r-rwol tas-soċjetà ċivili" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) . . . . . 23

2017/C 434/05 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Ir-rwol u l-perspettivi tal-imsieħba soċjali u organizzazzjonijiet oħrajn tas-soċjetà ċivili fil-kuntest ta' forom ġodda ta' xogħol" (opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Estonjana) . . . . . 30

2017/C 434/06 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-provvista u l-iżvilupp tal-ħiliet, inklużi l-ħiliet diġitali, fil-kuntest ta' forom ġodda ta' xogħol: politiki ġodda u tibdil fir-rwoli u r-responsabbiltajiet" (Opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Estonjana) . . . . . 36

MT

III *Atti preparatorji*

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

**Il-528 Sessjoni Plenarja tal-KESE fl-20 u l-21 ta' Settembru 2017**


2017/C 434/07 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew — Żvilupp tal-Unjoni Doganali tal-UE u l-Governanza tagħha" *[COM(2016) 813 final]* . . . . . . . . . . 43

2017/C 434/08 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Il-Pjan ta' Azzjoni għas-Servizzi Finanzjarji għall-Konsumatur: Prodotti aħjar u aktar għażla" *[COM(2017) 139 final]* . . . . . . . . . . 51

2017/C 434/09 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar: Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar Bażi Komuni Konsolidata għat-Taxxa Korporattiva (BKKTK) *[COM(2016) 683 final — 2016/0336 (CNS)]* Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar Bażi Komuni għat-Taxxa Korporattiva *[COM(2016) 685 final — 2016/0337 (CNS)]* . . . . . . . . . . 58

2017/C 434/10 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 fir-rigward tal-obbligu tal-ikklerjar, is-sospensjoni tal-obbligu tal-ikklerjar, ir-rekwiżiti tar-rapportar, ir-rekwiżiti tat-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju għal kuntratti tad-derivattivi OTC mhux ikklerjati minn kontroparti ċentrali, ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni ta' repożitorji tat-tranżazzjonijiet u r-rekwiżiti għar-repożitorju tat-tranżazzjonijiet *[COM(2017) 208 final — 2017/090 (COD)]* u dwar Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1095/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 fir-rigward tal-proċeduri u l-awtoritajiet involuti għall-awtorizzazzjoni ta' CCPs u r-rekwiżiti għar-rikonoxximent ta' CCPs ta' pajjiżi terzi *[COM(2017) 331 final — 2017/0136 (COD)]* . . . . . . . . . . 63

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# OPINJONIJIET

# IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

## IL-528 SESSJONI PLENARJA TAL-KESE FL-20 U L-21 TA’ SETTEMBRU 2017

## Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-impatt tar-rivoluzzjoni diġitali fil-qasam tas-saħħa fuq l-assigurazzjoni tal-mard”

**(opinjoni fuq inizjattiva proprja)**

(2017/C 434/01)

Relatur: **Alain COHEUR**

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja | 26.1.2017 |
| Bażi legali | L-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta’ Proċedura |
| | Opinjoni fuq inizjattiva proprja |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum |
| Adottata fis-sezzjoni speċjalizzata | 5.9.2017 |
| Adottata fis-sessjoni plenarja | 20.9.2017 |
| Sessjoni plenarja Nru | 528 |
| Riżultat tal-votazzjoni | 174/0/1 |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | |

1. **Konklużjonijiet**

1.1. Għall-KESE, quddiem ir-rivoluzzjoni diġitali fil-qasam tas-saħħa, huwa indispensabbli li jinżammu u jitmexxew ’il quddiem sistemi tal-assigurazzjoni tal-mard/tas-saħħa li jkunu għall-benefiċċju ta’ kulħadd, solidari, inklużivi u mhux diskriminatorji. Fil-fatt, l-inklużjoni u l-aċċess ekwu għal kulħadd għas-servizzi tas-saħħa (diġitali jew le) ta’ kwalità u l-impenn favur dan huma wkoll prerekwiżiti għal kopertura tas-saħħa universali.

1.2. B’konformità mal-opinjonijiet preċedenti ([1]), il-KESE jqis li l-ugwaljanza fl-aċċess għall-kura, li huwa għan essenzjali tal-politiki tas-saħħa, tista’ tibbenefika mill-kontributi tad-diġitalizzazzjoni ladarba jiġu rrispettati diversi prerekwiżiti:

— kopertura territorjali ugwali li tqis żoni li ma tantx jiġu servuti mill-operaturi diġitali (aċċess, veloċità tat-trasferiment tad-data);

— tnaqqis fid-distakk diġitali fir-rigward tal-użu miċ-ċittadini, mill-professjonisti tas-saħħa, u mill-partijiet involuti fis-sistemi tal-assigurazzjoni tal-mard/tas-saħħa;

([1]) ĠU C 458, 19.12. 2014, p. 54;ĠU C 242, 23.7.2015, p. 48; ĠU C 13, 15.1.2016, p. 14; ĠU C 13, 15.1.2016, p. 40; ĠU C 288, 31.8.2017, p.1.

— interoperabbiltà tal-arkitettura diġitali kollha (il-bażijiet tad-data, l-apparat mediku) li tiffaċilita l-kontinwità tal-kura f'kull struttura u bejn dawn l-istrutturi;

— protezzjoni tad-data tas-saħħa li f'ebda każ ma tista' tintuża għad-detriment tal-pazjenti.

1.3. L-iżvilupp tat-telemediċina, tal-oġġetti konnessi u tan-nanoteknoloġiji, tal-bijoteknoloġiji, tal-informatika u tax-xjenzi konjittivi (NBIC) m'għandu qatt iwassal biex l-individwi jitqiesu bħala sempliċement iġsma konnessi, li jistgħu jiġu analizzati, ikkontrollati u ssorveljati mill-bogħod minn programm informatiku omnipotenti. It-teknoloġizzazzjoni tas-saħħa fil-fatt tistimula l-kontra, jiġifieri l-affermazzjoni mill-ġdid tal-post tar-relazzjoni interpersonali u r-rabta soċjali fundamentali tal-prattika medika u tal-kura tas-saħħa.

1.4. Il-KESE jisħaq dwar l-isfida li tirrappreżenta responsabbiltà żejda għaċ-ċittadin li jkollu jiġġestixxi saħħtu hu stess, u ma' dan tiżdied mal-individwalizzazzjoni żejda. Bil-mediċina predittiva, minn naħa, u l-għodod relatati, min-naħa l-oħra, l-għarfien tar-riskji tas-saħħa tal-individwu kif ukoll tal-kontroll tagħhom għandu tendenza li jipprogressa, filwaqt li jħeġġeġ politiki aktar personalizzati. L-iżvelar ta' dawn ir-riskji u d-differenzi li hemm bejn l-individwi jqajmu kwistjonijiet etiċi importanti fil-kuntest taż-żamma ta' kopertura solidarja tal-assigurazzjoni.

## 2. **Rakkomandazzjonijiet**

2.1. Il-KESE jfakkar li biex ir-rivoluzzjoni tad-diġitalizzazzjoni tabilħaqq tirnexxi, is-sistemi effiċjenti tal-assigurazzjoni tal-mard/tas-saħħa tagħna għandhom:

(a) jużaw is-servizz tad-diġitalizzazzjoni b'mod li jimplimenta l-attivazzjoni tad-drittijiet fondamentali tagħna fil-qasam tas-saħħa minflok b'mod li jdgħajjifhom. Id-diġitalizzazzjoni trid tkun mezz li jirrinforza l-kapaċitajiet individwali u kollettivi, kif ukoll xprun qawwi favur l-effettività tad-drittijiet u tal-iżvilupp ta' għamliet ġodda tal-organizzazzjoni u tal-ġestjoni tas-saħħa;

(b) jaffermaw mill-ġdid il-valuri tas-solidarjetà u tal-universalità bħala l-bażi tas-sistemi tas-saħħa tagħna, li l-preservazzjoni tagħhom tiddependi minn kulħadd.

2.2. It-tnedija tad-diġitalizzazzjoni m'għandha qatt tpoġġi f'dubju l-prinċipji tar-ridistribuzzjoni u tal-mutwalizzazzjoni tar-riskji sanitarji u soċjali, li huma l-veri fatturi ewlenin tal-qofol tas-solidarjetà kollettiva.

2.3. Il-KESE jisħaq fuq il-ħtieġa li:

— jiġi żviluppat u ffaċilitat l-aċċess għal-litteriżmu fis-saħħa diġitali taċ-ċittadini bil-għan li jitħeġġeġ approċċ kritiku tal-informazzjoni tas-saħħa;

— tiġi garantita informazzjoni ta' kwalità fil-qasam tas-saħħa, b'mod partikolari billi jitħeġġeġ id-dħul fis-seħħ ta' proċeduri ta' ċertifikazzjoni/akkreditazzjoni tal-applikazzjonijiet informatiċi tas-saħħa;

— jiġu rinfurzati r-relazzjonijiet ta' fiduċja bejn il-pazjenti, il-professjonisti tas-saħħa u l-partijiet involuti fis-sistemi tal-assigurazzjoni tal-mard/tas-saħħa;

— tiġi implimentata sistema ta' taħriġ adattat kemm għall-utenti kif ukoll għall-professjonisti tas-saħħa, sabiex jiġi żgurat użu effiċjenti, sigur u protettiv tat-teknoloġiji diġitali u jiġu ffaċilitati l-bidliet fis-sistema tas-saħħa;

— jissaħħaħ id-djalogu soċjali bħala spazju indispensabbli ta' konsultazzjoni biex jakkumpanja l-bidliet tal-futur;

— jiġu implimentati miżuri ta' sigurtà tal-ipproċessar tad-data personali sabiex jiġu evitati prattiki li jwasslu biex din id-data tintuża fil-qasam tal-assigurazzjoni (l-aċċess, ir-rimborż…) għall-finijiet kummerċjali li ma jissodisfawx l-għan aħħari tas-saħħa pubblika;

— jiġi promoss qafas regolatorju dinamiku li jqis l-ekosistema kollha ("diversi partijiet interessati") u r-rwol li għandhom l-organizzazzjonijiet ta' assigurazzjoni tal-mard/tas-saħħa bħala parti terza ta' fiduċja fir-relazzjonijiet tagħhom ma' persuni assigurati/affiljati;

— li jingħata appoġġ lill-evoluzzjoni tan-nomenklatura tal-kura rimborżabbli u tas-servizzi ta' benesseri offruti, filwaqt li jitqiesu bis-sħiħ l-innovazzjonijiet tekniċi li tippermetti d-diġitalizzazzjoni;

— l-evoluzzjoni tiġi akkumpanjata lejn mediċina tal-"4 Ps" ([2]) permezz tal-iżvilupp tas-servizzi solidari tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni tal-mard/tas-saħħa, b'risposta għall-ħtiġijiet taċ-ċittadini.

## 3. **Kuntest**

3.1. L-iżvilupp tad-diġitalizzazzjoni jistimola evoluzzjonijiet fuq skala kbira u b'ritmu bla preċedent fil-qasam tas-saħħa. Bl-isplużjoni tal-oġġetti konnessi u tal-applikazzjonijiet mobbli tas-saħħa, l-isfruttar tal-big data, l-iżvilupp tan-nanoteknoloġiji, tal-bijoteknoloġiji, tal-informatika u tax-xjenzi konjittivi (NBIC) u l-offerta dejjem tikber ta' servizzi tas-saħħa ġodda, id-diġitalizzazzjoni twassal għal trasformazzjoni globali tas-sistema tas-saħħa tagħna.

3.2. Altru milli tillimita ruħha għad-dimensjoni teknika jew xjentifika tagħha, l-innovazzjoni diġitali fis-saħħa għandha diversi aspetti minħabba l-innovazzjoni tal-użi kollha li hija tintegra. Dawn l-użi ġodda jakkumpanjaw innovazzjoni soċjali kbira billi jippermettu l-iżvilupp ta' risponsi ġodda għall-ħtiġijiet sanitarji u soċjali.

3.3. B'hekk jiġu affettwati direttament ir-relazzjonijiet imrawma fi ħdan ekosistema kumplessa bejn:

a. iċ-ċittadin, permezz tal-għarfien tal-istat ta' saħħa tiegħu;

b. il-professjonijiet mediċi u paramediċi u r-relazzjoni tagħhom mal-pazjent;

c. is-sistema tal-assigurazzjoni tal-mard fil-mudelli differenti tal-organizzazzjoni, tal-ġestjoni u tal-finanzjament tagħha.

3.4. Rigward ir-relazzjoni tal-individwu ma' saħħtu: kull individwu jsir iżjed konxju mill-importanza ta' saħħtu u mill-mod kif jgħin ruħu. Sal-lum, minħabba d-diffikultà biex individwu jaċċessa l-informazzjoni medika u n-nuqqas ta' għarfien minħabba f'hekk, l-individwu spiċċa fl-inċertezza quddiem ir-riskji tal-mard. Illum il-ġurnata għandu firxa ta' ta' mekkaniżmi (pereżempju l-oġġetti konnessi) li jippermettilu li jqis l-istat tas-saħħa tiegħu u jadatta l-istil ta' ħajja tiegħu b'mod xieraq.

3.5. Id-disponibbiltà tas-sorsi tal-informazzjoni tagħti lil kull individwu l-possibbiltà li jkun protagonist attiv ta' saħħtu b'ħila li jidentifika, iqabbel u jagħżel l-aktar servizz tas-saħħa xieraq għall-ħtiġijiet tiegħu. Il-pazjent elettroniku jsir kontributur tal-mediċina predittiva kif ukoll produttur tad-data medika u parteċipant fis-saħħa tiegħu u tal-oħrajn. F'dan ir-rigward, il-kunsens infurmat jikkostitwixxi element ċentrali, b'rabta mal-protezzjoni tad-data, il-ġestjoni integrata u l-użu tad-data.

3.6. It-teknoloġiji ġodda jwasslu sabiex issir enfasi fuq il-prevenzjoni iktar milli fuq it-trattament tal-mard innifsu. Dawn jippermettu wkoll li jiġu stabbiliti terapewtiki aktar effettivi, inqas intrużivi u aktar individwalizzati skont il-karatteristiċi ġenetiċi u bijoloġiċi ta' kull individwu filwaqt li d-disponibbiltà tal-informazzjoni f'ħin reali ttejjeb ir-risposta terapewtika.

3.7. Il-professjonijiet mediċi jitmexxew f'direzzjoni biex jevolvu lejn kompetenzi u oqsma ta' azzjoni ġodda u jsiru disponibbli fuq diversi livelli, b'mod partikolari lejn metodu relazzjonali ieħor ibbażat aktar fuq ir-relazzjoni ta' fiduċja reċiproka mal-pazjent, ħakma gradwali tal-għodod diġitali marbuta mat-taħriġ, modifika fir-rappreżentazzjonijiet tekniċi tal-għoti tal-kura, kif ukoll approċċ ta' kollaborazzjoni u ta' skambju permezz ta' sistemi interoperabbli.

3.8. Id-djalogu soċjali għandu jakkumpanja dawn il-bidliet u jsaħħaħ il-mekkaniżmi ta' taħriġ tal-persunal tas-saħħa.

3.9. Rigward is-sistemi tal-assigurazzjoni tal-mard: l-aċċess għal servizzi tas-saħħa effiċjenti u ta' kwalità, kemm pubbliċi u kemm privati, jibqa' għan li jrid jintlaħaq għal kull ċittadin. F'dan il-kuntest, l-assigurazzjoni tal-mard se tintlaqat sew għax l-isfida tal-ġejjieni se tkun li jitfasslu, b'ċertu riskju, soluzzjonijiet u perkorsi personalizzati fil-limiti tal-prinċipji tal-mutwalizzazzjoni, filwaqt li tinżamm il-funzjoni tradizzjonali tagħha li tippermetti lill-persuni li jimirdu l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa.

3.10. Potenzjalment, l-innovazzjoni medika li toħloq id-diġitalizzazzjoni għandha l-potenzjal li ġġib magħha bidliet profondi fl-assigurazzjoni tal-mard. Id-dinamika li tiġi stabbilita twassal għal individwalizzazzjoni fil-mediċina u tal-kura permezz ta' żewġ sorsi ta' informazzjoni:

([2]) Ara l-paragrafu 4.2.

a. id-dekodifikazzjoni tal-ġenoma:

id-dimensjoni predittiva ta' dekodifikazzjoni bħal din tista' tagħti dimensjoni ġdida għal kollox lill-approċċ preventiv (bid-dekodifikazzjoni tal-ġenoma l-probabbiltà ta' riskju għas-saħħa tkun "magħrufa", il-prevenzjoni mbagħad issir tagħmel iżjed sens) u tippreżenta sfidi kbar fil-qasam tal-assigurazzjoni tal-mard;

b. l-apparat tas-saħħa elettronika:

fost dan l-apparat insibu, fost oħrajn, l-oġġetti konnessi li jaqgħu fil-qasam tas-"*self data*" (analiżi awtomatika) u li jippermettu li l-persuni jsiru jafu u jtejbu l-istat ta' saħħithom.




Għaldaqstant jenħtieġ jitqiesu għadd ta' mistoqsijiet u osservazzjonijiet.

a. Dawn is-sorsi l-ġodda ta' tagħrif jistgħu jwasslu għall-ħolqien ta' poloz ġodda u servizzi ġodda mfassla apposta li jkunu aktar adatti għall-użi ta' dawk li għandhom assigurazzjoni?

b. Għada pitgħada se jkollna kopertura tas-saħħa li tkun marbuta mal-probabbiltajiet tal-mard issuġġeriti mid-dekodifikazzjoni tal-ġenoma tagħna?

c. It-tranżizzjoni minn approċċ kurattiv għal approċċ preventiv huwa approvat? X'se jkunu l-konsegwenzi ta' dan fuq it-tmexxija tal-assigurazzjoni tas-saħħa u fuq il-finanzjament f'kuntest ekonomiku diffiċli? Għandu jingħata rimborż lill-programmi personalizzati ta' prevenzjoni medika li jaqgħu fi ħdan il-pjattaformi diġitali?

d. Il-benesseri ([3]) mbagħad se jibda jieħu post is-saħħa? Din it-trasformazzjoni tas-sistema tas-saħħa tassew se twassal biex infasslu mediċina olistika u anqas kurattiva?

e. B'dawn il-bidliet, il-viżjoni tar-relazzjoni bejn il-pazjent u t-tabib u tal-assigurat/assiguratur issa se tinbidel sew bi trażizzjoni minn mudell "vertikali" għal mudell iżjed "orizzontali", fejn il-pazjent jistħarreġ u jitrawwem b'tagħrif "mhux professjonali"?

f. Quddiem il-qawwa ekonomika tal-ġganti diġitali, jenħtieġ jerġa' jibda jsir investiment fir-riċerka u fl-iżvilupp mill-awtoritajiet pubbliċi?

([3]) "L-oqsma tal-benesseri, tas-saħħa u tal-kura huma parti minn kontinwità bejn in-normalità u l-patoloġija u din il-kontinwità għalhekk tgħin lill-mediċina."

4. **L-impatt tad-diġitalizzazzjoni fuq iċ-ċittadin/il-pazjent**

4.1. It-trasformazzjoni diġitali toffri lill-individwi l-possibbiltà li jieħdu azzjoni fuq l-istat ta' saħħithom, minkejja li jeżistu xi ostakli li jimblokkaw l-aċċess. Iż-żieda fl-aċċess għat-tagħrif, għall-infrastrutturi u għas-servizzi innovattivi personalizzati fil-qasam tas-saħħa tista' tippermetti li kull individwu jsir parteċipant fis-saħħa tiegħu stess u li jagħti kontribut ukoll – bħala assistent, produttur tal-informazzjoni, fornitur tad-data – fit-titjib tas-saħħa tal-oħrajn.

4.2. L-iżvilupp ta' din l-individwalizzazzjoni hija kkaratterizzata minn saħħa deskritta bħala s-"saħħa tal-**4 Ps"**:

**parteċipattiva:** data medika ġġenerata u segwita mill-pazjenti stess, mgħejuna minn għadd dejjem jikber ta' oġġetti konnessi. Ir-relazzjoni bejn il-pazjent u t-tabib (li ma jibqax iżjed l-uniku sors tat-tagħrif mediku) tevolvi. Il-pazjent isir "parteċipant attiv";

**preventiva:** il-pazjenti li jiġbru b'mod regolari l-informazzjoni rigward saħħithom isiru kulma jmur iżjed konxji minn kif jibqgħu f'saħħithom – xi ħaġa li twitti t-triq għal saħħa iżjed imsejsa fuq il-prevenzjoni;

**personalizzata:** il-fluss kontinwu ta' data personali dejjem iżjed preċiża u varjata jippermetti wkoll l-iżvilupp ta' saħħa aktar u aktar personalizzata;

**predittiva:** fl-aħħar, l-avvanzi teknoloġiċi li jippermettu, pereżempju, id-diġitalizzazzjoni tal-ġenoma sħiħa umana, iwittu t-triq għal saħħa b'ambizzjoni iżjed u iżjed predittiva.

4.3. *Il-litteriżmu u r-riskju ta' distakk ġdid fil-qasam tas-saħħa, dak diġitali*

4.3.1. Il-litteriżmu tas-saħħa tfisser il-kapaċità tal-individwi li jiksbu, jifhmu u jużaw l-informazzjoni sabiex jippromovu u jżommu saħħa tajba. Dan jimplika li jintlaħaq livell ta' għarfien, ta' ħiliet u ta' fiduċja personali li jippermetti li jittieħdu miżuri sabiex itejbu s-saħħa personali u tal-komunità billi jibdlu l-modi u l-kundizzjonijiet tal-għajxien.

4.3.2. Id-diġitalizzazzjoni għandha t-tendenza li tenfasizza l-inugwaljanzi soċjali fil-qasam tas-saħħa billi tirrinforza r-rabta tal-kawża mal-effett bejn l-istat tas-saħħa tal-individwu u l-ħiliet konjittivi (pereżempju, il-ħila li jsib u jifhem informazzjoni ta' kwalità dwar is-saħħa) u finanzjarji tiegħu (bħall-possibbiltà li wieħed jgħammar ruħu bl-aktar apparat effikaċi). Dawn l-inugwaljanzi huma akbar fost l-anzjani, l-aktar vulnerabbli u dawk li jgħixu f'żoni li ma tantx huma koperti mill-operaturi diġitali.

4.3.3. L-użu tal-applikazzjonijiet tas-saħħa jeħtieġ livell ta' għarfien li jippermetti li jkun hemm aċċess għall-informazzjoni dwar is-saħħa, li tiġi mifhuma, evalwata u użata bil-għan li jittieħdu deċiżjonijiet ta' kuljum dwar il-kura tas-saħħa, il-prevenzjoni tal-mard u l-promozzjoni tas-saħħa. Iżda livell baxx ta' litteriżmu joħloq bosta riskji għas-saħħa, b'konsegwenzi f'termini tal-istennija ta' ħajja f'saħħa tajba, ta' mwiet qabel iż-żmien, tal-kwalità tal-ħajja u ta' spejjeż għall-individwu u għas-soċjetà.

4.3.4. Madankollu m'għandux jiġi ttraskurat l-iżvilupp ta' firda diġitali fi dan il-professjonijiet mediċi u paramediċi. Din tista' tiġi solvuta billi tissaħħaħ is-sistema edukattiva permezz ta' programm ta' taħriġ dedikat għat-tagħlim tar-rapporti l-ġodda li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni fir-relazzjoni ta' bejn min jagħti u jirċievi l-kura.

4.4. *Ir-responsabbiltà żejda, riskju prinċipali ieħor tal-qasam diġitali*

4.4.1. Il-prattiki tal-kwantifikazzjoni fil-qasam tas-saħħa jiffavorixxu l-mikroġestjoni individwali tas-saħħa u r-responsabilizzazzjoni żejda, għad-detriment ta' fehim iżjed kollettiv. Dawn jibdlu l-individwi f'intraprendituri responsabbli mill-imġiba tajba jew ħażina tagħhom fis-saħħa, u jistgħu jdawru l-attenzjoni minn fuq il-kawżi ambjentali jew soċjoekonomiċi tal-problemi tas-saħħa pubblika.

4.4.2. In-nuqqas ta' antiċipazzjoni tal-effetti tad-diġitalizzazzjoni fuq l-individwalizzazzjoni, iż-żieda tal-inugwaljanzi soċjali fis-saħħa u t-tkabbir tal-kummerċjalizzazzjoni tas-saħħa jistgħu jipperikolaw il-mudelli solidari u universali tal-mudelli tal-assigurazzjoni tal-mard/tas-saħħa tagħna.

## 5. **L-impatti tad-diġitalizzazzjoni fuq il-professjonisti tas-saħħa u bejniethom**

### 5.1. *Il-fajl mediku elettroniku, il-pedament għall-organizzazzjoni tal-kura tas-saħħa*

5.1.1. Id-diġitalizzazzjoni ġġib magħha mezzi li jneħħu kull ostakolu mis-sistema tas-saħħa billi tiffaċilita l-ġbir flimkien ta' informazzjoni bejn l-istrutturi tal-isptarijiet, il-kliniki privati, in-netwerks tas-saħħa u s-servizzi tal-kura fid-djar. Il-mezzi ta' trażmissjoni siguri u rapidi tal-informazzjoni miġbura minn parteċipanti differenti huma kundizzjoni meħtieġa għall-koordinazzjoni tal-kura u tal-indukrar ġenerali tal-pazjenti. L-organizzazzjoni tal-kontinwità tal-kura u l-indukrar multidixxiplinarju tal-pazjenti huma ferm iżjed faċli biex jiġu implimentati. Id-disponibbiltà, il-ħeffa fl-aċċess, l-iskambju u l-kondiviżjoni tad-data jiffaċilitaw id-deċiżjonijiet mediċi. Il-valuri miżjuda tal-iskambju kompjuterizzat tad-data bejn il-professjonisti tas-saħħa għall-kwalità tal-kura huma diretti.

5.1.2. Il-fajl mediku elettroniku jsir għodda tal-koordinazzjoni u tal-kwalità tal-kura għall-benefiċċju tal-pazjent permezz tal-kondiviżjoni tad-data mill-partijiet awtorizzati, dejjem sakemm din il-kondiviżjoni ssir b'kunsens mogħti minn qabel mill-pazjent, ħlief f'każ ta' urġenza jew ta' impossibbiltà. Ir-regoli speċifiċi tal-fajls mediċi elettroniċi kompjuterizzati jirrigwardaw il-garanziji speċifiċi kollha mogħtija lill-pazjent dwar id-data diġitali, f'termini tal-protezzjoni tal-ħajja privata tiegħu u tal-aċċess għal din id-data. Ir-rispett tas-segretezza fir-rigward tal-fajl mediku u amministrattiv irid ikun żgurat bis-sħiħ.

5.1.3. Il-fajl mediku elettroniku jippermetti li jiġu evitati żbalji marbuta mal-leġġibbiltà skorretta tad-dokumenti (riċetti mediċi, protokolli ta' eżamijiet mediċi) u jiffaċilita l-aċċess għall-bażijiet tat-tagħrif mediċinali kif ukoll il-ħruġ ta' riċetti iżjed siguri, għax dan jibda jitqabbel mal-karatteristiċi tal-pazjent. Il-kompjuterizzazzjoni tal-prattika medika tagħti kontribut biex jiġu limitati r-riskji li jittieħdu żbalji u biex jitnaqqsu r-riskji jatroġeniċi.

5.1.4. Il-funzjonijiet ta' tfakkir u ta' allarmi li jippermettu l-kompjuterizzazzjoni ta' fajl mediku jiffaċilitaw it-titjib tal-ħidma preventiva (tilqim, skrinjar), tas-sorveljanza tal-morda milquta minn patoloġiji kroniċi u tat-tagħrif mediċinali u kif ukoll itejbu l-kwalità tal-kura mogħtija lill-pazjenti u jsaħħu l-kompetenzi tal-prestatur tal-kura fir-rigward tad-dijanjożi u l-preskrizzjoni tat-trattament.

5.1.5. Barra minn hekk, bid-diġitalizzazzjoni tal-informazzjoni miġbura dwar il-pazjent li tikkontribwixxi sabiex jittejjeb il-proċess tat-teħid ta' deċiżjoni medika, fis-snin li ġejjin ser naraw bidla radikali fil-prattiki mediċi. L-ebda dijanjożi medika ma tista tintlaħaq mingħajr sistema ta' esperti jew ta' għodod li joriġinaw mill-intelliġenza artifiċjali. Rivoluzzjoni bħal din hija frott l-iżvilupp parallel tal-ġenomika, tan-newroxjenzi u tal-oġġetti konnessi (NBIC), fejn f'dan il-kuntest huma biss il-magni, minn issa 'l quddiem, li se jkunu jistgħu jipproċessaw id-data kollha.

### 5.2. *Post il-bniedem fil-qalba tal-iżvilupp ta' prattiki mediċi ġodda*

5.2.1. L-evoluzzjonijiet teknoloġiċi jagħmlu possibbli u jsaħħu l-iżvilupp tat-telemediċina li twitti t-triq għall-prattiki mediċi u paramediċi ġodda. It-telemediċina ġġib magħha dawn il-vantaġġi: kopertura tas-saħħa aħjar tat-territorji iżolati u tnaqqis fl-iskariġġ għall-persuni fraġli, segwitu mill-bogħod tal-morda u jiġi evitat li jiddaħħlu l-isptar, kondiviżjoni tal-għarfien espert mill-bogħod, dimensjoni ta' edukazzjoni terapewtika permezz tat-telesorveljanza u tal-konċertazzjoni multidixxiplinarja permezz tat-telekonsultazzjoni u tat-telekompetenza.

5.2.2. It-telemediċina, il-komunikazzjoni professjonali kompjuterizzata, id-dematerjalizzazzjoni tad-dokumenti, l-akkomunament tal-kompetenzi mifruxa u l-kondiviżjoni tar-riżorsi intellettwali jew medikotekniċi għandhom jippermettu l-gwadann tal-ħin għall-professjonisti tas-saħħa, u għaldaqstant dan il-gwadann ikun jista' jiġi investit ħdejn is-sodda tal-pazjent u fid-djalogu wiċċ imbwiċċ miegħu, u jirriżulta f'titjib konsiderevoli fir-relazzjoni mal-pazjent.

## 6. **L-impatti tad-diġitalizzazzjoni fuq il-ġestjoni tal-assigurazzjoni tal-mard/tas-saħħa**

### 6.1. *Il-big data*

6.1.1. Il-kompjuterizzazzjoni gradwali tas-sistemi tas-saħħa tagħna tat kontribut indiskutibbli biex ittejjeb, minn naħa, il-ġestjoni amministrattiva u finanzjarja tal-fajls tal-assigurazzjoni ta' kull ċittadin (gwadann ta' spazju, iffrankar ta' ħin u ta' materjal konsumabbli, żieda fil-produttività, arkivjar iżjed faċli u sigur, gwadann ekoloġiku) u, min-naħa l-oħra, favur il-ħeffa fir-rimborż lill-prestatur tal-kura u lill-istabbilimenti tal-isptarijiet, u dan kollu żied il-kontroll u naqqas ir-riskju li jittieħdu żbalji fil-kontijiet tal-prestazzjonijiet mediċi.

6.1.2. Id-dematerjalizzazzjoni tal-formoli amministrattivi, għalkemm din ma ġġib l-ebda benefiċċju dirett għall-kwalità tal-kura, naqqset l-iskadenzi għat-trażmissjoni tal-formoli u ssemplifikat il-proċeduri amministrattivi. Din tiffaċilita madankollu l-eżerċitar tal-mediċina u tippermetti lit-tabib jiffoka aktar fuq l-arti ta' fejqan u inqas fuq l-atti amministrattivi inevitabbli konnessi.

6.1.2.1. Illum, il-big data tiġi ġġenerata meta timtela d-data kollha tal-pazjenti/assigurati kollha, inkluża dik li tkun ġejja mill-applikazzjonijiet informatiċi tas-saħħa. Dan jirrigwarda l-kapaċità li ssir analiżi tad-data kollha miġjuba minn għadd kbir ta' sorsi. Din tassumi d-disponibbiltà ta' mezzi li jgħaqqdu d-data bejniethom u l-kisba, b'mod awtomatiku u effettiv, tal-informazzjoni utli minn data mhux strutturata.

6.1.3. Permezz tal-"apps", id-data ma tibqax maħżuna għand it-tabib, fl-isptar jew fi ħdan l-entitajiet tal-assigurazzjoni tal-mard/tas-saħħa, iżda minflok tinħażen fuq apparat jew fuq pjattaformi tal-"cloud computing" li l-intrapriża ewlenija tagħhom mhux bilfors tibqa' tinsab fil-pajjiż ta' affiljazzjoni tal-assigurazzjoni tal-mard u lanqas fl-Ewropa.

6.1.4. L-interoperabilità tirrappreżenta fattur ewlieni kemm fil-livell Ewropew (permezz tas-"suq uniku diġitali") kif ukoll fil-livell nazzjonali. Jenħtieġ jiġi żviluppat u implimentat "qafas ta' interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni medika". Qafas referenzjali ta' interoperabbiltà bħal dan jkopri prinċipji u standards li għandhom jiġu rrispettatti sabiex l-iskambju tad-data medika jsir bl-iżjed mod sigur filwaqt li jintegra fih il-parteċipanti kollha tas-saħħa elettronika.

6.2. *Protezzjoni tad-data*

6.2.1. Il-proprjetà u l-protezzjoni tad-data huma sfida ta' importanza primarja għaċ-ċittadin/il-pazjent u jikkostitwixxu dritt fondamentali li għandu jiġi rrispettat. Iċ-ċittadin/Il-pazjent għandu jkollu aċċess liberu tad-data tiegħu. Dan għandu jsir bil-kunsens liberu, infurmat u kontinwu taċ-ċittadini rigward il-ġbir u l-użu tad-data tagħhom. Għandu jkun akkumpanjat ukoll mir-rikonoxximent ta' dritt effettiv għall-portabbiltà u għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tat-tip "Blue Button" ([4]) biex dawn isiru disponibbli fl-istorja medika personali tal-individwi.

6.2.2. Ir-regolament ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data (RGPD) li se jidħol fis-seħħ fil-25 ta' Mejju 2018 jirregola dan is-suġġett fil-livell Ewropew. Barra dan, għandha titqies ukoll id-dikjarazzjoni tal-Assoċjazzjoni Medika Dinjija dwar il-kunsiderazzjonijiet etiċi rigward il-bażijiet tad-data medika u l-bijobanek (id-dikjarazzjoni ta' Taipei).

6.3. *Assigurazzjoni tal-mard/tas-saħħa li qed tinbidel*

6.3.1. Id-diġitalizzazzjoni tibda titħaddem fl-assigurazzjoni. Fejn qabel kienet ristretta għal proposti ta' valur informattiv u komparattiv (komparaturi, abbonament onlajn, eċċ.), jew marbuta mad-dematerjalizzazzjoni tal-formoli mediċi amministrattivi, issa se tmur ferm lil hinn mill-ħoloq tranżazzjonali tagħha. Il-metodi l-ġodda ta' kwantifikazzjoni, magħrufin bit-terminu "big data", se jittrasformaw b'mod radikali l-mudell ekonomiku tal-assigurazzjoni, u għaldaqstant se jitfaċċaw fis-suq prodotti ġodda.

6.3.2. Din l-iżvolta se jkollha impatt qawwi u loġiku:

— il-professjonijiet marbuta mal-produzzjoni tad-data u mal-ħażna, mal-forniment, mal-ipproċessar u mat-trasformazzjoni tagħha, bis-saħħa ta' algoritmi se jkollhom valur miżjud qawwi fl-informazzjoni;

— l-istatus tal-pazjent li, fir-rigward tal-professjonijiet tas-saħħa, isir aġent attiv ta' saħħtu u jkollu tendenza jegħleb is-sitwazzjoni tiegħu ta' dipendenza fuqhom.

6.3.3. Mal-pass tal-evoluzzjoni tat-teknoloġija u tal-iżvilupp tal-applikazzjonijiet informatiċi tas-saħħa, kull individwu jkun jista' mbagħad "joġġettivizza" l-attività fiżika tiegħu, in-nutrizzjoni tiegħu u l-interazzjonijiet tiegħu mal-oħrajn, jiġifieri l-fatturi determinanti kollha ta' saħħtu.

6.3.4. L-użu ta' data tal-massa fuq l-individwi tista' tfisser it-tranżizzjoni minn mudell ta' kopertura tar-riskji u tal-mutwalizzazzjoni tagħhom għal mudell ta' kopertura tal-imġibiet u tal-individwalizzazzjoni tal-polza tal-assigurazzjoni li twassal għal individwalizzazzjoni żejda. Filwaqt li l-assiguraturi privati b'għan ta' qligħ jidhru li jsibu posthom b'mod naturali, il-bidla tista' tkun aktar diffiċli għall-parteċipanti mutwalistiċi u l-atturi pubbliċi tal-assigurazzjoni tas-saħħa, li l-iskop fundamentali tagħhom ikun soġġett għal sfidi.

([4]) Preżentazzjoni tal-Inizjattiva Blue Button: l-inizjattiva Blue Button tnediet fl-2010 mill-amministrazzjoni tal-Istati Uniti bil-għan li tikkostitwixxi pjattaforma ta' segwitu, ta' kontroll u ta' tniżżil elettroniku tad-data personali medika tal-veterani Amerikani. B'hekk din tippermettilhom li jaċċessaw ir-rapporti tal-kura, id-data tal-assigurazzjoni tal-mard u l-istorja medika tagħhom (allerġiji, analiżijiet mediċi eċċ.), u li jniżżluhom onlajn. Sors: http://www.va.gov/bluebutton/.

6.3.5. Quddiem din l-evoluzzjoni, l-operaturi tal-assigurazzjoni tal-mard/tas-saħħa jidħlu f'fażi ta' vulnerabbiltà, għax isibu ruħhom f'salib it-toroq f'ekosistema multidimensjonali għall-aħħar magħmula minn industrijalisti, tobba, gvernijiet, regolaturi, investituri u pazjenti.

6.3.6. L-operaturi tal-assigurazzjoni tal-mard/tas-saħħa se jkollhom jiffaċċjaw inerzja qawwija marbuta ma' regolamentazzjoni stretta ħafna fuq id-data sensittiva rigward is-saħħa, mal-funzjonament u mal-finanzjament kumplessi tas-settur mediku fl-isptarijiet, ma' katina ta' valur (l-adeżjoni, l-irkupru tal-kontribuzzjonijiet, il-likwidazzjoni tal-prestazzjonijiet eċċ.) pjuttost riġida u ftit li xejn reattiva, ma' regolamentazzjoni fuq il-prodotti tal-assigurazzjoni dejjem iżjed stretta, u ġieli wkoll mal-korporativiżmu tal-professjonijiet mediċi.

6.3.7. Madankollu, mhux l-operaturi kollha tal-assigurazzjoni tal-mard/tas-saħħa għandhom jew għad għandhom iżjed l-istess kapaċitajiet ta' azzjoni finanzjarja u għaldaqstant il-bżonnijiet kapitali meħtieġa għal din l-attività kulma jmur qed jidhru dejjem iżjed ta' xkiel għall-iżvilupp tagħhom. Is-saħħa ekonomika tal-ġganti diġitali tifthilhom il-bibien biex jinvestu direttament f'dak li huma jqisu bħala suq.

6.3.8. Minkejja għarfien aħjar tar-riskji individwali tas-saħħa, huwa essenzjali li s-sistemi tas-saħħa tagħna jibqgħu jinżammu fuq assigurazzjoni kollettiva u solidari. Is-sistemi tagħna tal-assigurazzjoni tal-mard/tas-saħħa kienu l-aktar effettivi fil-kuntest tar-rabta bejn is-sħubija individwali u l-protezzjoni kollettiva kontra r-riskji kollha tas-saħħa.

6.4. *L-adattar tal-mekkaniżmi ta' rimborż*

6.4.1. Attwalment, hemm biss ftit eżempji ta' responsabbiltà finanzjarja (rimborż) għall-użu ta' applikazzjonijiet mobbli matul il-kors tal-kura ta' persuna. Wieħed mill-akbar ostakli attwali huwa, m'hemmx xi ngħidu, in-nuqqas ta' mudelli ta' rimborż adegwati li jintegraw fihom ir-realtajiet teknoloġiċi l-ġodda.

6.4.2. Hemm il-mudell klassiku tal-intervent statali fejn ir-rimborż ikun f'idejn l-istituzzjonijiet u l-awtoritajiet nazzjonali li jiddeċiedu fuq il-prestazzjonijiet tas-saħħa mobbli rimborsabbli ([5]), iżda hemm ukoll inizjattivi li jittieħdu mill-parteċipanti tas-sistemi tal-assigurazzjoni tal-mard, fosthom il-kumpaniji mutwalistiċi ([6]).

6.4.3. Jeżistu wkoll sistemi innovattivi ta' rimborż bħall-programmi ta' inċentiv u ta' prevenzjoni li għandhom l-għan li jiffokaw fuq il-prevenzjoni iżjed milli fuq il-medikazzjoni.

6.5. *Sfidi ġodda għall-organizzazzjonijiet ta' assigurazzjoni tal-mard/tas-saħħa*

6.5.1. Għall-entitajiet tal-ġestjoni tal-assigurazzjoni tal-mard/tas-saħħa obbigatorji, kemm pubbliċi kif ukoll privati (bħall-kumpaniji mutwalistiċi) li se jintlaqtu bil-kbir, l-isfidi tal-ġejjieni se jkunu li:

— jiżvilppaw mekkaniżmi ta' prevenzjoni, dijanjosi u segwitu ta' trattamenti adattati u individwalizzati u jfasslu programmi u soluzzjonijiet personalizzati qabel ma jkun hemm ir-riskji, abbażi tal-prinċipji tal-mutwalizzazzjoni, filwaqt li jibqa' jinżamm l-iskop tradizzjonali li huwa li l-persuni li jimirdu jkunu jistgħu jaċċessaw il-kura;

— jarmonizzaw l-offerti tas-servizzi tas-saħħa mal-ħtiġijiet li jinbidlu tal-pazjenti;

— jassistu lill-pazjenti billi jevitaw ir-riskji tal-istigmatizzazzjoni u tal-kolpabbiltà: il-kumpaniji mutwalistiċi diġà għandhom rwol importanti fil-prevenzjoni, fis-segwitu tal-kura u fis-segwitu tal-pazjenti; dan ir-rwol għandu wkoll jiġi estiż għall-entitajiet pubbliċi tal-assigurazzjoni tal-mard/tas-saħħa;

— jissieltu kontra l-inugwaljanzi soċjali fis-saħħa li jistgħu jirriżultaw mid-distakk diġitali billi jkabbru l-litteriżmu (permezz, b'mod partikolari, tat-tisħiħ tal-kompetenzi);

---

([5]) Franza għamlet pass importanti bl-adozzjoni ta' Diabeo, wara parir mill-kummissjoni nazzjonali għall-evalwazzjoni tal-apparat mediku u tat-teknoloġiji tas-saħħa. Is-soluzzjoni Diabeo hija softwer imqabbad ma' telesorveljanza medika u prestazzjoni teknika ta' taħriġ fl-użu tas-softwer. Is-softwer Diabeo għandu l-għan li jgħin lill-pazjent fil-kalkolu ta' kuljum tad-dożi tal-insulina b'effett mgħaġġel jew bil-mod, skont l-objettivi stabbiliti minn qabel mit-tabib li jkun kiteb ir-riċetta medika. Dan huwa disponibbli permezz ta' applikazzjoni fuq terminal mobbli (smartphone jew tablet) għall-pazjent u permezz ta' web portal.

([6]) Żviluppat minn kumpanija mutwalistika Franċiża (MGEN) u trażmess fil-Belġju minn impriża mutwalistika Belġjana (Solidaris), Vivoptim huwa programm tas-saħħa elettronika ġdid li jipprevjeni u jassisti r-riskji kardjovaskulari u li jipproponi pakkett ta' servizzi individwalizzati, bis-saħħa ta' għodod diġitalizzati u oġġetti konnessi, li jiġu fi tliet programmi ta' assistenza u 13-il kors ta' prevenzjoni adattati skont is-sitwazzjoni, l-aspettattivi u l-ħtiġijiet ta' kull utent, mill-prevenzjoni għall-persuni f'saħħithom għall-ġestjoni tal-mard kroniku.

— inaqqsu l-imġibiet riskjużi u jissorveljaw il-konformità mar-riċetti tal-professjonisti tas-saħħa. It-tiftixa għal għodod effettivi li jissodisfaw il-ħtiġijiet hija sfida fondamentali;

— jagħtu prijorità lill-kwalità tal-ħajja tal-membri. Din l-isfida hija marbuta wkoll ma' għanijiet ekonomiċi u tal-kontroll tar-riskji kif ukoll, għaldaqstant, mal-infiq fuq is-saħħa;

— jissistematizzaw il-ġestjoni elettronika tal-fajls tal-pazjenti u tar-relazzjonijiet mal-prestaturi tal-kura, fost affarijiet oħra, permezz tad-diġitalizzazzjoni taċ-ċertifikati tal-kura mogħtija, tal-fajl tal-pazjent u tal-ktejjeb mediku diġitalizzat;

— jadattaw ir-rimborżi għall-forom ġodda ta' kura u ta' segwitu tal-pazjenti mill-professjonisti tas-saħħa;

— isiru parti terza ta' fiduċja fir-rigward tal-użu u l-ġestjoni tal-fluss tad-data tas-saħħa kif ukoll tal-ġbir tagħha, minħabba r-riskju li din id-data tiġi kkumerċjalizzata b'mod mhux awtorizzat.

6.5.2. Il-kumpaniji mutwalistiċi tas-saħħa li kienu l-prekursuri tal-assigurazzjoni tal-mard issa se jkunu jistgħu jiffokaw fuq l-offerta ta' assistenza permanenti u individwalizzata ta' kull membru msieħeb magħhom. Kemm għall-prodotti/servizzi li jipproponu kif ukoll għall-assistenza tal-individwu fit-tfittxija tiegħu għall-benesseri jew fil-perkors tal-kura tiegħu, il-kumpaniji mutwalistiċi tas-saħħa għandu jkollhom is-setgħa li jkunu preżenti, b'mezz ta' komunikazzjoni jew ieħor, fil-ħajja tal-membri tagħhom u li jipproponu tweġiba unika skont il-ħtiġijiet tagħhom.

## 7. **L-impatti tal-atturi "interferenti" tad-diġitalizzazzjoni fuq l-assigurazzjoni tal-mard u fuq is-soċjetà**

7.1. Minkejja l-elementi kollha msemmija qabel, li jagħtu xhieda tal-kumplessità tal-isfidi tad-diġitalizzazzjoni fil-qasam tas-saħħa, il-wasla ta' parteċipanti informatiċi ġodda se ġġib magħha tisħiħ fis-setgħa ekonomika fis-sistemi tal-assigurazzjoni tal-mard/tas-saħħa tagħna.

7.2. Dan it-taqlib bla dubju sar possibbli minħabba li tfaċċaw sensers, li saru ekonomikament aċċessibbli u teknikament "affidabbli", kif ukoll, fuq kollox, bis-saħħa tal-kapaċità taċ-ċentralizzazzjoni u tal-analiżi tad-data, permezz ta' smartphone jew ta' interfaċċja fuq l-Internet. Huwa proprju b'dan il-mod li tiġi żviluppata ekosistema ta' applikazzjonijiet mobbli, li issa se jkunu msejsa fuq il-prinċipju tal-objettivi, tal-komunikazzjoni u tal-"ludifikazzjoni". Dan jippermetti lill-manifatturi tal-ambjenti mobbli li jiddefinixxu l-istandards tal-ġestjoni tad-data tas-saħħa permezz tas-servizzi tagħhom imfassla apposta ([7]).

7.3. Hemm il-bżonn li "GAFAMA" (Google, Apple, Facebook, Amazon, Microsoft u Alibaba) ([8]) u oħrajn li għadhom iridu jinħolqu għada pitgħada jkunu jikkontrollaw din il-mediċina l-ġdida waqt li jibbażaw dejjem aktar fuq it-teknoloġiji tal-informazzjoni u d-dekodifikazzjoni tagħhom. Preċiżament dan huwa il-mestier tal-mexxejja tal-ekonomija diġitali, li jużaw dawn it-teknoloġiji sabiex jaħtfu l-kontroll tal-ekosistemi fis-setturi kollha.

7.4. Il-qawwa ta' dawn il-pjattaformi tiġi mit-tisjis tal-mudell ta' żvilupp tagħhom fuq il-forniment lill-massa ta' prodott jew servizz marbut mal-popolazzjoni, li jagħtihom aċċess għal data abbundanti li mbagħad tiġi mmonetizzata. Il-monetizzazzjoni tad-data tippermettilhom joffru għadd kbir ta' servizzi b'xejn li jiżguraw il-frekwentazzjoni tal-massa u li jsostnu ċirku virtwuż fejn kull pjattaforma tistinka biex tirristrinġi lill-konsumatur f'ekosistema kemm jista' jkun magħluqa. Ġaladarba din tiswihom biss l-ispejjeż tassew marġinali tal-forniment tas-servizzi, il-mudell ekonomiku tal-Internet naturalment jiffavorixxi lill-akbar parteċipanti li jikkapparraw parti kbira mill-valur maħluq u li mbagħad ikollhom f'idejhom kapaċitajiet ta' investiment enormi.

7.5. Għandu jħasseb il-fatt li huma biss il-"GAFAMA" li jinsabu f'qagħda li jieħdu vantaġġ minn din id-data mqassma bla ħlas, meta titqabbel mad-data kollha rigward l-imġiba tal-individwi li tinġabar minn bnadi oħra. Quddiem il-ġganti tal-qasam diġitali, preżenti u futuri, huwa essenzjali li jiġi mħares, kemm għaċ-ċittadini, kif ukoll għall-gvernijiet u l-istituzzjonijiet (inklużi l-istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali) Ewropej, is-sovranità tagħhom fl-oqsma tal-identifikazzjoni, il-ġbir u l-użu tad-data tas-saħħa minn perspettiva legali u etika.

([7]) L-istruttura tas-suq tal-"Appstores" essenzjalment tinqasam bejn l-akbar ħames ditti tal-applikazzjonijiet informatiċi [90 % tat-tniżżil elettroniku: Play (Android), Appstore (Apple), Windows Phone Store (Microsoft), App World (Blackberry) u Ovi (Nokia)].

([8]) Il-ġganti tas-suq, il-"GAFAMA" (Google, Appel, Facebook, Amazon, Microsoft u Alibaba) għandhom it-tendenza li jiksbu l-monopolju tal-kontroll tas-saħħa mobbli. Il-qasam tas-saħħa pubblika huwa totalment investit mill-multinazzjonali li fih jaraw potenzjal ta' espansjoni ekonomika.

7.6. Il-valur miżjud ta' din l-informazzjoni, b'mod partikolari fis-saħħa, imbagħad jinqabad u jiġi kkontrollat minn dawn il-pjattaformi u mhux iżjed mill-produtturi tas-sistema tas-saħħa. Ma jkun jifdal xejn imbagħad ħlief li din l-informazzjoni ssir disponibbli għar-"rikjedenti" li jkunu jistgħu jużawha.

7.7. Il-protezzjoni tad-data akkwistata permezz tal-priżma "5 V" (volum, veloċità, varjetà, veraċità, valur) tirrappreżenta valur ekonomiku li jeħtieġ qasam regolatorju evoluttiv marbut mal-ekosistema kollha ("partijiet ikkonċernati multipli"), u dan bil-għan li jiġi evitat kull sfruttar għal finijiet purament kummerċjali.

Brussell, l-20 ta' Settembru 2017.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Analiżi tat-trasparenza, il-metodoloġija u r-riżorsi tal-valutazzjonijiet tal-impatt u l-evalwazzjonijiet li l-Kummissjoni Ewropea qed tniedi biex titjieb il-kwalità tal-leġislazzjoni Ewropea"**

**(Opinjoni fuq inizjattiva proprja)**

(2017/C 434/02)

Relatur: **Denis MEYNENT**

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja | 26.1.2017 |
| Bażi legali | Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura<br>(Opinjoni fuq inizjattiva proprja) |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum |
| Adottata fis-sezzjoni | 5.9.2017 |
| Adottata fil-plenarja | 20.9.2017 |
| Sessjoni plenarja Nru | 528 |
| Riżultat tal-votazzjoni<br>(favur/kontra/astensjonijiet) | 142/0/5 |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-Kumitat ifakkar li l-għan ewlieni tal-programm REFIT ([1]) huwa t-titjib tal-kwalità u l-effiċjenza tal-leġislazzjoni Ewropea u l-iżvilupp ta' regolamenti sempliċi, li jinftiehmu u li jkunu konsistenti, mingħajr ma jiġu kompromessi l-għanijiet strateġiċi tal-politiki tal-UE li diġà ġew stabbiliti u mingħajr ma jittieħdu azzjonijiet li jagħmlu ħsara lill-protezzjoni taċ-ċittadini, tal-konsumaturi, tal-ħaddiema u tad-djalogu soċjali, jew tal-ambjent ([2]). Ir-regolamentazzjoni Ewropea hija fattur ta' integrazzjoni essenzjali. Jekk tkun proporzjonata kif xieraq, hija garanzija ta' protezzjoni, ta' promozzjoni tal-leġislazzjoni Ewropea u ta' sigurtà legali importanti għall-atturi u ċ-ċittadini Ewropej kollha ([3]).

1.2 Minkejja l-progress li sar s'issa, partikolarment taħt l-influwenza tal-ħidma tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju (RSB), il-Kumitat jixtieq li l-ekosistema Ewropew fil-qasam tal-valutazzjoni tal-impatt tiżviluppa iżjed biex tissaħħaħ il-kwalità u tiġi promossa l-integrazzjoni tas-soċjetà ċivili organizzata fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni.

1.3 Għaldaqstant huwa essenzjali li:

— l-ispeċifikazzjonijiet tal-istudji preliminari jew komplementari jkunu trasparenti, aċċessibbli, pluralisti u jheġġu l-iżvilupp ta' xenarji alternattivi li juru b'mod ċar il-konsegwenzi reali tal-għażliet differenti possibbli;

— reġistru Ewropew tal-valutazzjonijiet tal-impatt kif ukoll id-data rilevanti kollha disponibbli (xjentifika, statistika, eċċ.), inkluża l-fehma tal-partijiet interessati, ikunu faċilment disponibbli u aċċessibbli bil-lingwi l-oħra tal-UE, b'mod partikolari s-sommarji eżekuttivi tal-valutazzjonijiet tal-impatt;

— tiġi żgurata n-natura bilanċjata tal-valutazzjonijiet tal-impatt ta' kull proposta leġislattiva billi d-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali, inklużi dawk għall-SMEs u l-mikrointrapriżi, jingħataw l-importanza kollha li jisthoqqilhom.

([1]) It-taqsira tfisser il-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni.
([2]) ĠU C 303, 19.8.2016, p. 45.
([3]) ĠU C 303, 19.8.2016, p. 45.

1.4 Il-Kumitat huwa favur approċċ kwalitattiv li jiffunzjona b'mod ugwali għall-analiżi kwantitattiva u jqis il-benefiċċji mistennija mil-leġislazzjoni.

1.5 Il-Kumitat jitlob lill-Kummissjoni biex tibqa' attenta u tikkontrolla li t-tnaqqis tal-piżijiet regolatorji u amministrattivi ma jnaqqasx l-effettività u l-kwalità globali tal-politiki tal-Unjoni, speċjalment fl-oqsma soċjali u ambjentali, tal-protezzjoni tal-konsumatur u fir-rigward tal-SMEs u tal-mikrointrapriżi.

1.6 Fl-aħħar nett, bħala parti mill-valutazzjoni tal-impatt, il-Kumitat jixtieq:

— li jiġi segwit approċċ metodoloġiku konverġenti bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-valutazzjoni tal-impatt, li jista' jiġi kondiviż mal-korpi konsultattivi biex tiġi ffaċilitata l-ħidma rispettiva tal-istituzzjonijiet u tippermetti l-formulazzjoni ta' emendi u Opinjonijiet;

— li l-kontribut tal-Kumitat fil-monitoraġġ tal-kwalità tisssaħħaħ billi jitħalla jivvaluta ċerti valutazzjonijiet tal-impatt, mill-perspettiva metodoloġika u mil-lat tad-dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi jew territorjali. F'dan ir-rigward, il-Kumitat jinsisti li l-Artikolu 9 tat-TFUE jitqies sistematikament b'mod konkret;

— li jsiru skambji regolari mal-RSB dwar il-metodi tal-valutazzjoni tal-impatt (VI) u l-aħjar prattiki, b'mod partikolari fil-qasam tal-impjieg u tal-koeżjoni territorjali jew li jkollhom impatt fuq l-SMEs u l-mikrointrapriżi.

## 2. **Introduzzjoni**

2.1 Il-valutazzjoni tal-impatt hija ppreżentata bħala approċċ ta' analiżi kontinwa u kritika tal-effetti, pożittivi u negattivi, tal-abbozzi ta' regolamentazzjoni tal-UE, fil-livell ekonomiku, soċjali u ambjentali. Ħmistax-il sena wara t-tnedija tagħha, il-VI saret element fundamentali tal-aġenda tal-UE "Regolamentazzjoni Aħjar".

2.2 Is-sistema tal-VI li topera fl-istadju bikri ħafna taċ-ċiklu tal-politika. Il-VI tippreċedi kwalunkwe inizjattiva ġdida li tkun suxxettibbli li jkollha impatt ekonomiku, ambjentali u soċjali. Jitwettqu b'mod regolari wkoll evalwazzjoni u kontroll tal-idoneità ("fitness check") tal-leġislazzjoni eżistenti jew tal-politiki tal-Unjoni. L-istadju tal-valutazzjoni tal-impatt tal-bidu ("inception impact assessment") jindirizza l-elementi prinċipali tal-valutazzjoni tal-impatt filwaqt li jixtarr it-tipi differenti ta' alternattivi (mill-istatus quo sal-armonizzazzjoni sħiħa). Imbagħad issir il-valutazzjoni tal-impatt innifisha. L-abbozz ta' valutazzjoni jiġi eżaminat mill-RSB. Wara l-fażi tal-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni, issir evalwazzjoni tal-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza u l-valur miżjud tal-UE tal-leġislazzjoni kkonċernata. L-RSB imbagħad jeżamina l-evalwazzjonijiet ewlenin tal-leġislazzjoni tal-UE. Il-kunċett ta' "Regolamentazzjoni Aħjar" huwa għalhekk preżenti fl-istadji kollha tal-proċedura. Il-proċess huwa dejjem iżjed miftuħ għall-partijiet interessati, f'kull stadju, permezz ta' bosta mekkaniżmi ta' konsultazzjoni.

2.3 Il-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (FII) ta' Mejju 2015 ([4]) jirrifletti l-pożizzjoni komuni tat-tliet istituzzjonijiet dwar il-FII. Fid-dawl tal-progress miksub, il-Kumitat silet żewġ tagħlimiet ewlenin:

— in-nuqqas ta' metodoloġija komuni: kull istituzzjoni hija responsabbli għad-definizzjoni tal-metodu proprju tagħha ta' evalwazzjoni, minkejja li l-VI tal-Kummissjoni għandha dejjem tipprovdi l-bażi għall-ħidma bil-għan li jkun hemm approċċ konverġenti;

— l-impenn li l-Kunsill u l-Parlament iwettqu valutazzjoni tal-impatt qabel it-tressiq ta' emendi "sostanzjali", meta dan jitqies meħtieġ.

([4]) Ftehim Interistituzzjonali dwar Tfassil aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

2.4 L-RSB twaqqaf f'Mejju 2015, u ħa kważi sentejn biex ikun komplet. Għandu awtorità msaħħa u responsabbiltajiet wiesgħa li jinkludu l-kontroll tal-kwalità tal-proġetti tal-VI, tal-kontroll tal-idoneità u tal-evalwazzjonijiet ewlenin tal-leġislazzjoni eżistenti tal-UE ([5]). Il-professjonalizzazzjoni tal-RSB għamilitha inqas possibbli li ma jiġux ikkunsidrati l-impatti soċjali u ambjentali. L-RSB analizza 60 VI fl-2016 li minnhom 25, jiġifieri 42 %, irċevew opinjoni negattiva inizjali li obbligat lill-awturi tagħhom iressquha mill-ġdid quddiem il-kumitat. Bħalissa, il-Kumitat jillimita l-Opinjonijiet tiegħu għall-valutazzjoni tal-impatt. Fil-futur, jista' jikkunsidra b'mod siewi l-mod li bih il-proposta leġislattiva tirrifletti l-valutazzjoni tal-impatt u jqis dan il-fatt.

## 3. **Evalwazzjoni tal-proċess tal-VI**

3.1 *Valutazzjoni multidimensjonali tal-impatt*

3.1.1 Il-VI hija bbażata fuq sett ta' kriterji u testijiet li jikkonċernaw b'mod partikolari l-impatti:

— ekonomiċi, soċjali u ambjentali;

— fuq il-konsumaturi;

— fuq l-intrapriżi ż-żgħar u l-mikrointrapriżi;

— fuq il-kummerċ u l-investiment internazzjonali;

— fuq il-piż amministrattiv u regolatorju;

— fil-qasam tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità;

— fil-livell tal-koeżjoni reġjonali u territorjali.

3.1.2 Il-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni huma, fil-prinċipju, ta' natura integrata li jkopru, għal kull każ, l-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali l-aktar sinifikanti u rilevanti.

3.1.3 Matul is-snin, il-Kunsill u, xi drabi, il-PE żiedu kriterji addizzjonali:

— test dwar id-dimensjoni esterna tal-kompetittività ("competitiveness proofing");

— test dwar ir-rispett tad-drittijiet fundamentali;

— test dwar il-kompatibbiltà tal-proposti mal-ekonomija diġitali;

— test dwar ir-rispett tal-prinċipju tal-innovazzjoni.

3.1.4 Dawn il-kriterji differenti jobbligaw lill-Kummissjoni tibbilanċja l-għanijiet jew il-preokkupazzjonijiet differenti billi: telenka l-kriterji skont ordni ta' preċedenza; tiddeċiedi li tali kriterju għandu jieħu preċedenza fuq l-oħrajn bħala l-kriterju deċiżiv jew il-kriterji deċiżivi; u tarbitra l-għażliet tal-politika fil-konfront ta' kriterji li jikkompetu ma' xulxin:

— is-sussidjarjetà versus l-armonizzazzjoni;

— il-kompetittività versus il-protezzjoni soċjali u l-kwalità tal-impjieg;

— il-prinċipju tal-prekawzjoni versus il-prinċipju tal-innovazzjoni, eċċ.

3.1.5 L-istudju dwar is-sistema tal-VI tal-Kummissjoni li sar fl-2007 minn The Evaluation Partnership (TEP) ([6]), konsulent privat Brittaniku, identifika għadd ta' nuqqasijiet, b'mod partikolari fl-oqsma tal-protezzjoni soċjali u ambjentali. Skont TEP, il-kwalità fqira tal-VI kienet dovuta għal żbalji fil-perjodu ta' żmien magħżul, fil-mekkaniżmi ta' kontroll tal-kwalità tal-evalwazzjonijiet, fin-nuqqas ta' monitoraġġ u ta' assistenza tal-VI (taħriġ, koordinazzjoni, data inkompleta jew nieqsa, eċċ.). Fl-2010, il-Qorti tal-Awdituri kkonkludiet li "fil-prattika, il-ħidma tal-VI tal-Kummissjoni kienet asimmetrika kemm bejn it-tliet pilastri kif ukoll bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji" ([7]).

([5]) Fir-rapport annwali tiegħu tal-2016 https://ec.europa.eu/info/law/law-making-process/regulatory-scrutiny-board_en#annual-reports
([6]) The Evaluation Partnership Limited (2007), https://ec.europa.eu/info/law/law-making-process/planning-and-proposing-law/impact-assessments_mt
([7]) Il-valutazzjonijiet tal-impatt fl-istituzzjonijiet tal-UE huma ta' appoġġ għat-teħid tad-deċiżjonijiet?, Rapport speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 3, 2010, punt 64, p. 36.

3.1.6 F'dan ir-rigward, il-Kumitat itenni t-talba tiegħu li l-Artikolu 9 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ([8]) jiġi sistematikament użat bħala bażi tal-ħidma ta' evalwazzjoni ([9]).

3.2 *Is-sett ta' għodda għal "Regolamentazzjoni Aħjar"* ([10]) *fir-rigward tal-protezzjoni soċjali u tal-impjieg*

3.2.1 Il-Kummissjoni żviluppat "sett ta' għodda" fil-Komunikazzjoni tagħha ([11]) tad-19 ta' Mejju 2015 dwar Regolamentazzjoni Aħjar. Dan is-sett ta' għodda joffri gwida dettaljata tal-VI permezz ta' 59 strument (għodod, kriterji, testijiet, eċċ.) sabiex jgħinu lill-Kummissjoni, iżda wkoll lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

3.2.2 Fost id-59 strument propost, tnejn minnhom jinteressaw lill-KESE b'mod partikolari. Dawn huma l-għodda nru 7 ("requirements for social partner initiatives" rekwiżiti fir-rigward tal-inizjattivi tal-imsieħba soċjali) u l-għodda nru 25 ("employment, working conditions, income distribution and inequality" – impjieg, kundizzjonijiet tax-xogħol, distribuzzjoni tad-dħul u inugwaljanzi).

3.2.3 Fil-fatt, dawn l-għodod jidhru pjuttost bħala lista indikattiva ta' mistoqsijiet li jinqalgħu f'każ ta' inizjattiva li tiżvela impatt soċjali jew fuq l-impjieg. Il-mistoqsijiet huma ġenerali, newtrali u ftit li xejn jispiraw. Għalhekk, l-għodda nru 25 tagħmel, fost l-oħrajn, il-mistoqsijiet li ġejjin:

— l-għażla twassal għall-ħolqien dirett ta' impjiegi jew għal telf ta' impjiegi f'setturi speċifiċi, professjonijiet, livelli ta' ħiliet, reġjuni, pajjiżi (jew taħlita tagħhom) b'konsegwenzi għal gruppi soċjali u/jew speċifiċi? Liema?;

— l-għażla taffettwa direttament jew indirettament il-protezzjoni tal-impjieg, speċjalment il-kwalità tal-kuntratti tax-xogħol, ir-riskju ta' xogħol mhux iddikjarat jew l-impjieg indipendenti falz?;

— l-għażla ser ikollha impatt fuq l-inugwaljanzi u d-distribuzzjoni tad-dħul u l-ġid fl-Unjoni jew f'parti minnha?

3.2.4 Dawn il-mistoqsijiet jammontaw ta' spiss għal deskrizzjoni ta' sensiela ta' konsegwenzi potenzjali, negattivi u pożittivi. Huma ftit li xejn jipprovdu inċentiv biex jiġu żviluppati analiżijiet iżjed fil-fond f'dak li jirrigwarda l-kwalità jew il-volum tax-xogħol b'mod partikolari.

3.2.5 Barra minn hekk, jidher li, f'ċerti każijiet, il-kriterji soċjali u ambjentali mhumiex inklużi b'mod sistematiku u komprensiv fil-VI tal-Kummissjoni, u dan għal diversi snin ([12]), anke jekk il-Kummissjoni ssostni, min-naħa tagħha, li din tqis l-impatti soċjali f'70 % tal-VI u tal-impatti ambjentali f'45 % tal-każijiet.

3.3 *Niċċaraw il-metodoloġija tal-Kummissjoni*

3.3.1 Id-direttorati ġenerali (DĠ) huma responsabbli għall-metodi analitiċi u l-mudelli li fuqhom jibbażaw ruħhom is-servizzi tal-Kummissjoni biex jiżviluppaw il-proposti leġislattivi tagħhom. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, id-direttorati ġenerali jwettqu l-valutazzjonijiet tal-impatt internament abbażi ta' linji gwida dwar il-VI1 ([13]) u s-"sett ta' għodda". F'ċerti każijiet, id-DĠ kkonċernat jagħmel użu minn konsulent estern magħżul abbażi ta' proċedura miftuħa u trasparenti, sabiex japprofondixxi punt partikolari tal-VI.

3.3.2 Mit-total tad-59 għodda inklużi fis-sett ta' għodda, tnejn jew tlieta biss jidhru bħala għodod li jistgħu jiggwidaw id-deċiżjoni f'dak li jirrigwarda l-kwalità tal-impjieg, il-protezzjoni soċjali, il-livell ta' remunerazzjoni, eċċ. Dan huwa b'mod ċar qasam fejn għandu jissaħħaħ is-sett ta' għodda.

([8]) L-Artikolu 9 tat-TFUE jistipula li: "Fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-azzjonijiet tagħha, l-Unjoni tieħu kont tal-ħtiġijiet marbuta mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjieg, mal-garanzija ta' protezzjoni soċjali adegwata, mal-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali kif ukoll ma' livell għoli ta' edukazzjoni, taħriġ u protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem".

([9]) ĠU C 24, 28.1.2012, p. 29.

([10]) https://ec.europa.eu/info/better-regulation-guidelines-and-toolbox_mt

([11]) Better Regulation Guidelines, SWD(2015) 111, 19 ta' Mejju 2015 (mhux disponibbli bil-Malti).

([12]) Renda A., Schrefler L., Luchetta G. u Zavatta R. (2013) Assessing the costs and benefits of regulation. A CEPS – Economisti Associati Study for the European Commission.
http://ec.europa.eu/smart-regulation/impact/commission_guidelines/docs/131210_cba_study_sg_final.pdf, studju ċċitat minn Isabelle Schömann f'"EU Refit machinery 'cutting red tape' at the cost of the acquis communautaire", f'Policy brief 5/2015, ETUI, 2015.

([13]) Il-linji gwida dwar il-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni u materjal ieħor relatat huma disponibbli f'dan l-indirizz: https://ec.europa.eu/info/law-making-process/planning-and-proposing-law/impact-assessments_mt

3.4 *Ċaqliq gradwali tal-VI lejn it-tnaqqis tal-ispejjeż?*

3.4.1 Il-kwantifikazzjoni tal-piżijiet regolatorji u amministrattivi

3.4.1.1 Il-programm REFIT għandu l-għan li jidentifika l-piżijiet inutli, l-inkonsistenzi jew il-miżuri ineffettivi u jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jinstab rimedju għas-sitwazzjoni. Fl-2013, fil-qafas tal-programm REFIT, twettaq immappjar tal-ġabra leġislattiva kollha tal-UE.

3.4.1.2 Il-Kunsill Kompetittività tal-UE stieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa u tistabbilixxi miri ta' tnaqqis fl-oqsma partikolarment ta' piż, b'mod speċjali għall-SMEs ([14]).

3.4.1.3 Il-Kunsill Kompetittività tas-26 ta' Mejju 2016 laqa' wkoll "l-impenn tal-Kummissjoni fil-Ftehim Interistituzzjonali biex tkompli tikkwantifika l-isforzi ta' simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv tagħha, biex tippreżenta stħarriġ annwali dwar il-piżijiet, u, fejn possibbli, tikkwantifika t-tnaqqis tal-piżijiet regolatorji jew il-potenzjal tal-iffrankar ta' proposti individwali jew ta' atti legali" ([15]).

3.4.2 Il-Kumitat jitlob lill-Kummissjoni biex tibqa' attenta f'li tikkontrolla t-tnaqqis tal-piż regolatorju ma jnaqqasx l-effettività u l-kwalità globali tal-politiki tal-UE, speċjalment fl-oqsma soċjali, ambjentali, tal-protezzjoni tal-konsumatur u fir-rigward tal-SMEs u tal-mikrointrapriżi.

## 4. **Proposti u rakkomandazzjonijiet**

4.1 Minkejja l-progress li diġà sar, l-ekosistema Ewropea fil-qasam tal-VI għad trid tiġi żviluppata iżjed. Aħna nipproponu seba' punti ta' titjib biex tissaħħaħ il-kwalità tal-VI u jitheġġeġ il-kontribut tas-soċjetà ċivili organizzata fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni.

4.2 *Speċifikazzjonijiet għal studji fil-qasam tal-VI li jkunu trasparenti, aċċessibbli u pluralisti*

4.2.1 Il-Kumitat jitlob li l-Kummissjoni tiċċara iktar il-metodoloġija użata biex jiġi kkalkulat l-impatt tal-inizjattiva tagħha, l-ambitu tal-istudju u kull limitu tal-istudju (limiti territorjali, il-gruppi destinatarji, eċċ.).

4.2.2 Jekk xi partijiet jew sottopartijiet sinifikanti tal-VI jiġu esternalizzati, il-Kumitat jitlob li jiġi ppubblikat l-isem tal-kandidat.

4.2.3 Huwa importanti li l-ispeċifikazzjonijiet jiddeskrivu b'mod ċar ix-xenarji alternattivi li juru l-konsegwenzi tal-għażliet kollha possibbli, inklużi:

— il-kompetittività tal-UE u l-intrapriżi tagħha;

— il-protezzjoni soċjali u ambjentali;

— l-iżvilupp tal-mikrointrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar;

— l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel;

— il-koeżjoni territorjali, eċċ.

4.2.4 Huwa importanti li finalment tiġi privileġġjata proposta li tlaqqa' flimkien bl-aħjar mod possibbli d-dimensjonijiet differenti fid-dawl tal-Artikolu 3(3) tat-TUE ([16]) u l-Artikolu 9 tat-TFUE ([17]).

([14]) Punt 9 tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill – Regolamentazzjoni aħjar biex tissaħħaħ il-kompetittività, Dokument 8849/16 tat-18 ta' Mejju 2016.

([15]) Punt 7 tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2016 – Regolamentazzjoni aħjar biex tissaħħaħ il-kompetittività, Dokument 8849/16 tat-18 ta' Mejju 2016.

([16]) "L-Unjoni għandha tistabbilixxi suq intern. Hija għandha taħdem għall-iżvilupp sostenibbli tal-Ewropa mibni fuq tkabbir ekonomiku bilanċjat u stabbiltà tal-prezzijiet, ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna, intiża li twassal għal livell massimu ta' impjieg u progress soċjali, u livell għoli ta' protezzjoni u ta' titjib tal-kwalità tal-ambjent. Hija għandha tippromwovi l-iżvilupp xjentifiku u teknoloġiku."

([17]) Ara n-nota 6 f'qiegħ il-paġna.

4.2.5 Biex jappoġġjaw lill-koleġislaturi fl-abbozzar tal-emendi tagħhom, il-VI għandhom jipprovdu alternattivi li jipprevedu, pereżempju, xenarji li jirrispettaw aktar l-impjieg, il-protezzjoni soċjali u ambjentali, il-koeżjoni territorjali u l-politika tal-konsumatur.

4.3 *It-twessigħ tar-reġistru Ewropew tal-VI*

4.3.1 It-trasparenza hija prerekwiżit essenzjali għall-governanza tajba. Fir-reġistru ([18]) tad-dokumenti tal-Kummissjoni hemm il-lista tal-valutazzjonijiet tal-impatt u l-Opinjonijiet korrispondenti tal-RSB. Dan ir-reġistru huwa madankollu ftit li xejn magħruf mill-pubbliku inġenerali, u huwa disponibbli biss bl-Ingliż.

4.3.2 Il-Kumitat għalhekk jitlob li l-Kummissjoni tagħmel mod li dan is-sit isir aktar magħruf, bil-kooperazzjoni tal-organizzazzjonijiet intermedjarji, u li tinkludi l-fehmiet tal-partijiet interessati u l-istudji rilevanti, inklużi s-sommarji tal-VI, u tiffaċilita l-qari bil-lingwi l-oħra tal-UE.

4.4 *Il-ħtieġa ta' approċċ kwalitattiv*

4.4.1 Il-KESE jirrakkomanda li l-approċċ kwantitattiv jew monetarju jiffunzjona b'mod għalkollox ugwali ma' approċċ kwalitattiv, li jiffoka fuq id-dimensjoni umana tal-prossimità, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u l-kuntatt mal-kuntest reali. Ir-raġunijiet li jitolbu li ninvestu f'approċċ kwalitattiv jinkludu dawn li ġejjin:

— id-diffikultà li jitkejlu l-effetti fuq perjodu ta' żmien medju u fit-tul fuq l-interess ġenerali tal-UE. L-approċċi bbażati fuq l-ispejjeż jsibu diffikultà biex ikejlu l-iżviluppi reali mil-lat soċjali jew ta' żvilupp sostenibbli;

— in-nuqqas ta' data disponibbli jew affidabbli. Il-metodi ekonometriċi u kwantitattivi ma jistgħux jikkalkulaw l-impatti kollha. Fil-biċċa l-kbira tagħhom, dawn huma limitati f'li jiġġeneralizzaw u jaggregaw id-data li ta' spiss tkun parzjali jew mhux kompluta, u titwarrab kwalunkwe informazzjoni li ma tistax titkejjel: il-kwalità tad-djalogu soċjali, l-iżvilupp tal-protezzjoni soċjali, il-livell tal-inklużjoni reġjonali, il-livell reali tal-prekarjetà u l-esklużjoni, eċċ.;

— l-inkomparabbiltà tad-data. Il-metodi kwantitattivi jvarjaw fin-natura tagħhom. Il-kampjuni, is-snin ta' referenza, u d-data xjentifika jvarjaw minn metodu għal ieħor. Għalhekk, huwa ta' spiss diffiċli li jsiru paraguni bejn il-metodi u li jinsiltu tagħlimiet siewja minnhom;

— il-kunfidenzjalità. L-approċċi kunfidenzjali huma bbażati fuq kampjuni, stħarriġ, u sondaġġi pubbliċi parzjali. Min-natura tagħhom, tali approċċi jħallu barra ċerta informazzjoni kunfidenzjali dwar il-klima soċjali ta' intrapriża, industrija jew settur partikolari.

4.4.2 Il-VI għandhom dejjem jiffavorixxu approċċ abbażi tal-ispejjeż u l-benefiċċji. It-tnaqqis fin-numru ta' mard u l-livelli ta' tniġġis, emissjonijiet li jniġġsu u ta' inċidenti qatt ma jista' jiġi ddeterminat sempliċement fuq il-bażi ta' VI kwantitattivi biss. Kompetizzjoni aktar ġusta, kummerċ ġust u kundizzjonijiet aħjar tax-xogħol ma jistgħux jiġu ddeterminati fuq il-bażi ta' VI kwantitattivi. Huwa kruċjali li l-Kummissjoni tagħti preċedenza lil valutazzjoni kwalitattiva, fl-interess tal-partijiet kollha interessati.

4.5 *Il-ħtieġa ta' approċċ metodoloġiku konverġenti fil-livell tal-matriċi ta' riċerka*

4.5.1 Minkejja li l-FII kkonkluda li kull istituzzjoni setgħet jiżviluppa l-metodoloġija proprja tagħha, il-Kumitat jipproponi li l-PE, il-Kunsill u l-Kummissjoni jagħmlu riflessjoni fil-fond dwar dan is-suġġett, u din għandha tkun miftuħa wkoll għall-Kumitat.

4.5.2 Din mhijiex tant kwistjoni li tiġi proposta metodoloġija uniformi iżda li jkun hemm qbil minn qabel dwar matriċi metodoloġika konverġenti, jiġifieri dwar l-elementi metodoloġiċi bażiċi, bħalma huma d-definizzjoni tal-ambitu tal-istudju, l-istrateġija tar-riċerka, l-għażla tal-għodod, l-alternattivi preferuti, eċċ.

4.5.3 L-għan fit-tul huwa li jiġi promoss djalogu fir-rigward tal-għażliet metodoloġiċi privileġġjati mill-Kummissjoni sabiex jiġi faċilitat ix-xogħol ta' emendar f'kull istituzzjoni.

4.5.4 B'dan il-mod, il-proposti tal-Kumitat f'dan il-kuntest jistgħu jintlaqgħu b'mod aktar favorevoli mill-koleġislaturi.

([18]) Dan ir-reġistru jista' jiġi kkonsultat fis-sit web tal-Kummissjoni Ewropea f'dan l-indirizz: http://ec.europa.eu/transparency/regdoc/?fuseaction=ia

4.6 *Evalwazzjoni mmirata tal-kwalità tal-VI mill-Kumitat*

4.6.1 Il-KESE għandu unità ddedikata għall-evalwazzjoni kwalitattiva ex post ta' ċerti leġislazzjonijiet Ewropej immirati. Fil-futur, din l-unità tista' tiffaċilita l-azzjoni tal-membri tal-Kumitat u anke tipprovdi analiżi ta' ċerti VI, teżamina l-aspetti metodoloġiċi u tagħti opinjoni dwar jekk id-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali, ambjentali jew territorjali għandhomx jiġu kkunsidrati. Din il-ħidma għandha wkoll tiffaċilita l-iżvilupp ta' kwalunkwe Opinjoni konsultattiva tal-KESE relatata mal-abbozzi ta' leġislazzjoni mħejjija minn dawn l-istess valutazzjonijiet tal-impatt.

4.6.2 Għandu jitwaqqaf djalogu regolari bejn il-KESE u l-Kummissjoni Ewropea dwar il-konsultazzjonijiet u l-valutazzjonijiet tal-impatt.

4.7 *Kooperazzjoni bejn il-KESE u l-RSB*

4.7.1 Għandhom jiġu kkunsidrati l-modi ta' kooperazzjoni informali iżda regolari bejn l-RSB u l-Kumitat.

4.7.2 Minbarra skambju ta' fehmiet informali u kooperazzjoni ad hoc, huwa importanti li titrawwem kollaborazzjoni dinamika mal-Kumitat fuq iż-żewġ naħat:

— l-organizzazzjoni ta' skambji ta' fehmiet regolari dwar l-approċċi metodoloġiċi fil-qasam tal-VI u l-prattiki tajbin, dwar l-emendi sostanzjali għall-proposti tal-Kummissjoni kif ukoll fuq l-eżerċizzju għas-semplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż regolatorju;

— informazzjoni adegwata lill-Kumitat qabel kwalunkwe inizjattiva tal-Kummissjoni li tinkludi dimensjoni sostanzjali fil-qasam soċjali u tal-impjieg, ambjentali u tal-koeżjoni territorjali fil-livell tal-VI. Għal dan il-għan, il-Kumitat għandu jkun wieħed mid-destinatarji li lilhom il-Kummissjoni tindirizza l-valutazzjonijiet preliminari (inception evaluation) u l-valutazzjonijiet tal-impatt tagħha.

4.7.3 Min-naħa tiegħu, il-Kumitat ser jiżviluppa, fejn ikun meħtieġ, sommarju tar-rakkomandazzjonijiet ewlenin tiegħu dwar l-ambitu kopert mill-valutazzjoni tal-impatt partikolari u jressaq kwalunkwe data jew informazzjoni li tista' tkun rilevanti għax-xogħol tal-Kummissjoni fil-qasam tal-VI u l-eżami relatat ma' dan min-naħa tal-RSB.

4.7.4 l-Kumitat ser jikkondividi wkoll il-valutazzjoni ex-post tiegħu dwar l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġislazzjoni.

Brussell, l-20 ta' Settembru 2017.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Sistema fiskali favorevoli għal kompetizzjoni ġusta u għat-tkabbir ekonomiku"**

**(opinjoni fuq inizjattiva proprja)**

(2017/C 434/03)

Relatur: **Petru Sorin DANDEA**

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja | 26.1.2017 |
| Bażi legali | Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura |
| | Opinjoni fuq inizjattiva proprja |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali |
| Adottata fis-sezzjoni speċjalizzata | 7.9.2017 |
| Adottata fis-sessjoni plenarja | 20.9.2017 |
| Sessjoni plenarja Nru | 528 |
| Riżultat tal-votazzjoni | 149/6/18 |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Flimkien mal-evitar tat-taxxa, l-ippjanar aggressiv promoss minn ċerti impriżi fil-qasam tat-taxxa jwassal għal telf ta' dħul sinifikanti għall-baġits tal-Istati Membri. Il-KESE jirrakkomanda lill-Istati Membri biex jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jiġġieldu kontra dan il-fenomenu ta' ħsara kbira, billi jistabbilixxu mill-aktar fis possibbli r-regolamenti fiskali meħtieġa.

1.2 Waqt li jirrikonoxxi li l-inizjattivi għall-ġlieda kontra l-ippjanar aggressiv tat-taxxa ma jistgħux jagħtu riżultati sakemm ma jiġux implimentati fil-livell globali, il-KESE huwa tal-parir li l-Kummissjoni u l-Istati Membri ikomplu u jintensifikaw l-attivitajiet ta' negozjar fil-livell ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, bħall-OECD u l-G20, sabiex titfassal regolamentazzjoni effikaċi biex tiġi miġġielda l-evażjoni tat-taxxa.

1.3 Il-KESE jilqa' d-deċiżjoni tal-Kunsill li japprova l-kriterji proposti mill-Kummissjoni sabiex tiddetermina l-ġurisdizzjonijiet magħrufa bħala rifuġji fiskali. Iqis li din il-miżura mhijiex pass importanti fil-ġlieda kontra l-ippjanar aggressiv tat-taxxa sakemm ma tkunx ikkompletata minn sanzjonijiet applikabbli għal dawn il-ġurisdizzjonijiet, kif ukoll għall-intrapriżi li jkomplu jirrikorru għall-imsemmi ppjanar aggressiv tat-taxxa fil-kuntest tal-attivitajiet tagħhom ta' natura finanzjarja. Dawn is-sanzjonijiet jistgħu jinkludu l-projbizzjoni ta' aċċess għal fondi pubbliċi għall-impriżi konċernati.

1.4 Il-Kumitat jirrakkomanda li l-Istati Membri jastjenu milli jkomplu jinkoraġġixxu l-kompetizzjoni fiskali permezz ta' għadd ta' deċiżjonijiet tat-taxxa li ma jkunux iġġustifikati mir-realtà ekonomika tal-attivitajiet iżda jiffavorixxu lill-kumpaniji b'mod inġust meta mqabbla mal-kompetituri tagħhom.

1.5 Il-KESE jemmen li l-armonizzazzjoni u s-semplifikazzjoni tar-regolamentazzjoni fiskali għandhom ikunu ta' prijorità għall-Istati Membri. Barra minn hekk, it-tneħħija sħiħa tal-ostakli ta' natura fiskali għandha tikkompleta l-isforzi ta' armonizzazzjoni.

1.6 Il-globalizzazzjoni qiegħda twassal għat-trasferiment tal-piż tat-taxxa fuq il-kapital fil-qasam tas-suq tax-xogħol, li twassal biex jiżdiedu l-ispejjeż tal-forza tax-xogħol u jikbru l-inugwaljanzi. Il-KESE jirrakkomanda li fil-kuntest ta' riformi fil-qasam tat-tassazzjoni, l-Istati Membri jikkunsidraw li jgħaddu l-piż tat-taxxa minn fuq l-impjiegi għal fuq il-finanzi jew prattiki li jagħmlu ħsara lill-ambjent.

1.7 Il-KESE jipproponi li l-Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva (BKKTK) tiġi estiża fil-livell tas-suq uniku u anke f'livell ieħor. Dan joħloq sistema ta' tassazzjoni iktar prevedibbli u favorevoli għall-komunità tan-negozju, billi tnaqqas l-ispejjeż tal-konformità tal-investimenti transkonfinali.

1.8 Il-KESE jirrakkomanda li l-formula ta' kondiviżjoni tal-profitti taxxabbli, fil-kuntest tal-operazzjoni ta' konsolidazzjoni tal-BKKTK, tkun ibbażata kemm jista' jkun fuq il-prinċipju tat-tassazzjoni tal-profitti fil-post fejn tkun seħħet l-attività. B'dan il-mod ikun iktar faċli li jintlaħaq il-kunsens meħtieġ għall-approvazzjoni tal-miżura. Jekk il-miżuri reċenti Ewropej kontra l-evitar tat-taxxa ma jwasslu għall-ebda riżultat u l-BKKTK ma tiksibx l-għanijiet tagħha, tista' titqies rata tat-taxxa korporattiva minima sabiex tiġi evitata ġirja għall-qiegħ.

1.9 Fir-rigward tar-riżorsi baġitarji proprji tal-UE, il-KESE jirrakkomanda li l-Istati Membri jfittxu soluzzjonijiet sabiex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar ir-Riżorsi Proprji. Żieda fir-riżorsi proprji tal-UE għandha tippermetti li jkun hemm appoġġ aktar b'saħħtu għall-politiki ta' żvilupp u ta' koeżjoni fl-Istati Membri.

1.10 Il-munita unika għadha waħda mill-aktar kisbiet importanti tal-UE. Madankollu din għadha ma żviluppatx il-potenzjal kollu tagħha minħabba l-frammentazzjoni tas-sistema fiskali Ewropea. Il-KESE jtenni l-proposta tiegħu li jiġi introdott "serp fiskali", fuq il-mudell tas-"serp monetarju" ([1]) li ġie stabbilit qabel l-introduzzjoni tal-munita unika. Huwa jaħseb li l-ewwel nett jista' jkopri t-tliet tipi ta' dħul mit-taxxa li joħolqu 90 % tad-dħul mit-taxxa fl-Istati Membri: il-VAT, it-taxxa fuq id-dħul u l-kontribuzzjonijiet għas-sistema tas-sigurtà soċjali.

1.11 Il-KESE jemmen li l-introduzzjoni tas-sistema ta' maġġoranza kwalifikata fil-qasam tat-tassazzjoni diretta tista' tappoġġja aktar l-isforzi ta' armonizzazzjoni tar-regoli ([2]) dwar l-istabbiliment ta' bażijiet fiskali għat-taxxi prinċipali. Se jkun possibbli li jitħaffef il-progress fil-promozzjoni tal-politiki fiskali, peress li dan ikun ta' benefiċċju għas-suq intern u joħloq potenzjal sinifikanti ta' tkabbir, peress li sistema armonizzata tista' tnaqqas b'mod konsiderevoli l-ispejjeż ta' konformità għan-negozji u toħloq sistema tat-taxxa aktar prevedibbli fl-UE.

## 2. **Kuntest**

2.1 It-tassazzjoni għandha rwol fundamentali fil-ġlieda għall-ġustizzja soċjali u l-ekonomija ġusta. Konsegwentement, hija għandha wkoll dimensjoni soċjali, interġenerazzjonali u bejn s-sessi. Il-gvernijiet jiġbru dħul maħsub biex jiffinanzja b'mod suffiċjenti u sostenibbli s-sistemi tal-protezzjoni u s-sigurtà soċjali kif ukoll is-servizzi pubbliċi, li minnhom jibbenefikaw iċ-ċittadini u n-negozji. Min-naħa l-oħra, it-tassazzjoni hija għodda fundamentali għar-ridistribuzzjoni iktar ġusta tad-dħul u l-ġid fis-soċjetà u b'hekk anke għat-tnaqqis tal-inugwaljanzi soċjali.

2.2 Il-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar li jitħallsu t-taxxi permezz tal-metodu tal-ippjanar aggressiv tat-taxxa, promoss minn ċerti impriżi kbar li jwettqu attività transkonfinali jew attività illegali, iżidu l-inugwaljanzi li qed jikbru minħabba l-kriżi ekonomika u l-programmi tal-awsterità, u jirrappreżentaw ukoll theddida kbira. Anke l-iktar stima konservattiva tat-telf finanzjarju b'riżultat ta' dan li jġarrbu l-Istati Membri b'riżultat ta' erożjoni tal-bażi u trasferiment tal-profitt titkejjel f'mijiet ta' biljuni ta' euro.

2.3 Il-globalizzazzjoni ġabet magħha żieda fil-veloċità u l-ammont ta' movimenti ta' kapital. Ix-xejra li l-kapital jiġi mċaqlaq lejn żoni fejn jista' jkollu rata ta' dħul ogħla, minħabba regolamenti fiskali aktar favorevoli, ħolqot problemi lill-gvernijiet, li kellhom jieħdu inkunsiderazzjoni dawn il-movimenti internazzjonali tal-kapital fit-tfassil tal-politiki fiskali tagħhom, li l-prijoritajiet tagħhom huma ta' natura ekonomika u soċjali fil-livell nazzjonali.

2.4 F'dawn l-aħħar snin, il-kompetizzjoni fiskali promossa mill-Istati Membri ([3]) rriżultat f'telf definittiv ta' dħul mit-taxxi, li kellu impatt mhux biss fuq il-finanzjament ta' servizzi pubbliċi essenzjali iżda wkoll fuq l-investiment pubbliku, li huwa wieħed mill-motivaturi prinċipali tat-tkabbir. Jekk, fuq medda qasira ta' żmien, it-tnaqqis tat-taxxa jista' jġib miegħu benefiċċji lill-Istati li jiffavorixxu wkoll il-kompetizzjoni fiskali, fuq medda twila ta' żmien it-tnaqqis fid-dħul baġitarju huwa ta' ħsara għat-tkabbir ekonomiku b'mod ġenerali ([4]).L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-kompetizzjoni tat-taxxa permezz ta' għadd ta' eżenzjonijiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-konsum jew fuq id-dħul iżda wkoll permezz tad-deċiżjonijiet tat-taxxa tagħhom favur kumpaniji multinazzjonali.

([1]) ĠU C 230, 14.7.2015, p. 24, punt 1.11.
([2]) ĠU C 198, 10.7.2013, p. 34, punti 3.4 u 3.6.
([3]) Business and Economics Research Journal, volume 6, n° 2, 2015, pp. 52-53.
([4]) COM(2009) 201 final, p. 5-6.

2.5 Il-frammentazzjoni tar-regoli fil-qasam fiskali li tiddomina attwalment fi ħdan l-Unjoni Ewropea, fejn kważi kull Stat Membru għandu s-sistema tiegħu tat-tassazzjoni, tfisser li bħala regola ġenerali, isiru aktar vulnerabbli għall-fenomenu ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa. Minn dan isegwi li t-telf ta' dħul għall-baġits nazzjonali jista' jkun importanti. Bl-istess mod, il-frammentazzjoni fiskali eċċessiva ddgħajjef is-suq uniku u tnaqqas il-kompetittività tal-UE meta mqabbla mal-kompetituri ewlenin tagħha fuq livell globali. L-armonizzazzjoni tal-politiki tat-taxxa fil-livell tal-UE tista', minn naħa, twassal għal żieda fid-dħul fiskali fl-Istati Membri kollha u, min-naħa l-oħra, toħloq ambjent aktar faċli għall-intrapriżi billi jiġu semplifikati r-regolamenti u għaldaqstant jitnaqqsu l-ispejjeż ta' konformità. L-armonizzazzjoni għandha telimina l-lakuni u d-diskrepanzi li jeżistu fis-sistemi fiskali differenti tal-Istati Membri u minn wieħed għal ieħor.

2.6 L-opinjoni pubblika kienet partikolarment rrabjata wara li ġew żvelati, fis-snin reċenti, skandli marbuta ma' operazzjonijiet ta' evitar tat-taxxa mwettqa minn individwi sinjuri ħafna jew minn kumpaniji multinazzjonali. Dawn l-iskandli, magħrufa bħala l-"Panama Papers", "LuxLeaks" jew "Apple", kixfu operazzjonijiet finanzjarji li jammontaw għal għexieren jew saħansitra mijiet ta' biljuni ta' euro, li l-għan tagħhom kien li jiġi evitat il-ħlas tat-taxxi fl-Istati Membri.

2.7 Jekk jiġu eliminati l-eżenzjonijiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-konsum u fuq id-dħul iżda wkoll jekk ikun hemm armonizzazzjoni aħjar tal-bażijiet taxxabbli, dan għandu jwassal għal żieda sinifikanti fid-dħul fiskali u jistimola l-investiment fil-livell tas-suq intern. Huwa fatt magħruf li minħabba spejjeż għoljin ta' konformità, l-impriżi ta' daqs żgħir u medju jkollhom aċċess imnaqqas u ftit possibbiltajiet għal żvilupp ta' investimenti barra l-fruntiera.

2.8 F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni Ewropea, fuq talba tal-Kunsill, qed tressaq sensiela ta' regolamenti mmirati biex inaqqsu b'mod sinifikanti l-evażjoni tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa iżda wkoll biex tiġi evitata t-tassazzjoni doppja ta' kumpaniji fl-UE. Madankollu, minħabba li l-qasam tat-tassazzjoni diretta jibqa' kompetenza esklużiva tal-Istati Membri, il-progress huwa limitat, xi wħud mill-miżuri proposti mill-Kummissjoni ma kinux soġġetti għal kunsens fil-livell tal-Kunsill.

2.9 Fost il-miżuri l-iżjed importanti promossi mill-Kummissjoni Ewropea għall-ġlieda kontra l-evitar tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, hemm it-titjib tal-mekkaniżmu ta' skambju awtomatiku ta' informazzjoni (AEOI) bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa nazzjonali; l-introduzzjoni ta' regola ġenerali kontra l-abbuż fir-regolamentazzjoni dwar il-kumpaniji; l-istabbiliment tal-obbligu li jiġu ddikjarati l-profitti miksuba u t-taxxi korrispondenti mħallsa għal kull pajjiż għall-kumpaniji multinazzjonali, u t-tiġdid tal-proġett dwar bażi komuni konsolidata għat-taxxa korporattiva (BKKTK). Bl-istess mod, ġew introdotti diversi miżuri biex inaqqsu l-frodi fiż-żona ta' applikazzjoni tal-VAT u jnaqqsu bi 15 % t-telf ta' dħul ("lakuni tal-VAT").

2.10 Barra minn hekk, il-Kummissjoni ħadet sehem attiv fil-proċess ta' negozjar fil-livell tal-OECD li, fl-2015, wassal biex jiġi ffirmat ftehim magħruf bħala BEPS (erożjoni tal-bażi tat-taxxa u t-trasferiment tal-profitti). Din hija regola li għandha l-għan li tintroduċi regoli fiskali aktar stretti dwar il-kummerċ b'mod transnazzjonali, u hija intiża, b'mod partikolari, biex jiġu miġġielda l-operazzjonijiet ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa. L-Istati Membri qegħdin f'fażi ta' implimentazzjoni tal-miżuri proposti minn dan l-istandard u ħadu miżuri addizzjonali f'dan il-qasam.

## 3. **Proposti tal-Kumitat**

### 3.1 *Il-ġlieda kontra l-evitar tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa*

3.1.1 L-ippjanar aggressiv tat-taxxa promoss minn ċerti impriżi jwassal għal telf ta' dħul sinifikanti għall-baġits tal-Istati Membri. Il-KESE huwa tal-fehma li l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, minħabba li jagħmel ħsara lill-bażi fiskali u jġiegħel lill-Istati Membri jgħollu l-livell tat-taxxi, fiha nnifsu huwa prattika immorali b'impatt serju fuq il-funzjonament tas-suq intern u, għall-kontribwenti, joħloq distorsjonijiet fl-ugwaljanza tas-sistemi tat-taxxa. Fil-fatt, f'ħafna każijiet, iċ-ċittadini jew l-impriżi ż-żgħar qed iħallsu biss f'termini assoluti, taxxi ogħla mill-kumpaniji l-kbar. Il-Kumitat jirrakkomanda li l-Istati Membri jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jintroduċu malajr kemm jista' jkun regolamenti għall-ġlieda kontra dan il-fenomenu perikoluż ħafna.

3.1.2 Iktar minn mitt pajjiż kienu involuti fin-negozjati, li saru fil-livell tal-OECD, u li wasslu għat-tfassil ta' għadd ta' miżuri li jinsabu fl-istandard tal-BEPS. Id-dispożizzjonijiet meħuda biex jiġu miġġielda l-evitar tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa ma jistgħux jitqiesu li jirnexxu sakemm ma jsirux standards aċċettati fuq livell internazzjonali. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jkomplu u jintensifikaw l-isforzi tagħhom ta' negozjar fil-livell ta' organizzazzjonijiet internazzjonali sabiex jiġu stabbiliti u implimentati tajjeb regolamenti effikaċi kontra l-evitar tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa.

3.1.3 Il-Kunsill approva l-kriterji proposti mill-Kummissjoni sabiex tiġi stabbilita l-lista tal-ġurisdizzjonijiet magħrufa bħala rifuġji fiskali. Iqis li din il-miżura mhijiex pass importanti fil-ġlieda kontra l-ippjanar aggressiv tat-taxxa sakemm ma tkunx ikkompletata minn sanzjonijiet applikabbli għal dawn il-ġurisdizzjonijiet, kif ukoll għall-intrapriżi li jkomplu jirrikorru għall-imsemmi ppjanar aggressiv tat-taxxa fil-kuntest tal-attivitajiet tagħhom ta' natura finanzjarja. Dawn is-sanzjonijiet jistgħu jinkludu l-projbizzjoni ta' aċċess għal fondi pubbliċi għall-impriżi konċernati, inkluż fil-forma ta' swieq pubbliċi.

3.1.4 Is-sistema dwar deċiżjonijiet tat-taxxa ġiet introdotta fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, fl-2015, permezz ta' skambju awtomatiku u obbligatorju ta' informazzjoni. L-Istati Membri għandhom jużaw din is-sistema biex jiġu identifikati d-deċiżjonijiet fiskali li joħolqu distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq, billi jippermettu lil kumpaniji li jibbenefikaw minn eżenzjonijiet jew eżenzjonijiet mit-taxxi li jistgħu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat mhux iġġustifikata. Il-Kumitat jirrakkomanda li l-Istati Membri jastjenu milli jkomplu jinkoraġġixxu l-kompetizzjoni fiskali permezz ta' għadd ta' deċiżjonijiet tat-taxxa li ma jkunux iġġustifikati mir-realtà ekonomika tal-attivitajiet iżda jiffavorixxu lill-kumpaniji b'mod inġust meta mqabbla mal-kompetituri tagħhom.

3.2 *Ir-riforma tat-taxxa fil-livell tal-Unjoni Ewropea*

3.2.1 Il-frammentazzjoni tas-sistema fiskali tal-UE hija ta' ħsara għas-suq uniku, peress li tnaqqas l-opportunitajiet ta' investiment transkonfinali, speċjalment għall-SMEs. Il-KESE jemmen li l-armonizzazzjoni u s-semplifikazzjoni tar-regolazzjoni fiskali huma ta' prijorità għall-Istati Membri. Barra minn hekk, it-tneħħija sħiħa tal-ostakli ta' natura fiskali għandha tikkompleta l-isforzi ta' armonizzazzjoni.

3.2.2 Il-globalizzazzjoni qiegħda twassal għat-trasferiment tal-piż tat-taxxa fuq il-kapital lejn il-qasam tas-suq tax-xogħol, u dan ifisser żieda fl-ispejjeż tal-forza tax-xogħol u aggravar tal-inugwaljanzi. Il-KESE jirrakkomanda li l-piż tat-taxxa jiġi trasferit minn fuq l-impjiegi għal fuq il-finanzi jew prattiki li jagħmlu ħsara lill-ambjent.

3.2.3 Il-Kummissjoni reċentement tenniet il-proposta tagħha biex twaqqaf Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva (BKKTK) fuq skala kbira, b'fatturat ta' aktar minn EUR 750 miljun. Il-proposta tal-Kummissjoni tista' twassal għal armonizzazzjoni tas-sistema tat-taxxa fuq id-dħul tal-kumpaniji fl-Unjoni Ewropea. Jekk is-sistema tkun effikaċi, billi toħloq l-impjiegi u tinkoraġġixxi l-investimenti bis-saħħa tal-ġbir aktar effettiv ta' dħul fiskali, kif ukoll permezz tal-ħolqien ta' sistema ta' tassazzjoni aktar prevedibbli u aktar favur l-ambjent tal-intrapriżi, il-KESE jipproponi li din tiġi estiża madwar l-UE kollha.

3.2.4 Il-KESE huwa tal-fehma li l-formula ta' kondiviżjoni tal-profitti taxxabbli, fil-kuntest tal-operazzjoni ta' konsolidazzjoni tal-BKKTK, trid tkun ibbażata kemm jista' jkun fuq il-prinċipju tat-tassazzjoni tal-profitti fil-post fejn tkun seħħet l-attività. B'dan il-mod ikun iktar faċli li jintlaħaq il-kunsens meħtieġ għall-approvazzjoni tal-miżura. Jekk il-miżuri reċenti Ewropej kontra l-evitar tat-taxxa ma jwasslu għall-ebda riżultat u l-BKKTK ma tiksibx l-għanijiet tagħha, tista' titqies rata tat-taxxa korporattiva minima sabiex tiġi evitata ġirja għall-qiegħ.

3.2.5 Il-KESE jemmen li żieda fir-riżorsi proprji tal-UE għandha tippermetti li jkun hemm appoġġ aktar b'saħħtu għall-politiki ta' żvilupp u ta' koeżjoni fl-Istati Membri. Għal din ir-raġuni l-KESE jirrakkomanda li l-Istati Membri jfittxu soluzzjonijiet sabiex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar ir-Riżorsi Proprji.

3.2.6 Fil-kuntest ta' sforzi mmirati għall-armonizzazzjoni tas-sistemi tat-taxxa tal-UE, il-KESE jtenni l-proposta tiegħu li jiġi introdott "serp fiskali", fuq il-mudell tas-"serp monetarju" li ġie stabbilit qabel l-introduzzjoni tal-munita unika. Jekk miżura bħal din tista' titqies minn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet ta' politika bħala pjuttost diffiċli li tiġi stabbilita, minħabba l-kumplessità tas-sistemi tat-taxxa fis-seħħ fl-Istati Membri, il-KESE jaħseb madankollu li l-ewwel nett tista' tkopri t-tliet tipi ta' dħul mit-taxxa li joħolqu 90 % tad-dħul mit-taxxa fl-Istati Membri: il-VAT, it-taxxa fuq id-dħul u l-kontribuzzjonijiet għas-sistema tas-sigurtà soċjali.

3.2.7 Fil-qasam tat-tassazzjoni diretta, l-Istati Membri jżommu l-kontroll, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Il-KESE jemmen li l-introduzzjoni tas-sistema ta' maġġoranza kwalifikata fil-qasam tat-tassazzjoni diretta tista' tappoġġja aktar l-isforzi ta' armonizzazzjoni tar-regoli dwar l-istabbiliment ta' bażijiet fiskali għat-taxxi prinċipali. Se jkun possibbli li jitħaffef il-progress fil-promozzjoni tal-politiki fiskali, peress li dan ikun ta' benefiċċju għas-suq intern u joħloq potenzjal sinifikanti ta' tkabbir, peress li sistema armonizzata tista' tnaqqas b'mod konsiderevoli l-ispejjeż ta' konformità għan-negozji u toħloq sistema tat-taxxa aktar prevedibbli fl-UE.

3.2.8 L-eżistenza taż-żona tal-euro, bħala reġjun b'munita unika li, fil-futur, se tkopri l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, teħtieġ l-armonizzazzjoni tas-sistemi tat-taxxa u s-sistemi tal-benefiċċji soċjali. Wara l-opinjonijiet espressi minn esperti tal-politiki monetarji, il-frammentazzjoni tas-sistemi fiskali fiż-żona tal-euro aggravat l-effetti tal-kriżi ekonomika u finanzjarja reċenti. Li wieħed jippersisti f'din is-sitwazzjoni, li tippreżumi li munita unika tkun teżisti f'żona ekonomika li tinkludi sistemi fiskali differenti, se jdgħajjef is-suq uniku. L-armonizzazzjoni tal-bażijiet tat-taxxa għat-tipi ewlenin ta' taxxi għandha tnaqqas l-ispejjeż li jġarrbu l-intrapriżi sabiex jikkonformaw mar-regoli u tista' tillibera riżorsi addizzjonali li jkunu jistgħu jintużaw għal investimenti, ir-riċerka u l-innovazzjoni.

3.2.9 Fir-rigward tal-profitti, l-introduzzjoni ta' sistema differenzjata, li tiffavorixxi lill-intrapriżi li jinvestu mill-ġdid, għandha tixpruna t-tkabbir u l-ħolqien ta' impjiegi addizzjonali fl-UE. Bl-istess mod, miżura li tista' tħeġġeġ it-tkabbir ekonomiku tkun it-tneħħija tal-eżenzjonijiet kollha ta' ħlas ta' taxxa għal dawk l-intrapriżi li jqassmu mill-ġdid il-biċċa l-kbira tal-profitti tagħhom fil-forma ta' dividendi.

3.2.10 Fiż-żona tal-euro, armonizzazzjoni fiskali li tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' konverġenza u t-tassazzjoni adattata se tirrilaxxa r-riżorsi meħtieġa biex tingħata spinta mill-ġdid lill-investiment pubbliku kif ukoll dak mis-settur privat.

Brussell, l-20 ta' Settembru 2017.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
George DASSIS

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-kuntest il-ġdid għar-relazzjoni strateġika UE-CELAC u r-rwol tas-soċjetà ċivili"**

**(opinjoni fuq inizjattiva proprja)**

(2017/C 434/04)

Relatur: **Mário SOARES**

Korelatur **Josep PUXEU ROCAMORA**

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja | 30.3.2017 |
| Bażi legali | Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura |
| | Opinjoni fuq inizjattiva proprja |
| Sezzjoni kompetenti | REX |
| Adottata fis-sessjoni | 21.9.2017 |
| Sessjoni tal-plenarja Nru | 528 |
| Riżultat tal-votazzjoni<br>(favur/kontra/astensjonijiet) | 179/15/31 |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Ir-reġjun tal-Amerika Latina u tal-Karibew, illum il-ġurnata magħqud fil-Komunità ta' Stati tal-Amerika Latina u tal-Karibew (CELAC), għal ħafna sekli kkondividi mal-Ewropa l-istess prinċipji u valuri li joħolqu viżjoni komuni tad-dinja. B'hekk, il-ħolqien ta' blokk UE-CELAC imsaħħaħ u bi strateġija komuni quddiem l-isfidi globali ser iwassal vuċi aktar qawwija u effikaċi fil-koordinazzjoni bejn in-nazzjonijiet.

1.2 L-Ewropa u l-Istati Membri tagħha huma l-investitur prinċipali u dawk li jikkooperaw l-aktar fl-ALK; jeżistu rabtiet politiċi, ekonomiċi, soċjali, kulturali u storiċi li nbnew tul is-sekli, u li huma riflessi wkoll fl-organizzazzjoni ta' Summits tal-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern kull sentejn, assemblea parlamentari, ftehimiet ta' diversi tipi u, fuq kollox, netwerk soċjali estiż.

1.3 L-isfidi globali ġodda jeħtieġu t-tisħiħ ta' dan il-blokk u, fuq kollox, it-tfassil ta' strateġija ġdida li tmur lil hinn mill-formaliżmu mid-dikjarazzjonijiet il-kbar, u dan il-blokk għandu jistabbilixxi ruħu bħala vuċi qawwija u deċiżiva fix-xena internazzjonali. Fix-xenarju ġeopolitiku l-ġdid, ir-reġjun tal-Amerika Latina jsaħħaħ il-kundizzjoni tiegħu ta' prijorità strateġika tal-politika estera tal-UE.

1.4 Il-KESE jinnota b'sodisfazzjon li l-Kumitat għall-Affarijiet Barranin tal-Parlament Ewropew qiegħed jiddiskuti riżoluzzjoni dwar l-istess suġġett, filwaqt li jikkunsidra lis-CELAC bħala sieħeb importanti għall-UE u li l-prijoritajiet tal-azzjoni esterna tal-UE mas-CELAC għandhom ikunu t-tisħiħ tad-djalogu politiku u l-kooperazzjoni fl-oqsma tal-migrazzjoni, it-tibdil fil-klima, l-enerġija rinnovabbli, il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-approfondiment tar-relazzjonijiet politiċi, kulturali u soċjoekonomiċi.

1.4.1 Il-KESE jittama li s-Summit tal-Kapijiet ta' Stat UE-CELAC li ser isir fis-26 u s-27 ta' Ottubru jilħaq il-livell tal-isfidi li qegħdin jiffaċċjaw illum il-ġurnata d-dinja u l-pjaneta u jiddefinixxi strateġija għat-tisħiħ tar-rabtiet strateġiċi, politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali bejn iż-żewġ reġjuni.

1.4.2 Huwa jħeġġeġ li jintlaħaq ftehim qafas globali bejn l-Unjoni Ewropea u s-CELAC li fih ikunu inklużi l-prinċipji ta' azzjoni fil-qasam tad-djalogu politiku, il-kooperazzjoni u l-iżvilupp sostenibbli. Dan jista' jkun il-bażi għal intervent ġeopolitiku fuq livell dinji filwaqt li jsaħħaħ il-vuċi tar-reġjuni tagħna fix-xena internazzjonali.

1.4.3 Huwa jsejjaħ lill-mexxejja politiċi tal-UE u tal-Amerika Latina u l-Karibew sabiex jirrikonoxxu u jivvalorizzaw il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili. Għalhekk huwa importanti li

— fin-negozjati kollha jintuża djalogu strutturat mas-soċjetà ċivili organizzata, li l-parteċipazzjoni tagħha għandha tiġi bbażata fuq kriterji ta' rappreżentattività tal-organizzazzjonijiet u l-bilanċ bejn is-setturi differenti rappreżentati; fil-każ konkret tan-negozjar ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles, għandha tiġi ggarantita l-parteċipazzjoni effettiva tagħha f'kull wieħed mill-istadji tan-negozjati, u matul l-applikazzjoni u l-evalwazzjoni tar-riżultati;

— ikunu previsti sa mill-bidu r-riżorsi materjali meħtieġa u suffiċjenti għall-mekkaniżmi kollha ta' parteċipazzjoni previsti fil-ftehimiet, b'tali mod li dawn jkunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom;

— jitqies li t-trasparenza u d-djalogu rregolat u regolari mal-awtoritajiet huma l-bażi tal-fiduċja għal intervent ta' kwalità u tal-atturi involuti;

— jikkonċentra fuq struttura waħda, istituzzjonalizzata u ffinanzjata b'mod suffiċjenti, u s-segwitu u l-monitoraġġ tal-ftehimiet iffirmati, skont il-prinċipju ta' "ftehim wieħed, korp wieħed tas-soċjetà ċivili".

1.4.4 Jafferma mill-ġdid li l-objettivi prijoritarji tas-soċjetà ċivili huma, fost affarijiet oħrajn, il-konsolidazzjoni tad-demokrazija, l-iżvilupp sostenibbli tal-bniedem, il-ġustizzja u l-koeżjoni soċjali, id-difiża tar-riżorsi naturali u tal-ambjent, il-ħarsien sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istandards tax-xogħol, il-futur tax-xogħol diċenti u l-ġlieda kontra l-inugwaljanzi.

1.4.5 Jikkunsidra bħala parti mill-missjoni tiegħu li jipparteċipa b'mod attiv fil-proċess kollu ta' kostruzzjoni ta' dinja fejn ikun possibbli, minkejja d-differenzi u bi djalogu, li ngħixu fil-paċi. Dinja fejn il-pajjiżi kollha u l-popli kollha jistgħu jsibu t-triq tal-iżvilupp tagħhom u jibnu, skont il-kultura tagħhom, soċjetà demokratika, inklużiva u ta' benessri. Il-KESE jinnota b'sodisfazzjon ir-rwol tiegħu f'dan il-proċess;

## 2. **Kuntest dinji kumpless u fi stat ta' bidla**

2.1 Illum il-ġurnata d-dinja qiegħda tħabbat wiċċha ma' diversi sfidi li huma diffiċli li jissolvew: ir-ritmu dejjem aktar mgħaġġel tat-tibdil fil-klima, il-multiplikazzjoni tal-kunflitti armati bil-ħarba konsegwenti ta' eluf ta' refuġjati, ir-ritorn tan-nazzjonaliżmu u ta' viżjoni unilaterali tar-riżoluzzjoni tal-kunflitti, inkluż ir-ritorn tat-theddid nukleari.

2.2 Il-kummerċ żviluppa globalment b'tali mod li, għalkemm minn perspettiva politika jista' jiġġenera bilanċ aħjar bejn id-diversi partijiet tad-dinja, madankollu żamm, u f'xi okkażjonijiet żied, id-distakk bejn l-għonja u l-foqra, anki fi ħdan l-istess reġjun jew pajjiż.

2.3 Ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istandards internazzjonali, tan-Nazzjonijiet Uniti jew tal-ILO jinsab taħt theddida f'ħafna partijiet tad-dinja, u l-każijiet ta' ksur tad-drittijiet tan-nisa, tat-tfal jew tal-minoranzi etniċi, reliġjużi jew kulturali jibqgħu jseħħu; għad hemm ukoll nuqqas ta' rispett tal-libertajiet fundamentali, li jheddu s-sigurtà u l-kwalità tal-ħajja tal-popolazzjoni.

2.4 Il-Ftehim dwar it-tibdil fil-klima li ntlaħaq f'Pariġi, kellu appoġġ qawwi inkluż minn pajjiżi bħall-Istati Uniti u ċ-Ċina, li tradizzjonalment kienu joqogħdu lura milli jimpenjaw ruħhom f'dan is-sens. Illum il-ġurnata huwa mhedded mill-amministrazzjoni Amerikana l-ġdida, li ħabbret li kienet beħsiebha tirtira mill-Ftehim, u dan jissospendi l-Pjan ta' Enerġija Nadifa, leġislazzjoni li ġiet stabbilita fl-2015 biex tnaqqas l-emissjonijiet tas-settur tal-enerġija u biex iżżid il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli.

2.5 Wara perjodu meta kien jidher li d-dinja kienet bdiet issib bilanċ xieraq, il-kriżi finanzjarja li faqqgħet fl-2007 ġiegħlitna nħossu, anki fil-pajjiżi żviluppati, il-konsegwenzi soċjali tan-nuqqas ta' kontroll tas-swieq. Minflok ma naqsu, il-kunflitti aggravaw u qegħdin jiġu aċċentwati l-interessi diverġenti bejn il-pajjiżi u r-reġjuni.

2.6 Fl-Ewropa, il-ftuħ mill-ġdid tad-differenzi notevoli li jaffettwaw il-kollaborazzjoni bejn l-UE u r-Russja jew bejn l-UE u t-Turkija (pajjiż li madankollu għadu għaddej bin-negozjati biex jidħol fl-UE) huma turija li dan il-bilanċ prekarju tkisser jew jinsab mhedded serjament.

2.7 L-elezzjoni ta' amministrazzjoni Amerikana ġdida, b'mod partikolari l-attitudni mhux wisq ċara tagħha u, apparentament, inqas amikevoli fil-konfront tal-UE, ser tkompli tikkumplika aktar ix-xena internazzjonali. Is-sospensjoni tan-negozjati tat-TTIP, it-twissija mnedija fin-Nazzjonijiet Uniti li l-azzjoni tagħha mhux dejjem ser taġġusta għall-kriterji fis-seħħ fl-organizzazzjoni għat-teħid ta' deċiżjonijiet, in-nuqqas ta' ratifikazzjoni tat-TPP, it-tentattivi biex jiġu mmodifikati l-politiki dwar il-migrazzjoni u t-tqegħid f'dubju tal-prattiki stabbiliti bejn il-pajjiżi alleati jiġġeneraw inċertezza u jikkontribwixxu għall-instabbiltà tax-xena internazzjonali.

2.8 Negozjati u impenji realistiċi huma l-unika soluzzjoni komprensiva għal dan u theddid u sfidi oħra. Iżda dawn l-impenji jridu jkunu jorbtu sabiex jikkostitwixxu soluzzjonijiet ġenwini, li inevitabilment se jkunu iktar kumplessi u għandhom ikunu multilaterali.

## 3. L-Ewropea: attur globali u sħubiji strateġiċi

3.1 Il-KESE jikkunsidra li, sabiex l-Ewropa tkompli taqdi rwol ewlieni fix-xena internazzjonali kumplessa attwali, teħtieġ imsieħba u alleati li jistgħu jaħdmu flimkien mhux biss fir-rigward tal-iżvilupp u l-kummerċ iżda wkoll, fundamentalment, li jkollhom valuri u prinċipji komuni. Il-valur miżjud tal-Unjoni Ewropea jista' u għandu jkun dan.

3.2 S'issa, l-Ewropa kienet iddefiniet strateġija għall-Amerika Latina u l-Karibew ibbażata, fost affarijiet oħrajn, fuq dawn l-elementi:

— il-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali;

— l-appoġġ għall-integrazzjoni reġjonali tal-Amerika Latina;

— il-promozzjoni tal-Kooperazzjoni "Nofsinhar-Nofsinhar";

— l-iffirmar ta' ftehimiet ta' sħubija, ta' djalogu politiku u ta' kooperazzjoni, ftehimiet kummerċjali jew ta' sħubija strateġika (ftehimiet mal-Messiku u ċ-Ċile (2002), ftehim ta' kooperazzjoni ekonomika mal-ħmistax-il pajjiż tal-Karibew (2008), ftehim ta' sħubija mal-Amerika Ċentrali (2012), ftehim kummerċjali multilaterali mal-Peru u l-Kolombja (2010) u l-Ekwador (2014), ftehim ta' djalogu politiku u kooperazzjoni ma' Kuba, sħubija strateġika mal-Brażil (2008)) ([1]);

3.3 Is-Summit tal-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern tal-Ewropa u tal-Amerika Latina u l-Karibew, u aktar tard, mas-CELAC u l-Assemblea Parlamentari Ewro-Amerika Latina (EuroLat), korp parlamentari tas-Sħubija Strateġika Bireġjonali, huma l-espressjonijiet politiċi ta' din l-istrateġija.

3.4 Fuq livell globali, l-Ewropa qablet bis-saħħa mal-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli (SDG) tan-Nazzjonijiet Uniti, mal-miri tal-Aġenda 2030 u tal-Ftehimiet ta' Pariġi. L-UE ħaddnet:

— id-difiża tad-drittijiet soċjali, tal-ħaddiema u dawk kulturali;

— il-promozzjoni tal-iżvilupp ekonomiku, sostenibbli u aktar ġust;

— il-preservazzjoni tal-pjaneta u l-ġlieda kontra l-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima;

— ir-rispett u l-ħarsien sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem;

— il-kontribut sabiex tiġi ppreservata l-paċi, jiġi sostnut il-multilateraliżmu u jiġu eliminati l-kunflitti li jinsabu għaddejjin permezz tan-negozjar.

3.5 F'dan is-sens, blokk UE-CELAC b'saħħtu għandu jkollu piż akbar fix-xena internazzjonali u ser jirriżulta importanti għaż-żamma ta' dawn il-valuri, li kemm l-UE kif ukoll is-CELAC, fit-totalità tagħha, jaqblu miegħu, u din hija r-raġuni għalfejn jidher li waslet is-siegħa biex nistaqsu dwar din l-istrateġija, li mingħajr dubju kisbet suċċessi u riżultati siewja, u dan għandu jkun biżżejjed għall-isfidi globali li jiffaċċjaw iż-żewġ reġjuni.

---

([1]) Fl-2016 reġgħu bdew in-negozjati mal-Mercosur bil-għan li jiġi konkluż ftehim ta' sħubija.

3.6 Il-KESE jqis li huwa essenzjali li jkun hemm dibattitu interreġjonali serju, li jindika b'mod miftuħ mhux biss is-suċċessi miksuba sal-lum iżda wkoll in-nuqqasijiet jew il-limitazzjonijiet li għad hemm, li jinsiltu tagħlimiet minn dak li seħħ, li tingħata risposta għall-isfidi attwali u l-ħarsien tal-valuri u l-prinċipji kondiviżi u li b'hekk tiġi ġġenerata relazzjoni bbażata fuq kooperazzjoni u leġittimità ġodda u aktar estiżi għall-futur.

4. **Spinta ġdida fir-relazzjonijiet UE-CELAC**

4.1 Fid-dawl tal-qagħda dinjija tinfetaħ opportunità ġdida biex jiġu stabbiliti rabtiet aktar sodi u effikaċi bejn l-ALK u l-Ewropa, li jkun interessanti li jiġu mmaterjalizzati fil-ftehim futur bejn l-UE u l-Mercosur (2). Dan il-ftehim huwa sfida importanti għall-UE, peress li malli jiġi approvat, ir-reġjun kollu tal-Amerika Latina, bl-eċċezzjoni unika tal-Bolivja u l-Venezwela, ser ikun marbut mill-qrib politikament u ekonomikament mal-Unjoni. Barra minn hekk, in-negozjar mill-ġdid tal-ftehim mal-Messiku huwa ta' importanza kbira għal dan il-pajjiż, filwaqt li joffri l-possibbiltà lill-Ewropa li żżid il-preżenza tagħha minħabba d-deterjorament prevedibbli tal-kummerċ bejn il-Messiku u l-Istati Uniti.

4.2 Ir-relazzjoni bejn l-UE u l-Amerika Latina u l-Karibew għandha turi li hija utli għal kullħadd, kemm għall-pajjiżi Ewropej kif ukoll għall-pajjiżi tal-Amerika Latina u tal-Karibew u, fuq kollox, għall-popolazzjonijiet tagħhom.

4.3 Element ewlieni tal-interazzjoni bejn id-dimensjonijiet politiċi, soċjali, ambjentali u ekonomiċi tal-iżvilupp huwa l-investiment produttiv fiż-żewġ reġjuni. L-UE u l-Istati Membri tagħha jibqgħu jkunu l-investitur prinċipali fir-reġjun. Il-pajjiżi tal-Amerika Latina u tal-Karibew huma t-tieni msieħeb kummerċjali tal-UE u, flimkien, is-CELAC u l-Unjoni Ewropea jirrappreżentaw terz tal-membri tan-Nazzjonijiet Uniti u madwar 25 % tal-PDG dinji.

4.4 Sħubija aktar profonda bejn l-Amerika Latina u l-Unjoni Ewropea għandha tippermetti li jitħaffef ir-ritmu tat-tkabbir ekonomiku, isir progress fil-bidla strutturali lejn setturi li huma bbażati fuq l-użu intensiv tal-għarfien, jitnaqqas il-faqar, tiżdied l-inklużjoni soċjali u jiġi protett l-ambjent.

Dan kollu filwaqt li:

— jiġu approfonditi ftehimiet ta' sħubija li jiftħu spazju għall-investimenti, b'mod partikolari f'attivitajiet ġodda li huma bbażati fuq l-użu intensiv tal-għarfien u fuq impjiegi ta' kwalità;

— jiġi stimulat il-ħolqien ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju permezz tal-ħolqien ta' impjiegi f'netwerks;

— isir investiment f'oqsma li jiffaċilitaw it-tkabbir sostenibbli, ix-xogħol diċenti, l-inklużjoni soċjali u s-sostenibbiltà ambjentali;

— tingħata spinta lill-innovazzjoni u d-demokratizzazzjoni tat-teknoloġiji l-ġodda u jingħata kontribut sabiex dawn jintużaw mill-massa, b'mod partikolari fl-oqsma tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT);

— jinbnew infrastrutturi inklużivi u li jirrispettaw l-ambjent, li jiffaċilitaw l-aċċess għal servizzi bażiċi f'qafas ġdid ta' żvilupp urban u li jiffavorixxu l-koeżjoni territorjali;

— jiġu promossi investimenti f'teknoloġiji li jtaffu t-tisħin globali;

— jiżdied l-użu ta' enerġiji li jirrispettaw l-ambjent, billi jiġi ddiversifikat l-użu tal-enerġija permezz ta' sorsi rinnovabbli mhux konvenzjonali u billi tintuża l-esperjenza tal-intrapriżi Ewropej f'dan il-qasam biex nimxu lejn ekonomija ekoloġika;

(2) Il-Mercosur tirrappreżenta, f'termini ta' popolazzjoni, 250 miljun abitant, li tagħmilha l-ħames l-akbar ekonomija dinjija, b'PDG li jilħaq biljuni ta' dollari. Aktar minn 5 % tal-IDB tal-UE jinsab fil-Mercosur. L-UE hija l-investitur prinċipali fir-reġjun. L-esportazzjonijiet tal-UE destinati lejn il-Mercosur laħqu l-EUR 41 633 miljun fl-2016 u l-importazzjonijiet tal-UE li oriġinaw mill-Mercosur laħqu l-EUR 40 330 miljun fl-istess sena finanzjarja. Dan huwa l-għaxar l-akbar suq tal-esportazzjoni tal-UE.

— jiġu promossi u tingħata s-setgħa lill-organizzazzjonijiet intraprenditorjali u t-trejdjunjins bħala protagonisti ewlenin fid-djalogu soċjali, sabiex jiġi promoss l-iżvilupp tan-nisġa produttiva lokali bl-aktar mod armonjuż possibbli, inkluż it-tnaqqis tal-ekonomija informali.

4.5 Dan għandu jiffavorixxi l-ġid ekonomiku u soċjali fiż-żewġ reġjuni, li mingħajr dubju għandu jwassal għall-ħolqien ta' impjiegi, pereżempju permezz ta':

— opportunitajiet ġodda ta' negozju għall-intrapriżi f'oqsma mhux tradizzjonali, bħat-teknoloġiji l-ġodda, l-ekonomija ekoloġika u n-netwerks soċjali;

— l-espansjoni ta' swieq tradizzjonali fis-setturi tat-telekomunikazzjonijiet, tal-karozzi, tal-industrija farmaċewtika, tal-elettriku u dik bankarja, fost oħrajn;

— il-ftuħ ta' swieq ġodda għall-SMEs;

— il-forniment ta' riżorsi naturali u l-ikel, filwaqt li jiġu appoġġjati ż-żamma tal-bijodiversità u s-sostenibbiltà ambjentali;

— il-promozzjoni tal-ekonomija soċjali u ta' solidarjetà bħala mekkaniżmu għat-titjib tan-nisġa soċjoekonomika, ir-regolarizzazzjoni tal-ekonomija moħbija jew it-tnaqqis tal-migrazzjoni.

4.6 L-UE u s-CELAC għandhom sfidi, iżda wkoll opportunitajiet ta' żvilupp pożittiv, f'oqsma li huma kruċjali għaż-żewġ reġjuni, li ser jiġu ffavoriti sostanzjalment permezz ta' azzjoni konġunta, bħal pereżempju:

— edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għal kulħadd;

— impjiegi diċenti għan-nisa u ż-żgħażagħ;

— il-mobbiltà u r-rikonoxximent tad-drittijiet, speċjalment billi jsir użu tajjeb tal-punti b'saħħithom ġa ppruvati tal-programm Erasmus għall-iskambji tal-istudenti;

4.7 Il-KESE jikkunsidra li r-rabta bejn l-azzjoni pubblika u s-settur privat għandu jkollha l-għan li tippromovi l-iżvilupp ekonomiku, ittejjeb il-kollaborazzjoni imprenditorjali u twettaq investimenti finanzjarji għat-tkabbir; huwa jenfasizza l-ħtieġa li tiġi miġġielda l-ekonomija informali, is-sottożvilupp u l-kompetittività baxxa tal-SMEs; isejjaħ sabiex tiġi ffaċilitata u mtejba l-mobilità bireġjonali, sabiex b'hekk tiġi żgurata l-koerenza reċiproka tad-drittijiet tal-ħaddiema u tiġi mħeġġa l-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali.

4.8 Il-KESE jikkunsidra li huwa fundamentali li jiġu megħluba l-perspettivi parzjali tar-relazzjoni bejn iż-żewġ reġjuni u jħares lejn l-ekonomija, id-drittijiet tal-bniedem u l-iżvilupp sostenibbli bħala ħaġa sħiħa u inseparabbli. Il-kooperazzjoni u l-appoġġ reċiproku huma essenzjali jekk irridu nimxu 'l quddiem bi pjan ta' azzjoni u aġenda komuni li jippermettu li jiġu indirizzati l-isfidi l-aktar importanti tad-dinja tagħna, bħall-faqar, it-tibdil fil-klima u l-kunflitti armati.

## 5. **Il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili: limiti u perspettivi**

5.1 Il-valur, il-preżenza u l-parteċipazzjoni attiva tas-soċjetajiet ċivili organizzati taż-żewġ reġjuni, il-fatt li jiskambjaw esperjenzi, jikkondividu proġetti, jipparteċipaw b'mod attiv fl-azzjonijiet li jiġu deċiżi, għandhom jiġu rrispettati, rikonoxxuti u assunti bħala elementi fundamentali ta' paradigma ġdida ta' relazzjoni strateġika.

5.2 Min-naħa tiegħu, il-KESE huwa tal-fehma li s-soċjetà ċivili taż-żewġ reġjuni għandha opportunità u sfida kbira, peress li r-relazzjoni bireġjonali teħtieġ dimensjoni ġdida li la tnaqqas u lanqas tinjora dak li nkiseb, iżda li tavvanza b'mod aktar politiku u strateġiku.

5.3 *Limitazzjonijiet*

5.3.1 Għalkemm f'dawn l-aħħar snin il-preżenza tas-soċjetà ċivili dejjem ġiet rikonoxxuta bħala essenzjali għat-tisħiħ ta' strateġija bireġjonali, il-verità hi li din tkompli tbati minn limiti li jdgħajfu parteċipazzjoni aktar effettiva u effikaċi, b'mod partikolari għaliex:

— il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili organizzata mhijiex istituzzjonalizzata b'mod suffiċjenti;

— hemm nuqqas ta' riżorsi ekonomiċi li jippermettu parteċipazzjoni regolari fl-attivitajiet u l-azzjonijiet;

— jeżistu diffikultajiet biex isir djalogu mal-awtoritajiet b'mod irregolat u miftuħ;

— in-nuqqas ta' trasparenza waqt in-negozjar ta' ftehimiet, b'mod speċjali dawk ta' natura kummerċjali, jagħmel ferm diffiċli l-possibbiltà li jiġu analizzati dawk il-ftehimiet u li jitwasslu lill-awtoritajiet rispettivi l-proposti u t-talbiet tas-soċjetà;

— il-multiplikazzjoni ta' strutturi ta' segwitu fil-ftehimiet iffirmati tagħmel il-monitoraġġ tagħhom ikkumplikat u diffiċli.

5.4 *Ħarsa ġenerali*

5.4.1 Sabiex jingħelbu dawn il-limiti jenħtieġu pjan ta' azzjoni u aġenda li:

— jsaħħu b'mod realistiku, bilanċjat u ambizzjuż is-sħubija bireġjonali, filwaqt li jagħtu fiduċja akbar lill-atturi tagħhom kollha u trasparenza akbar fil-proċess;

— jagħtu leġittimità soċjali lill-parteċipanti, filwaqt li jiġu inkorporati u żviluppati temi tassew rilevanti għaċ-ċittadini taż-żewġ reġjuni;

— jinkludu azzjonijiet li jippermettu li l-UE-CELAC tipproġetta ruħha fix-xena internazzjonali, filwaqt li tiżgura li jiġu applikati l-valuri u l-prinċipji li huma jikkondividu u li jikkaratterizzawhom;

— jirrikonoxxu l-asimmetriji bħala sfida li għandha tingħeleb, filwaqt li jipproponu mekkaniżmi tranżitorji sabiex dawn jiġu ssuperati jew jinġiebu ndaqs.

5.5 Il-KESE jenfasizza li, sabiex in-negozjati ta' kull tip bejn l-UE u l-Amerika Latina u l-Karibew jirnexxu, huwa fundamentali li jiġi fformalizzat djalogu strutturat mas-soċjetà ċivili organizzata li jiggarantixxi l-parteċipazzjoni effettiva tagħha f'kull stadju tan-negozjati, u matul l-applikazzjoni u l-evalwazzjoni tar-riżultati. F'dan is-sens, il-KESE jivvaluta b'mod ferm pożittiv it-twaqqif tal-Kumitat Konsultattiv Konġunt UE-Ċile, li ġie stabbilit bil-kontribut tiegħu flimkien ma' dak tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Ċilena.

5.6 Il-KESE jsostni li r-relazzjonijiet bejn is-soċjetà ċivili Ewropea u dik tal-Amerika Latina għandhom bħala objettivi prijoritarji l-konsolidazzjoni tad-demokrazija, l-iżvilupp sostenibbli tal-bniedem, il-ġustizzja u l-koeżjoni soċjali, id-difiża tar-riżorsi naturali u tal-ambjent, il-ħarsien sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem u r-rispett tax-xogħol diċenti.

5.7 In-nuqqas ta' aċċess strutturat u estiż għall-informazzjoni min-naħa tas-soċjetà ċivili organizzata Ewropea u tal-Amerika Latina u l-Karibew ġie indikat bosta drabi bħala problema kruċjali fis-segwitu tar-relazzjonijiet UE-Amerika Latina u l-Karibew u wieħed mill-ostakli ewlenin għat-tfassil f'waqtu ta' proposti mis-soċjetà ċivili. Il-KESE jafferma mill-ġdid li l-aċċess għall-informazzjoni għandu jkun wieħed mill-assi prijoritarji fir-relazzjonijiet taż-żewġ reġjuni, u għaldaqstant huwa essenzjali li jiġu stabbiliti regoli u proċeduri ċari dwar l-aċċess u t-tixrid tal-istess informazzjoni.

5.8 Jekk il-partijiet firmatarji tal-ftehim tabilħaqq jistmaw il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili, allura għandhom jipprovdu sa mill-bidu nett ir-riżorsi materjali meħtieġa u suffiċjenti għall-mekkaniżmi kollha ta' parteċipazzjoni previsti fil-ftehimiet, b'mod li dawn ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom.

5.9 Il-KESE jilqa' l-fatt li l-Fondazzjoni UE-ALK inbidlet f'organizzazzjoni internazzjonali, li tista' tkun element importanti għat-tisħiħ tas-sħubija bireġjonali bi spinta ġdida, u jtenni l-proposta tiegħu lill-Kapijiet ta' Stat tal-UE u tas-CELAC, li kien għamel fid-dikjarazzjoni tiegħu ta' Santiago de Chile tal-2012, li l-programm ta' ħidma tal-Fondazzjoni jinkludi komponent b'saħħtu ta' kooperazzjoni effettiva u reali mal-istituzzjonijiet rappreżentattivi tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili organizzata taż-żewġ kontinenti.

5.10 Il-KESE jisħaq li l-politiki u l-azzjonijiet li jiġu deċiżi jwasslu biex itejbu l-koerenza u l-effetti pożittivi tar-relazzjoni bejn iż-żewġ reġjuni, sabiex jiġu ggarantiti l-kwalità u r-rilevanza tagħhom u sabiex jiġi żgurat li s-soċjetajiet ċivili involuti jadottawhom bħala tagħhom.

6. **Il-proposti tas-soċjetà ċivili**

6.1 Fis-26 u s-27 ta' Ottubru 2017 ser isir is-Summit tal-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern tal-Unjoni Ewropea u tal-Komunità tal-Istati tal-Amerika Latina u tal-Karibew (UE-CELAC) f'El Salvador. F'kuntest fejn birdu r-relazzjonijiet bejn l-Istati Uniti u l-Amerika Latina, il-KESE jikkunsidra li dan is-summit għandu jservi biex jissaħħu r-rabtiet strateġiċi, politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali bejn l-UE u l-Amerika Latina u l-Karibew.

6.2 Il-KESE jħeġġeġ lill-politiċi responsabbli taż-żewġ reġjuni biex jieħdu azzjoni iktar effettiva u jaqdu rwol iżjed effettiv biex jinkoraġixxu d-difiża tal-pjaneta, jiġġieldu t-tibdil fil-klima, jippreservaw il-bijodiversità u l-iżvilupp sostenibbli, jippromovu l-benessri tal-persuni, jikkontribwixxu għall-qerda tal-faqar, jassiguraw il-koeżjoni soċjali u territorjali, jippromovu l-edukazzjoni u s-saħħa ta' kwalità għal kulħadd, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-kultura tal-popli, jiddefendu l-paċi, jivvalorizzaw ir-rwol tal-istituzzjonijiet dinjin u jħaddnu l-multilateraliżmu.

6.3 Il-KESE jqis li parti mill-missjoni tiegħu hija l-parteċipazzjoni attiva fil-proċess kollu ta' kostruzzjoni ta' dinja fejn ikun possibbli, minkejja d-differenzi u permezz tad-djalogu, li ngħixu fil-paċi. Dinja fejn il-pajjiżi kollha u l-popli kollha jistgħu jsibu t-triq tal-iżvilupp tagħhom u jibnu, skont il-kultura tagħhom, soċjetà demokratika, inklużiva u ta' benessri. Il-KESE jinnota b'sodisfazzjon ir-rwol tiegħu f'dan il-proċess;

6.4 Il-KESE jsejjaħ lill-mexxejja politiċi kollha tal-UE u l-Amerika Latina u l-Karibew biex jirrikonoxxu u jivvalorizzaw il-parteċipazzjoni tas-soċjeta ċivili bil-għan li jinvolvu l-ikbar numru possibbli ta' residenti fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Mingħajr ma jixtieq jeskludi lil ħadd, il-KESE jifhem li l-parteċipazzjoni istituzzjonali u istituzzjonalizzata tippermetti parteċipazzjoni strutturata u iżjed effikaċi.

6.5 Il-promozzjoni tax-xogħol diċenti trid issir prijorità tal-politika ta' kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Amerika Latina u l-Karibew; f'dan is-sens, iridu jiġu implementati impenji konkreti ta' rispett u konformità mal-ftehimiet fundamentali tal-ILO, filwaqt li jiġu previsti mekkaniżmi ta' verifikazzjoni tat-twettiq tagħhom bil-parteċipazzjoni soċjali u tat-trejdjunjins fil-politiki u n-negozjati kollha UE-ALK.

6.6 Fil-qafas ġeopolitiku attwali, il-KESE jifhem li l-ftehimiet ta' sħubija, il-ftehimiet kummerċjali, il-ftehimiet tad-djalogu politiku u s-sħubijiet strateġiċi jibqgħu jkunu strumenti importanti, imma fil-preżent mhumiex l-uniċi strumenti possibbli. Dak li llum jirriżulta fundamentali huwa l-fatt li dawk li jħaddnu l-istess valuri u viżjonijiet kulturali, storiċi u politiċi jħossu n-neċessità li jiffurmaw blokk strateġiku li kapaċi jinfluwenza x-xena internazzjonali. Il-ftehimiet għandhom ikunu l-konsegwenza ta' dan it-twemmin u mhux l-istrument tiegħu.

6.7 Il-KESE jħeġġeġ progress lejn ftehim globali bejn l-Unjoni Ewropea u s-CELAC li fih inkunu inklużi l-prinċipji għal azzjoni fil-qasam tad-djalogu politiku, il-kooperazzjoni u l-iżvilupp sostenibbli u ekonomiku. Dan jista' jkun il-bażi ghal azzjoni ġeopolitika fuq livell globali li fih jigi ddefinit il-metodu ta' azzjoni dejjem u meta jkunu mhedda l-prinċipji u l-valuri komuni tagħna.

6.8 Il-KESE jifhem li huwa ta' importanza fundamentali r-rikonoxximent tal-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili bħala attur li jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' kuxjenza globali li tiffaċilita, tippromovi u tiffavorixxi soluzzjonijiet globali favur il-paċi, l-iżvilupp sostenibbli, il-kummerċ ġust u l-benessri tal-popli u r-reġjuni kollha.

Brussell, il-21 ta' Settembru 2017.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Ir-rwol u l-perspettivi tal-imsieħba soċjali u organizzazzjonijiet oħrajn tas-soċjetà ċivili fil-kuntest ta' forom ġodda ta' xogħol"**

**(opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Estonjana)**

(2017/C 434/05)

Relatur: **Franca SALIS-MADINIER**

Korelatur: **Jukka AHTELA**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Presidenza Estonjana tal-Kunsill, 17.3.2017 |
| Bażi legali | L-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza |
| Adottata fis-sezzjoni | 19.7.2017 |
| Adottata fil-plenarja | 20.9.2017 |
| Sessjoni plenarja Nru | 528 |
| Riżultat tal-votazzjoni<br>(favur/kontra/astensjonijiet) | 185/2/3 |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-KESE jemmen li hemm bżonn aktar minn qatt qabel li jiġi rikonoxxut ir-rwol tad-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv fil-livelli kollha u jissaħħah f'dan iż-żmien ta' bidliet kbar diġitali, ambjentali u demografiċi li qed joħolqu bidliet għall-ħaddiema, l-impjegaturi u r-relazzjonijiet tagħhom bħala msieħba soċjali.

1.2 Il-KESE jqis li l-bidliet li qegħdin iseħħu huma tant vasti li jeħtieġu riflessjoni kollettiva, wiesgħa u inklużiva. Il-metodu huwa bbażat fuq djalogu soċjali fil-livelli kollha u fuq il-parteċipazzjoni tal-partijiet kollha kkonċernati biex jibqgħu jinstabu tweġibiet ġodda pertinenti, jitressqu l-proposti u tiġi vvintata d-dinja ta' għada.

1.3 L-atturi li huma l-imsieħba soċjali għandhom inkunu onesti dwar l-aċċellerazzjoni u l-firxa ta' bidliet, determinati li jitnaqqsu l-effetti avversi, u konvinti li l-ekonomija kollaborattiva tista' twassal għal żviluppi pożittivi u opportunitajiet li għandhom jittieħdu.

1.4 Il-KESE huwa konvint li l-għanijiet u l-prinċipji fundamentali tad-djalogu soċjali għadhom validi fid-dinja l-ġdida tax-xogħol. Id-djalogu soċjali, li jinkludi fost l-oħrajn, l-informazzjoni, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema għandu jkun ibbażat fuq il-fiduċja reċiproka u r-rispett tal-prattiki nazzjonali.

1.5 Il-Kumitat tenna, f'għadd ta' opinjonijiet tiegħu, ir-rwol ewlieni tad-djalogu soċjali fil-forom ġodda ta' xogħol ([1]). Id-djalogu soċjali għandu jaqdi rwol ewlieni fil-livelli rilevanti kollha, u dan b'rispett sħiħ lejn l-awtonomija tal-imsieħba soċjali.

1.6 Il-KESE jemmen li huwa impossibbli li wieħed illum ibassar l-opportunitajiet u l-isfidi kollha li ser toħloq l-ekonomija diġitali. Ir-rwol tad-djalogu soċjali u soċjetali mhuwiex li jopponi dawn it-tranżizzjonijiet, iżda li jiggwidahom bl-aħjar mod biex jitgawdew il-benefiċċji kollha li jistgħu joffru għat-tkabbir, għall-promozzjoni tal-innovazzjoni u tal-ħiliet, għal impjiegi ta' kwalità, u għall-finanzjament sostenibbli u inklużiv tal-protezzjonijiet soċjali.

([1]) ĠU C 125 tal-21.4.2017, p. 10, ĠU C 303 tad-19.8.2016, p. 54, u ĠU C 13 tal-15.1.2016, p. 161.

1.7 Kif diġà stqarr il-KESE, ir-rappreżentazzjoni tat-trejdjunjins u tan-negozjar kollettiv għall-ħaddiema tal-pjattaformi qed jiġu kkontestati ([2]). Huwa għalhekk meħtieġ li jitneħħew l-ostakli għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u mill-konvenzjonijiet tal-ILO ([3]).

1.8 It-teknoloġija diġitali tisfida l-metodi tradizzjonali ta' ġestjoni u amministrazzjoni u titlob ġestjoni parteċipattiva u l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet ekwi u kollettivi. Dan il-metodu ġdid ta' ġestjoni għandu jipprovdi postijiet ta' espressjoni u parteċipazzjoni tal-impjegati fis-soluzzjoni tal-problemi u fil-qsim tal-prattiki biex jissaħħu r-referenzi komuni, l-għarfien professjonali u jsir l-aħjar użu mir-riżorsi umani fil-proċess ta' innovazzjoni u ta' żvilupp tal-impriża.

1.9 Fl-istess waqt, il-KESE jirrikonoxxi li l-forom ġodda ta' xogħol, flimkien ma' disintermedjazzjoni u bidliet mgħaġġla u kontinwi, jeħtieġu adattament tal-istrutturi u tal-metodi ta' djalogu soċjali.

1.10 Il-KESE jirrakkomanda li tiġi rrispettata l-awtonomija tal-imsieħba soċjali li, permezz tan-negozjar kollettiv, huma impenjati li jsibu forom innovattivi ta' djalogu soċjali u tat-tweġibiet adatti għall-ħtiġijiet ta' min iħaddem kif ukoll tal-ħaddiema, kemm fl-impriżi tradizzjonali kif ukoll fl-ekonomija diġitali.

1.11 F'din l-opinjoni l-KESE isemmi xi esperjenzi inizjali, tweġibiet u soluzzjonijiet innovattivi, prattiki tax-xogħol u riżultati ta' negozjar kollettiv li jissodisfaw l-isfidi maħluqa minn dan it-tibdil.

1.12 Il-KESE jinnota li d-diġitalizzazzjoni u l-effetti tagħha fuq ix-xogħol għandhom ikunu prijorità fil-livell Ewropew kif ukoll għall-Istati Membri kollha u jsiru kwistjoni ċentrali tad-djalogu soċjali. Il-KESE jirrakkomanda li:

— jiġu segwiti l-iżvilupp, it-tendenzi, it-theddid u l-opportunitajiet tad-diġitalizzazzjoni u l-impatt tagħhom fuq ir-relazzjonijiet industrijali, il-kondizzjonijiet tax-xogħol u d-djalogu soċjali,

— jissaħħu l-effettività u r-rilevanza tad-djalogu soċjali fil-bidliet fid-dinja tax-xogħol, b'mezzi xierqa bħall-kondiviżjoni ta' informazzjoni, it-twettiq ta' studji prospettivi, il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u qafas legali u mhux legali xieraq.

1.13 Dawn il-bidliet kbar li qed tgħaddi minnhom id-dinja tax-xogħol iqajmu wkoll il-kwistjoni ta' kooperazzjoni akbar bejn l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet l-oħrajn tas-soċjetà ċivili. Il-KESE diġà ddikjara li kellha ssir distinzjoni ċara bejn djalogu soċjali u djalogu ċivili, iżda għalkemm ma jistgħux jingħaqdu flimkien, ma jfissirx li għandhom ikunu totalment separati minn xulxin ([4]). Barra minn hekk, fost l-inizjattivi msemmija minn din l-opinjoni hemm konsultazzjonijiet wiesgħa fil-livell tal-gvernijiet li jdaħħlu partijiet interessati oħrajn tas-soċjetà ċivili fid-dibattitu aktar ġenerali dwar l-impatt globali diġitali.

## 2. **Introduzzjoni**

2.1 Bħal fl-1985, meta l-imsieħba soċjali u d-djalogu soċjali ngħataw leġittimità u rwol ewlieni fl-integrazzjoni Ewropea, il-KESE jirrakkomanda li f'dan il-perjodu ta' bidliet kbar, jissaħħaħ ir-rwol tal-imsieħba soċjali fil-livelli kollha filwaqt li jiġi rikonoxxut ir-rwol tar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili.

2.2 Il-forom ġodda ta' xogħol frammentat u ż-żieda fin-numru ta' ħaddiema atipiċi jeħtieġu l-involviment ta' dawn il-ħaddiema permezz ta' aktar informazzjoni u aktar konsultazzjoni, kif ukoll permezz ta' adattament tad-drittijiet kollettivi u tal-arranġamenti ta' ħinijiet tax-xogħol u tad-drittijiet soċjali ([5]).

([2]) ĠU C 303, 19.8.2016, p. 54.
([3]) L-Artikoli 12 u 28 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u l-konvenzjonijiet tal-ILO Nru 87 u Nru 98, ara wkoll il-punt 3.2 *et seq*.
([4]) ĠU C 458, 19.12.2014, p. 1.
([5]) Kif irrikonoxxiet Marianne Thyssen, waqt il-konferenza konġunta ETUI/KES organizzata f'Ġunju 2016 dwar it-tema "Insawru d-dinja ġdida tax-xogħol".

3. **Ir-realtà tax-xogħol fuq il-pjattaformi**

3.1 Skont l-Ewrobarometru ([6]), 17 % taċ-ċittadini Ewropej jużaw pjattaformi diġitali bħala klijenti u ħaddiema. Parti kbira minnhom għandhom kwalifiki għolja u jgħixu fl-ibliet. Fost dawn iċ-ċittadini, 5 % biss mill-ħaddiema joffru b'mod regolari servizzi u xogħol fuq il-pjattaformi, u 18 % jagħmlu dan b'mod sporadiku. Ix-xogħol fuq il-pjattaformi bħala attività ewlenija għadu għalhekk marġinali, iżda qed jiżdied. Għall-kuntrarju, l-impatti diġitali u tal-intelliġenza artifiċjali fuq ix-xogħol fl-impriżi tradizzjonali huma ħafna aktar importanti u, mingħajr ma jittraskura x-xogħol fuq il-pjattaformi, id-djalogu soċjali għandu jiffoka fuq dawn il-bidliet li jibdlu ħafna n-natura u l-organizzazzjoni tax-xogħol.

3.2 Il-KESE jitlob li ssir investigazzjoni dwar l-istatus kuntrattwali tal-crowd workers u l-forom ġodda ta' relazzjonijiet ta' impjieg, kif ukoll l-obbligi tal-intermedjarji, għal negozjati dwar il-kondizzjonijiet tax-xogħol. Hemm bżonn ta' aktar kjarifiki fir-rigward ta' dawn il-forom ta' xogħol u tas-sistema fiskali u tas-sigurtà soċjali applikabbli.

3.3 Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea, l-OECD u l-ILO jaħdmu flimkien mal-imsieħba soċjali biex jiżviluppaw dispożizzjonijiet adatti dwar kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u protezzjoni għall-ħaddiema onlajn u għal ħaddiema taħt relazzjonijiet ġodda oħrajn. Il-KESE huwa tal-fehma li l-elaborazzjoni ta' approċċ fil-livell tal-UE jkun ta' benefiċċju, filwaqt li jinnota li l-parti l-kbira tal-azzjonijiet se jkollhom jitwettqu f'livell nazzjonali, settorjali jew f'dak tal-post tax-xogħol ([7]).

3.4 Il-KESE huwa partikolarment imħasseb dwar id-dubji rigward ir-rappreżentanza tat-trejdjunjins u tad-dritt għan-negozjar kollettiv tal-ħaddiema tas-settur diġitali. Dan għandu jippermetti l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni għall-ħaddiema li jaħdmu għal rashom, li huma effettivament f'sitwazzjoni li tixbah lil dik ta' impjegat dipendenti. Għaldaqstant għandha tiġi eżaminata każ b'każ il-pożizzjoni tal-ħaddiema kkonċernati u, jekk ikunu qegħdin iwettqu attività b'paga, jitneħħew l-ostakoli li għandhom tendenza li jeskludu lil dawn il-ħaddiema tan-negozjar kollettiv u r-rappreżentanza trejdjunjonistika ([8]).

4. **It-teknoloġija diġitali u temi ta' prijorità għall-imsieħba soċjali fid-djalogu soċjali.**

4.1 Il-KESE jqis li l-kwistjonijiet relatati max-xogħol, mat-tranżizzjonijiet, mat-taħriġ vokazzjonali tul il-ħajja ([9]), b'mod partikolari mat-taħriġ, mal-protezzjoni soċjali u mas-sostenibilità tal-finanzjament tagħhom ([10]), mal-kondizzjonijiet tax-xogħol u anke mal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tar-remunerazzjoni, kif ukoll is-sigurtà tad-dħul huma fost it-temi ewlenin tad-djalogu soċjali fl-era tad-diġitalizzazzjoni.

5. **L-impjiegi u t-taħriġ vokazzjonali**

5.1 Huwa diffiċli li wieħed jifhem il-bidla fil-kwalità u fil-kwantità li ser jesperjenzaw l-impjiegi wara t-tranżizzjoni diġitali, l-aktar meta l-effetti jistgħu jvarjaw skont is-setturi u s-snajja'.

5.2 Madankollu, l-imsieħba soċjali għandhom jantiċipaw dawn il-bidliet sabiex jadattaw il-ħiliet tal-ħaddiema għall-impjiegi l-ġodda ([11]). It-taħriġ tul il-ħajja u l-adattament tal-kontenut tiegħu għall-ħiliet diġitali huma ta' prijorità. F'xi Stati Membri jeżistu drittijiet minimi għat-taħriġ edukattiv imħallas. Jeħtieġ li jitqies jekk dawn id-drittijiet humiex, kemm għall-ħaddiema kif ukoll għal min iħaddem, strument adegwat ta' adattament għall-bżonnijiet li jeżistu fejn jidħlu kwalifiki u jekk hemmx bżonn jitfasslu miżuri fil-livell Ewropew sabiex dawn l-esperjenzi jinfirxu fl-UE kollha ([12]).

6. **Il-protezzjoni soċjali**

6.1 Il-funzjonament tas-sistemi ta' sigurtà soċjali għandu jiġi eżaminat mill-ġdid u adattat skont il-każ, peress li kien imfassal għal karrieri b'pagi kontinwi, li qegħdin isiru dejjem inqas komuni. F'għaxar snin, in-numru ta' Ewropej li jaħdmu part-time żdied bi 11-il miljun (illum qegħdin 44 miljun) u n-numru ta' ħaddiema li għandhom kuntratt temporanju żdied b'aktar minn tliet miljuni (22 miljun b'kollox) ([13]).

([6]) Flash Eurobarometer 438, 2016.
([7]) ĠU C 303, 19.8.2016, p. 54.
([8]) ĠU C 303, 19.8.2016, p. 54.
([9]) Opinjoni tal-KESE dwar "Ħiliet/forom ġodda ta' xogħol" (ara paġna 36 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).
([10]) Dwar l-adattament neċessarju tat-tassazzjoni u tas-sigurtà tax-xogħol fi ħdan il-pjattaformi għall-finanzjament tal-protezzjoni soċjali, ara ĠU C 13, 15.1.2016, p. 161.
([11]) Opinjoni tal-KESE dwar "Ħiliet/forom ġodda ta' xogħol" (ara paġna 36 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).
([12]) ĠU C 13, 15.1.2016, p. 161.
([13]) Dokument ta' riflessjoni dwar id-dimensjoni soċjali tal-Ewropa, April 2017.

6.2 Fil-livell Ewropew u dak nazzjonali, iridu jsiru għażliet politiċi finanzjarji u fiskali biex jiżguraw is-sostenibbiltà tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali, u dawn it-temi huma s-suġġett tad-djalogu soċjali.

## 7. **L-iżvilupp legali tar-relazzjoni ta' subordinazzjoni**

7.1 Il-KESE qies f'opinjoni ([14]) li l-istess definizzjoni tax-xogħol u d-distinzjoni strutturali bejn l-impjegat u x-xogħol indipendenti għandhom jinbidlu legalment sabiex ma jħallux lill-impjegati diġitali mingħajr protezzjoni. Il-KESE jappella għal kjarifika tal-istatuti u r-relazzjonijiet fl-ekonomija diġitali sabiex jiġi żgurat li kull ħaddiem jibbenefika minn drittijiet u protezzjoni soċjali xierqa. L-imsieħba soċjali tagħha għandhom rwol ewlieni x'jaqdu biex jiżguraw li dan il-proċess iwassal għal riżultat pożittiv, ġust u sostenibbli, u li jiġu indirizzati kwistjonijiet mhux ċari fid-drittijiet u l-protezzjoni.

## 8. **L-effetti fuq ix-xogħol**

Id-diġitalizzazzjoni għandha impatt kbir kemm fuq l-organizzazzjonijiet eżistenti kif ukoll fuq l-entitajiet ġodda. L-impatt tad-diġitalizzazzjoni fuq il-metodi ta' ħidma, bħaż-żieda rapida tax-xogħol mill-bogħod f'bosta setturi, huwa fenomenu li qed jikber b'mod mgħaġġel ħafna. Skont studju reċenti tal-Eurofound, fl-UE-28 kollha, medja ta' madwar 17 % tal-impjegati huma teleħaddiema jew ħaddiema mobbli fit-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) ([15]).

8.1 Iż-żieda tan-numru ta' teleħaddiema u ta' ħaddiema mobbli jobbliga lill-imsieħba soċjali jsibu modi ġodda u metodi innovattivi sabiex jilħqu lill-ħaddiema li ma għadhomx fiżikament preżenti fil-bini tal-kumpaniji.

## 9. **Sorveljanza u kontroll tax-xogħol**

9.1 Għalkemm l-ICT u d-diġitalizzazzjoni joffru opportunitajiet ta' awtonomija fil-ġestjoni tal-ħin u tal-postijiet tax-xogħol għal ċerti ħaddiema (peress li l-valutazzjoni tagħhom hija bbażata aktar fuq ir-riżultat milli fuq is-sigħat ta' preżenza), għal oħrajn, it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni jimponu sorveljanza u kontroll akbar tax-xogħol tagħhom.

9.2 L-imsieħba soċjali, permezz tad-djalogu soċjali, għandhom jindirizzaw dawn l-isfidi sabiex jiġu mħarsa l-interessi kollettivi ta' dawn il-ħaddiema kollha u jiġi garantit xogħol ta' kwalità.

## 10. **Il-ħaddiema iperkonnessi u r-riskju għas-saħħa**

10.1 Għalkemm l-użu aktar intensiv tal-ICT jista' jirrappreżenta opportunità ta' awtonomija u bilanċ akbar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għal ċerti ħaddiema, meta dan ma jkunx ikkontrollat sew, jista' jkun ukoll ta' riskju għas-saħħa. Iż-żieda tan-numru ta' ħaddiema li jbatu mill-istress u minn burn-out hija realtà ta' tħassib u li tiswa għalja, u jeħtieġ li d-djalogu soċjali jsib soluzzjonijiet għaliha. Il-Kummissjoni ressqet proposta għal direttiva dwar il-bilanċ bejn il-ħajja privata u dik professjonali tal-ġenituri u l-persuni li jindukraw u fil-qafas tal-pakkett ta' miżuri li jakkumpanjaw il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ([16]).

10.2 L-ICTs ([17]) jistgħu wkoll jimblukkaw il-konfini bejn il-ħajja privata u dik professjonali. Djalogu wiesa' sabiex tiġi limitata d-disponibbiltà kontinwa tal-ħaddiema, kif ukoll it-taħriġ tagħhom għall-użu effettiv tal-ICT, huma t-tweġibiet meħtieġa, kif ukoll drittijiet ġodda, bħal dak għall-iskonnessjoni, rikonoxxuta riċentament fi Franza.

## 11. **Il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fil-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet**

11.1 Ix-xejra lejn awtonomija akbar mid-diġitalizzazzjoni lil ċerti ħaddiema tirrappreżenta sfida għall-impriżi, il-korpi tagħhom, il-governanza tagħhom, kif ukoll il-metodi ta' ġestjoni u l-istrutturi ġerarkiċi tradizzjonali tal-impriżi. Dawn l-iżviluppi jeħtieġu aktar forom ta' djalogu soċjali, informazzjoni, konsultazzjoni u parteċipazzjoni qawwija tal-ħaddiema. Dawn jistgħu jikkontribwixxu huma stess għal prattiki innovattivi u tal-proċessi ta' żvilupp ta' benefiċċju għall-impriża u l-partijiet interessati tagħha.

---

([14]) ĠU C 75, 10.3.2017, p. 33.
([15]) "Working anytime, anywhere: The effects on the world of work" (Xogħol kullimkien, f'kull waqt: l-effetti fuq id-dinja tax-xogħol), Eurofound, 2017.
([16]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea bit-titlu "Il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw", April 2017.
([17]) Ara l-istudju tal-Eurofound "Working anytime, anywhere: The effects on the world of work" (Xogħol kullimkien, f'kull waqt: l-effetti fuq id-dinja tax-xogħol), 2017.

11.2 Minħabba dan il-kuntest, il-KESE jqis li jenħtieġu influwenza u parteċipazzjoni akbar tal-ħaddiema fil-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Il-fiduċja tal-ħaddiema u tat-trejdjunjins tagħhom u l-kontribut tagħhom, fil-livelli kollha u l-korpi rilevanti, kemm jekk fuq livell lokali u/jew tal-bordijiet ta' sorveljanza u tmexxija, hija kruċjali. Il-parteċipazzjoni tagħhom fl-antiċipazzjoni tal-bidliet, fil-ġestjoni u fid-deċiżjonijiet li jirrigwardaw lil dan it-tibdil, hija essenzjali biex jiġu indirizzati l-effetti tat-trasformazzjonijiet diġitali u jinħoloq spirtu u kultura orjentati lejn l-innovazzjoni. Skont rapport tal-Eurofound, il-maġġoranza tad-diretturi tal-impriżi huma konvinti li l-parteċipazzjoni tal-impjegati fl-għażla tal-impriżi tikkostitwixxi vantaġġ kompetittiv ([18]).

11.3 Skont il-KESE, jeħtieġ jittieħdu inkunsiderazzjoni forom xierqa ta' konsultazzjoni u informazzjoni tal-ħaddiema fl-organizzazzjonijiet tax-xogħol. Fil-livell nazzjonali bħal fl-impriżi, l-imsieħba soċjali għandhom isibu l-aktar soluzzjonijiet xierqa biex jiggarantixxu l-parteċipazzjoni tal-atturi tagħhom.

## 12. L-ewwel riżultati tad-djalogu soċjali dwar it-teknoloġija diġitali fl-Istati Membri: prinċipji u prattiki tajbin

12.1 F'ċertu numru ta' Stati Membri, il-gvernijiet taw bidu għal djalogu dwar il-kwistjonijiet u l-isfidi tad-diġitalizzazzjoni. It-trejdjunjins, min iħaddem, ir-riċerkaturi u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili ġew involuti fih.

12.2 Il-KESE jiddeskrivi l-inizjattivi li ttieħdu f'għadd ta' Stati Membri tal-UE sabiex jantiċipaw il-forom ġodda ta' xogħol. Dawn l-inizjattivi jinvolvu imsieħba soċjali u atturi tas-soċjetà ċivili, inklużi l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u ta' kontra l-faqar.

12.2.1 Il-Ġermanja kienet pijuniera bil-pubblikazzjoni fl-2015 tal-Green Paper bl-isem "Xogħol 4.0 – Nimmaġinaw ix-xogħol mill-ġdid", li wittiet it-triq għal djalogu mal-imsieħba soċjali u partijiet interessati oħra dwar l-implimentazzjoni diġitali.

12.2.2 Fi Franza, inħoloq Kunsill nazzjonali għat-teknoloġija diġitali u fl-2015 ġie ppubblikat ir-rapport "Rapport Mettling". It-trejdjunjins, min iħaddem u ċ-ċittadini ġew involuti fit-tfassil ta' dan ir-rapport li fih għadd ta' rakkomandazzjonijiet li għandhom japplikaw l-impriżi.

12.2.3 Dawn l-inizjattivi meħuda mill-gvernijiet u li jinvolvu lill-imsieħba soċjali, lid-dinja akkademika u lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili ġew skjerati wkoll fl-Awstrija, fil-Finlandja, fl-Isvezja, fil-Portugall, fl-Italja, Spanja, l-Ungerija u d-Danimarka.

Il-KESE jqis li r-riżultati ta' dan id-djalogu b'diversi partijiet interessati għandu jiġi kkonsolidat fil-livell Ewropew u li l-ħtiġijiet u l-problemi espressi jridu jiġu kkunsidrati fl-inizjattivi Ewropej biex jgħinu jarmonizzaw il-qafas ta' referenza.

## 13. L-imsieħba soċjali u l-evoluzzjoni tas-suġġetti tad-djalogu soċjali u tal-azzjonijiet tat-trejdjunjins fil-konfront tal-qasam diġitali

13.1 Testijiet li fihom il-KESE jorbot b'mod mhux eżawrjenti, impriżi f'bosta Stati Membri, juru l-evoluzzjoni tal-prattiki tat-trejdjunjins u l-kisba ta' drittijiet ġodda permezz ta' negozjati kollettivi li jkopru l-forom ġodda ta' xogħol.

13.2 Fi Franza, ġew rikonoxxuti żewġ drittijiet ġodda: l-ewwel wieħed inkluż fl-Att dwar ix-Xogħol ta' Awwissu 2016, huwa d-dritt tal-iskonnessjoni, li jtaffi r-riskji ta' xogħol mingħajr fruntieri u mingħajr limiti. Dan id-dritt jiggarantixxi lill-ħaddiema li jużaw l-ICT il-possibilità li jillimitaw il-konnessjoni permanenti.

13.3 Id-djalogu soċjali fil-livell tal-impriżi jsarraf dan id-dritt għall-iskonnessjoni permezz ta' ftehimiet kollettivi għall-kumpanija jew għall-fergħat. Ġew innegozjati wkoll ftehimiet tat-telexogħol u xogħol mobbli f'għadd ta' kumpaniji. Fl-2016 ġie ffirmat ukoll ftehim dwar it-teknoloġija diġitali, l-ewwel wieħed fl-Ewropa, bejn imsieħba soċjali fi ħdan kumpanija tat-telekomunikazzjoni. Dan jinkludi fost l-oħrajn il-ħolqien ta' kumitat bl-imsieħba soċjali inkarigati milli jantiċipaw il-ħiliet ġodda li se jkollhom bżonn l-impjegati minħabba l-iżviluppi diġitali.

13.4 It-tieni dritt ġdid miksub fi Franza huwa l-kont tan-negozju personali. Il-ħaddiema kollha (impjegati, dawk li jaħdmu għal rashom jew il-ħaddiema indipendenti "fittizji" kif ukoll il-ħaddiema tal-pjattaformi) igawdu minnu u permezz tiegħu jistgħu jiġbru d-dritt għat-taħriġ, għall-benefiċċju soċjali, għall-benefiċċju tal-qgħad u għall-pensjoni fuq kont wieħed trasferibbli.

---

([18]) *"Work organisation and employee involvement in Europe", 2013*, ara wkoll ĠU C 161, 6.6.2013, p. 35.

13.5 Barra minn hekk, qegħdin ifeġġu prattiki industrijali innovattivi: ċerti junjins ħolqu pjattaforma għal dawk li jaħdmu għal rashom, li tipproponi servizzi ġodda bħal assigurazzjoni għas-saħħa, garanziji ta' benefiċċji u ta' servizzi legali mfassla għall-attività tagħhom.

13.6 Fil-Ġermanja u fl-Iżvezja, il-junjin Ġermaniża IG Metall u l-junjin Żvediża Unionen kkonkludew ftehim ta' sħubija f'Ġunju 2016, sabiex jimmonitorjaw u jivvalutaw ix-xogħol fuq il-pjattaformi diġitali sabiex jantiċipaw il-bidliet ikkawżati mill-ekonomija l-ġdida u jiżviluppaw għodod diġitali ta' komunikazzjoni industrijali, sabiex jorganizzaw lill-ħaddiema li jaħdmu għal rashom u lill-ħaddiema parteċipattivi (*crowd-workers*). L-aċċess għall-pjattaforma tat-trejdunjins maħluqa b'dan il-mod huwa transnazzjonali u huma mmirat lejn il-ħaddiema lil hinn mill-konfini nazzjonali. Fil-Ġermanja ġie konkluż ukoll ftehim industrijali dwar ix-xogħol mobbli li jqis l-arranġamenti l-ġodda tax-xogħol: telexogħol, xogħol mobbli, xogħol mid-dar.

13.7 Fl-Italja, il-junjins innegozjaw ftehimiet għall-ħaddiema atipiċi f'ċerti impriżi li jipprovdu garanziji ta' kopertura ta' benefiċċji u mard, li s'issa kienu riżervati għall-impjegati tradizzjonali, kif ukoll assistenza legali xierqa.

13.8 Fid-Danimarka u f'għadd ta' pajjiżi oħrajn tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll fl-Istati Uniti, il-forom ġodda ta' xogħol diġitali ġew ikkritikati ħafna mill-junjins peress li jaħarbu l-liġijiet tax-xogħol fis-seħħ fis-setturi tradizzjonali kif ukoll it-taxxi. Il-kumpanija tat-trasport Uber, emblema tax-xogħol fuq il-pjattaformi, kienet fiċ-ċentru tad-dibattiti dwar l-ekonomija diġitali. L-isfida kienet li s-sewwieqa ta' Uber jiġu rikonoxxuti bħala impjegati, u b'hekk, li Uber tkun imġiegħla tiddikjarahom, tħallas il-kontribuzzjonijiet ta' min iħaddem u tirrispetta r-regolamenti tal-impjieg ([19]). It-trejdjunjins għandhom l-għan prinċipali li jinnegozjaw, f'isem il-ħaddiema tal-pjattaformi, pagi minimi, it-trasparenza tal-kriterji li jirregolaw l-algoritmi u jiddeterminaw il-klassfikazzjoni u l-valutazzjoni tagħhom kif ukoll kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti ([20]).

13.9 Fin-Netherlands, ħaddiema b'kuntratti flessibbli jew "indipendenti" ukoll bdew jingħaqdu f'junjins.

13.10 Id-djalogu soċjali Ewropew fis-settur tal-metalli kkonkluda pożizzjoni konġunta ffirmata mit-trejdjunjin Industriall u l-organizzazzjoni ta' min iħaddem CEEMET), dwar l-impatt tad-diġitalizzazzjoni u l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu ([21]).

13.11 Fil-livell Ewropew, Business Europe, UNI Europa, is-CEEP u l-UEAPME iffirmaw dikjarazzjoni komuni dwar l-effetti tat-teknoloġija diġitali fid-dinja tax-xogħol u identifikaw l-akbar sfidi li qed jiffaċċjaw il-kapijiet Ewropej u l-imsieħba soċjali ([22]).

Brussell, l-20 ta' Settembru 2017.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

---

([19]) Fl-Ingilterra, sentenza tal-qorti kkundannat lil Uber fil-każ *M. Y Aslam, M. J Farrar u oħrajn* vs.*Uber*; Uber għamlet appell.

([20]) "Les impacts sociaux de la digitalisation de l'économie" (L-impatti soċjali tad-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija), Christophe Degryse, Dokument ta' Ħidma tal-ETUI 2016.02; "ReformsWatch", servizz ta' informazzjoni onlajn ta' ETUI, 2016; "Trade unions must organise people working through plateforms", Gunhild Wallin, Ġunju 2016 u "*Digitalisation and working life: lessons from the Uber cases around Europe*", Eurofound, Jannar 2016.

([21]) "Pożizzjoni konġunta ta' Industriall Europe u CEEMET", 8 ta' Diċembru 2016.

([22]) Dikjarazzjoni tal-imsieħba soċjali Ewropej dwar id-diġitalizzazzjoni, iffirmata waqt is-Summit Soċjali Tripartitiku, fis-16 ta' Marzu 2016.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-provvista u l-iżvilupp tal-ħiliet, inklużi l-ħiliet diġitali, fil-kuntest ta' forom ġodda ta' xogħol: politiki ġodda u tibdil fir-rwoli u r-responsabbiltajiet"**

**(Opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Estonjana)**

(2017/C 434/06)

Relatur: **Ulrich SAMM**

Korelatur: **Indrė VAREIKYTĖ**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Il-Presidenza Estonjan tal-Kunsill, 17.3.2017 |
| Bażi legali | Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza |
| Adottata fis-sezzjoni | 19.7.2017 |
| Adottata fil-plenarja | 20.9.2017 |
| Sessjoni plenarja Nru | 528 |
| Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet) | 198/5/16 |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Id-diġitalizzazzjoni ser tibdel il-ħajja tax-xogħol tagħna b'mod drammatiku. Irridu **nieħdu azzjoni issa** biex niżguraw li l-ħiliet adatti jkunu disponibbli għall-ġejjieni, sabiex l-Ewropa tibqa' kompetittiva u tkun kapaċi toħloq negozji ġodda u impjiegi ġodda, in-nies ikunu jistgħu jibqgħu integrati fis-suq tax-xogħol matul il-ħajja tax-xogħol tagħhom, u jkun żgurat benesseri għal kulħadd. Il-veloċità li jseħħu biha d-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni tinvolvi wkoll riskji soċjali li rridu nindirizzaw permezz tal-isforzi kkoordinati tal-partijiet ikkonċernati kollha, kemm ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet kif ukoll tal-imsieħba soċjali u tas-soċjetà ċivili.

1.2 Minħabba d-disponibbiltà ta' netwerks tal-broadband b'kapaċità għolja ħafna, il-ġejjieni tax-xogħol ser ikun ikkaratterizzat minn numru dejjem jikber ta' forom ta' xogħol atipiku, bħax-xogħol part-time (multiplu), xogħol ma' kuntratturi differenti u l-hekk imsejjaħ crowdworking fejn il-ħaddiema joffru l-ħiliet tagħhom fuq pjattaformi tal-internet bħala netwerk ta' professjonisti bi kwalifiki għoljin u speċjalizzati. Il-KESE jenfasizza li fid-dawl ta' dan it-tkabbir ta' xogħol atipiku, il-provvista tas-**sigurtà soċjali** u l-evitar tal-**faqar** (anke fost l-anzjani) għandhom jingħataw prijorità għolja.

1.3 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon ċerti inizjattivi nazzjonali mit-trejdjunjins u mis-soċjetà ċivili li jipprovdu **gwida lill-crowdworkers**, li f'xi każijiet diġà wasslu għall-iżvilupp ta' Kodiċi ta' Kondotta għall-pjattaformi tal-crowdworking. Il-KESE jixtieq li dan l-iżvilupp jiġi adottat mill-Kummissjoni u applikat fuq skala Ewropea. Iż-żieda fl-asimmetrija tal-informazzjoni bejn il-konsumaturi u n-negozji ser jeħtieġ li tiġi indirizzata permezz ta' metodi bħal, pereżempju, il-kodiċijiet tal-etika għall-professjonijiet liberi.

1.4 Ix-xogħol qed jinbidel ukoll fil-kumpaniji tradizzjonali. B'mod partikolari, ix-xogħol li jitlob livell għoli ta' għarfien jista' jitwettaq f'kundizzjonijiet dejjem iżjed mingħajr restrizzjonijiet li, minn naħa waħda, jikkorrispondi għal **xewqa għall-flessibbiltà** li jesprimu ħafna impjegati iżda, min-naħa l-oħra, jista' jwassal għal żieda fl-intensifikazzjoni u l-piżijiet. **Ambjent tax-xogħol** li qed isir dejjem iżjed **multilokali** jitlob kompetenzi soċjali ġodda.

1.5 **L-awtomatizzazzjoni** u **r-robots** ser ikollhom impatt sinifikanti fuq il-ġejjieni tax-xogħol. Dawn jistgħu jieħdu post ix-xogħol monotonu, tqil jew perikoluż u ġenerazzjoni ġdida tal-hekk imsejħa “robots kollaborattivi” jistgħu jsiru msieħba fiżiċi għall-ħaddiema, u huma ta’ għajnuna b’mod partikolari għall-persuni b’diżabbiltà fiżika. Filwaqt li r-robots tal-lum qegħdin prinċipalment jieħdu post ix-xogħol manwali, il-professjonijiet mhux manwali se jiġu affettwati wkoll meta tiġi applikata l-intelliġenza artifiċjali. L-awtomatizzazzjoni u r-robots għandhom il-potenzjal li jistabbilizzaw l-ekonomija f’soċjetà li qed tixjieħ.

1.6 Numru sinifikanti ta’ **impjiegi** se jiġi affettwat mill-introduzzjoni ta’ aktar robots fil-post tax-xogħol. Nistennew li, bħal fil-passat, iż-żieda tal-ġid fis-soċjetà se twassal għal tkabbir u impjiegi ġodda f’oqsma speċifiċi bħall-kultura, l-arti, it-turiżmu, il-ħidma soċjali, l-edukazzjoni, il-komunikazzjoni, id-divertiment u l-kura tas-saħħa. Madankollu, dan l-iżvilupp jista’ jimmanifesta ruħu aktar malajr milli fil-passat, li jista’ jwassal għal distorsjonijiet li għalihom se jkun meħtieġ djalogu soċjali fi stadju bikri.

1.7 **It-tagħlim tul il-ħajja**, b’mod partikolari relatat mal-ħiliet diġitali, ser ikun neċessità għal kulħadd, u dan jitlob aktar u aktar flessibbiltà mill-individwi, il-kumpaniji u s-sistemi kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Lil hinn mill-edukazzjoni formali, ser ikollu jiġi ddedikat ferm aktar ħin għat-taħriġ professjonali u għat-tagħlim informali, li għandhom ikunu appoġġjati kemm jista’ jkun minn sistema armonizzata fil-livell tal-UE ta’ ċertifikati u standards. Barra min hekk, f’dan il-kuntest, il-KESE diġà ressaq rakkomandazzjonijiet dwar miżuri Ewropej fil-qasam tal-liv għat-taħriġ.

1.8 L-edukazzjoni bażika għandha tinkludi aktar **tagħlim diġitali interattiv**. Il-ħiliet diġitali, madankollu, jistgħu jmorru lil hinn mill-ipprogrammar biex jinkludu s-sensibilizzazzjoni dwar x’hemm wara “klikkjatura ta’ maws”: il-fehim tas-sistema, l-interkonnessjonijiet, l-impatt soċjali u kwistjonijiet ta’ privatezza u sigurtà.

1.9 Il-ħiliet tal-ġejjieni għandhom jirriflettu l-ħtiġijiet soċjetali u d-**domandi tas-suq tax-xogħol**. Dan jista’ jinkiseb biss permezz ta’ kooperazzjoni mill-qrib bejn l-imsieħba soċjali u s-sistemi tal-edukazzjoni pubblika u privata. Is-swieq aktar volatili ser iwasslu għal sfidi, peress li n-negozji u l-ħaddiema ser ikollhom jadattaw ruħhom malajr biżżejjed. Dan, b’mod partikolari, huwa sfida għas-sistemi tat-taħriġ professjonali.

1.10 L-organizzazzjonijiet pubbliċi u privati (skejjel, universitajiet, kmamar tal-kummerċ, trejdjunjins, ċentri tat-taħriġ) ikollhom jipprovdu **taħriġ professjonali** f’teknoloġiji ġodda, b’mod speċjali għal dawk li m’għandhomx il-kapaċità biex jorganizzaw it-taħriġ huma stess, bħall-**SMEs**, il-professjonijiet liberi u l-ħaddiema għal rashom.

1.11 L-iżviluppi fit-tul, li jistgħu jwasslu għal sfidi ġodda u mhux prevedibbli fejn il-ħiliet tal-lum jistgħu jiskadu malajr, jistgħu jiġu indirizzati bl-aħjar mod mill-**edukazzjoni ġenerali**. Aktar ma tkun tajba l-edukazzjoni ġenerali, aktar tkun aħjar it-tħejjija għal dak li mhux magħruf. Edukazzjoni ġenerali wiesgħa hija wkoll l-aħjar bażi biex wieħed jitgħallem kif jagħraf **l-informazzjoni affidabbli** fuq l-internet u tkif isir anqas vulnerabbli għall-aħbarijiet foloz.

1.12 Il-KESE jilqa’ b’sodisfazzjon id-diversi inizjattivi rilevanti tal-Kummissjoni relatati mat-tagħlim tul il-ħajja, il-ħiliet diġitali u l-impjiegi, l-aġenda ġdida għall-ħiliet u l-Erasmus+. Ir-**repożitorju ta’ prattika tajba** stabbilit mill-Kummissjoni għandu l-potenzjal li jservi bħala faċilitatur għal dibattitu fil-livell tal-UE li għandu jwassal għall-adozzjoni ta’ linji gwida u standards ibbażati fuq l-aħjar prattiki. Is-soċjetà ċivili organizzata tista’ u ser taqdi rwol importanti hawnhekk.

## 2. **Introduzzjoni**

2.1 It-teknoloġija diġitali qed ikollha rwol dejjem aktar importanti fl-ekonomija tagħna u fil-ħajja soċjali tagħna. Ser tkun kruċjali għall-iżvilupp ta’ mudelli ekonomiċi ġodda (kollaborattivi, funzjonali, ċirkolari). Barra minn hekk, il-globalizzazzjoni, il-migrazzjoni, is-soċjetà li qed tixjieħ, it-tibdil fil-klima u l-ħtieġa ta’ soluzzjonijiet sostenibbli ser ikollhom impatt sostanzjali fuq l-ambjent soċjali inġenerali, u fuq il-ħajja tax-xogħol tagħna b’mod partikolari. Il-forom ġodda ta’ xogħol li bħalissa qegħdin fi stat ta’ evoluzzjoni huma indirizzati f’din l-Opinjoni esploratorja permezz ta’ enfasi fuq il-ħiliet meħtieġa, inklużi l-ħiliet diġitali, u fuq politiki ġodda u t-tibdil fir-rwoli u r-responsabbiltajiet, filwaqt li Opinjoni esploratorja parallela tal-KESE tindirizza forom ġodda ta’ xogħol u r-rwol u l-perspettivi tal-imsieħba soċjali u organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili ([1]).

([1]) Opinjoni tal-KESE dwar *Ir-rwol u l-perspettivi tal-imsieħba soċjali u organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili fil-kuntest tal-forom ġodda ta’ xogħol*, adottata f’Settembru 2017 (ara paġna 30 ta’ dan il-Ġurnal Uffiċjali).

2.2 Sabiex l-Ewropa tibqa’ kompetittiva, biex tkun tista’ toħloq negozji ġodda u impjiegi ġodda u biex tipprovdi benesseri għal kulħadd, l-iżvilupp ta’ **ħiliet adatti** għandu jingħata prijorità. Il-veloċità li biha jseħħu d-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni toħloq ukoll **biża’** fost il-popolazzjoni, b’mod partikolari fost il-ħaddiema, u **inċertezzi** fin-negozji minħabba l-isfidi kbar involuti. Is-soċjetà tagħna għandha tindirizza dawn l-isfidi u tadatta għat-tibdil b’urġenza, permezz ta’ sforzi kkoordinati mill-partijiet ikkonċernati kollha fil-politika pubblika u fis-soċjetà ċivili. L-Ewropa tista’ tkun minn ta’ quddiem nett fid-dinja, bi żvilupp modern ibbażat fuq il-valuri tagħha stess.

2.3 Il-KESE huwa konvint li l-futur tax-xogħol jeħtieġ li jkun prijorità ewlenija fid-dibattiti dwar il-**Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali** ([2]). Għadd ta’ kwistjonijiet speċifiċi diġà ġew indirizzati fl-Opinjonijiet tal-KESE dwar Is-Suq Uniku Diġitali u l-SMEs ([3]); L-Aġenda Ġdida għall-Ħiliet ([4]); Is-Soċjetà Ewropea tal-Gigabits ([5]); It-tisħiħ tal-kompetenza diġitali, il-ħiliet elettroniċi u l-inklużjoni diġitali ([6]); L-Industrija 4.0 u t-trasformazzjoni diġitali ([7]); kif ukoll fir-Rapport ta’ informazzjoni tal-KESE dwar Evalwazzjoni ta’ nofs it-terminu tal-Erasmus ([8]).

## 3. Il-ġejjieni tax-xogħol

3.1 In-netwerks tal-broadband b’kapaċità għolja ħafna ser iwittu t-triq għall-użu ta’ varjetà kbira ta’ **applikazzjonijiet u ambjenti ġodda**, bħall-Internet tal-Oġġetti, l-awtomatizzazzjoni, il-cloud computing, l-esplorazzjoni tal-big data umudelli kummerċjali ġodda bbażati fuq loġika ddominata mis-servizzi. Din it-tendenza ser tkun vantaġġjuża peress li tista’ ġġib tipi ta’ speċjalizzazzjoni professjonali li huma attwalment id-diskrezzjoni esklussiva tal-konglomerazzjonijiet urbani l-kbar lejn żoni li huma remoti u/jew diffiċli li jkun hemm aċċess għalihom minħabba raġunijiet demografiċi. Strumenti bħall-konsultazzjoni medika remota, il-monitoraġġ remot u r-rappurtar remot ser jippermettu li l-persuni vulnerabbli jiġu mmonitorjati direttament fi djarhom. Ser ikun anke possibbli għal ċentri żgħar li jkollhom aċċess għal professjonisti speċjalizzati ħafna. Huwa importanti li jiġi rikonoxxut li l-mod kif jaħdmu n-nies se jinbidel għal kważi l-gruppi kollha u l-professjonijiet kollha, u li l-previżjonijiet dwar l-iżviluppi tul id-deċennji li ġejjin jinkludu inċertezzi sinifikanti. Irridu nirrealizzaw li neħtieġu li nkunu mħejjija għal dak li mhux magħruf.

3.2 Fil-ġejjieni, ser ikun hemm differenzjazzjoni dejjem tikber fl-**organizzazzjoni tal-kumpaniji**. Min-naħa waħda, għandna l-kumpaniji tradizzjonali b’persunal permanenti u li jeħtiġilhom joffrulu ambjent tax-xogħol attraenti, l-hekk imsejħa “kumpaniji li jieħdu ħsieb” ([9]). Min-naħa l-oħra, għandna numru dejjem jikber ta’ kumpaniji b’organizzazzjoni “fluwida”, ibbażati dejjem aktar fuq l-hekk imsejħa “crowdworkers”. Dan jippermettilhom jirreaġixxu b’mod flessibbli ħafna għat-tibdil fis-swieq. Il-crowdworkers huma netwerk ta’ professjonisti bi kwalifiki għoljin u speċjalizzati, għalkemm sa ċertu punt jista’ jkun hemm ukoll kollaboraturi anqas kwalifikati li joffru l-ħiliet tagħhom fuq pjattaformi tal-internet. Hija mistennija li tiżviluppa wkoll varjetà ta’ forom imħallta ta’ organizzazzjonijiet tal-kumpaniji. Pereżempju, kumpaniji li jieħdu ħsieb jistgħu jesternalizzaw parti min-negozju tagħhom lill-crowdworkers. Iż-żieda fl-asimmetrija tal-informazzjoni bejn il-konsumaturi u n-negozji ser jeħtieġ li tiġi indirizzata permezz ta’ metodi bħal, pereżempju, il-kodiċijiet tal-etika għall-professjonijiet liberi.

3.3 **Il-crowdworkers** igawdu l-libertà tagħhom b’sigħat tax-xogħol u post tax-xogħol flessibbli. Huma joffru l-ħiliet tagħhom fis-suq – xi kultant għal kompiti mikro – għall-aħjar prezz. Madankollu, in-nuqqas ta’ sigurtà soċjali f’dan it-tip ta’ impjieg indipendenti (“nomadi diġitali”), jinvolvi riskji konsiderevoli. It-tendenza fis-soċjetà tagħna li nimxu minn impjieg “normali” għal xogħol “atipiku” – li, minbarra l-crowdworking, jinkludi x-xogħol part-time (multiplu) u xogħol ma’ kuntratturi differenti – hija sfida serja għas-**sistemi tas-sigurtà soċjali** ([10]) tagħna. Jeħtieġ li l-erba’ komponenti tal-flessigurtà ([11]) jiġu implimentati għal dan it-tip ġdid ta’ xogħol ukoll: 1) arranġamenti kuntrattwali flessibbli u affidabbli; 2) tagħlim komprensiv tul il-ħajja; 3) politiki dwar is-suq attiv tax-xogħol; u 4) sistemi moderni tas-sigurtà soċjali.

---

([2]) ĠU C 125, 21.4.2017, p. 10.
([3]) Opinjoni fuq inizjattiva proprja tal-KESE dwar *Is-Suq Uniku Diġitali — Xejriet u l-opportunitajiet għall-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju*, li għandha tiġi adottata f’Ottubru 2017.
([4]) ĠU C 173, 31.5.2017, p. 45
([5]) ĠU C 125, 21.4.2017, p. 51
([6]) ĠU C 318, 29.10.2011, p. 9
([7]) ĠU C 389, 21.10.2016, p. 50
([8]) Erasmus+ evalwazzjoni ta’ nofs it-term; adottata fil-31 ta’ Mejju 2017 (Rapport ta’ Informazzjoni).
([9]) Bauer, Wilhelm et al. (2012). *Arbeitswelten 4.0. Wie wir morgen arbeiten und leben / Working Environments 4.0. How We Will Work and Live Tomorrow.* Dieter Spath, ed. Stuttgart, Fraunhofer Verlag.
([10]) ĠU C 303, 19.8.2016, p. 54; ĠU C 13, 15.1.2016, p. 161.
([11]) Ara l-Komunikazzjoni Aġenda għall-ħiliet ġodda u l-impjiegi: Kontribut Ewropew lejn livell massimu ta’ impjiegi, COM(2010) 682 final.

3.4 Ix-xogħol qed jinbidel ukoll f'kumpaniji tradizzjonali b'persunal permanenti. Illum il-ġurnata, ftit li xejn huwa importanti fejn jitwettqu l-kompiti u x-xogħol li jitolbu livell għoli ta' għarfien – bħall-kompiti ta' inġinerija jew proġetti ta' riċerka u żvilupp. Dan it-tip ta' xogħol jista' jitwettaq f'kundizzjonijiet dejjem iżjed mingħajr restrizzjonijiet li, minn naħa waħda, jikkorrispondi għal **xewqa għall-flessibbiltà** li jesprimu ħafna impjegati iżda, min-naħa l-oħra, jista' jwassal għal żieda fl-intensifikazzjoni u l-piżijiet. Il-kisba tal-bilanċ mixtieq bejn ix-xogħol u l-ħajja privata saret waħda mill-kriterji essenzjali biex jintgħażel impjegatur. Is-soċjetà tagħna miexja lejn ambjent tax-xogħol multilokali li jeħtieġ **kompetenzi soċjali ġodda** għal dawk kollha li jaħdmu fiha. Il-konnettività 24/7 tista' tgħin biex tikkombina l-ħajja privata u x-xogħol, imma tista' wkoll tkun ta' piż u twassal għal riskji għas-saħħa.

3.5 **L-awtomatizzazzjoni u r-robots** għandhom impatt sinifikanti fuq il-ġejjieni tax-xogħol. Il-benefiċċji huma ovvji: produttività u affidabbiltà ogħla, u s-sostituzzjoni ta' xogħol monotonu, tqil jew perikoluż. Il-ġenerazzjoni l-ġdida tal-hekk imsejħa "robots kollaborattivi" jistgħu jsiru msieħba fiżiċi għall-ħaddiema u, b'mod partikolari, huma ta' għajnuna għall-persuni b'diżabbiltà fiżika. L-intelliġenza artifiċjali ser tippermetti l-awtomatizzazzjoni ta' xogħol kumpless, li ser jaffettwa mhux biss ix-xogħol manwali, imma wkoll professjonijiet mhux manwali (is-settur tal-assigurazzjoni, is-servizzi finanzjarji, it-tradutturi, il-konsulenza legali, eċċ.) ([12]). L-awtomatizzazzjoni u r-robots għandhom il-potenzjal li jistabbilizzaw l-ekonomija f'soċjetà li qed tixjieħ.

3.6 Ir-robots inizjalment jieħdu post il-ħaddiema umani. iżda sussegwentement jistgħu jinħolqu impjiegi ġodda. Spiss jiġi diskuss fil-forum pubbliku kemm-il **impjieg** jiġi **affettwat** u kemm jistgħu **jinħolqu** impjiegi ġodda fl-istess ħin. Ix-xejra hija ċara, imma n-numri jvarjaw ħafna. Pereżempju, il-Forum Ekonomiku Dinji bassar li aktar minn 5,1 miljun impjieg ser jintilfu fi 15-il ekonomija ewlenija żviluppata u emerġenti minħabba tibdil li jikkawża tfixkil fis-suq tax-xogħol bejn l-2015-2020, hekk kif l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika, in-nanoteknoloġija u fatturi soċjoekonomiċi oħra jieħdu post il-ħtieġa għal ħaddiema umani, filwaqt li min-naħa l-oħra dawn l-istess avvanzi teknoloġiċi joħolqu wkoll 2 miljun impjieg ġdid ([13]). M'hemmx dubju li permezz tar-robots il-produttività ser tiżdied, li huwa tajjeb għall-ekonomija u għas-soċjetà tagħna, għaliex dan iwassal għal PDG ogħla. Huwa kważi impossibbli li jiġi previst kif il-bilanċ pożittiv fil-PDG ser jintuża għall-ħolqien ta' impjiegi ġodda ([14]). Nistgħu nitgħallmu mill-passat, meta l-awtomatizzazzjoni wasslet għal aktar ġid fis-soċjetà bi tkabbir u impjiegi ġodda f'oqsma speċifiċi bħall-kultura, l-arti, it-turiżmu, il-ħidma soċjali, l-edukazzjoni, il-komunikazzjoni, id-divertiment u l-kura tas-saħħa. Nistgħu nistennew li din ix-xejra ser tkompli, għalkemm tista' tkun aktar mgħaġġla milli fil-passat. Dan jista' jwassal għal distorsjonijiet li għalihom ikun meħtieġ **djalogu soċjali** fi stadju bikri.

3.7 Barra minn hekk, id-diġitalizzazzjoni u r-robotizzazzjoni tat-**trasport** ser iġibu bidliet profondi fin-natura tax-xogħol u d-domanda għall-ħiliet. Il-KESE jenfasizza l-importanza li dawn il-bidliet strutturali jiġu indirizzati billi tissaħħaħ tranżizzjoni ġusta u bla xkiel u billi jiġu indirizzati d-diskrepanzi fil-ħiliet ([15]).

## 4. **Il-provvista ta' ħiliet u kompetenzi**

4.1 Il-kompetenzi huma prerekwiżit neċessarju għat-trasformazzjoni tal-għarfien f'riżultati li jżidu l-benesseri tagħna – madankollu l-era diġitali ġġib sfidi ġodda. Nistennew għadd dejjem jikber ta' ħaddiema b'kuntratti ta' impjieg atipiċi li sikwit ikollhom nuqqas ta' aċċess għal skemi tradizzjonali ta' taħriġ fil-kumpaniji. **Il-kompetenzi tekniċi u soċjali**, li jinkludu l-kapaċità ta' komunikazzjoni u interazzjoni man-nies f'kuntesti differenti u permezz ta' għodod tekniċi differenti, kif ukoll **il-kompetenzi intraprenditorjali** u l-fokus fuq ir-responsabbiltà lejn is-soċjetà, diġà huma prerekwiżit, imma l-maġġoranza tas-sistemi edukattivi għadhom ma jistgħux jipprovduhom għaliex kienu mfassla għal era differenti. Il-Kumitat għal darb'oħra, jitlob lill-Istati Membri, sabiex bil-kooperazzjoni tal-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE, kif ukoll tal-kumpaniji fl-Ewropa, iżidu l-kapaċità tagħhom u jintroduċu soluzzjonijiet aktar innovattivi fl-oqsma tal-**edukazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet**, inkluż it-taħriġ fil-post tax-xogħol u t-taħriġ mill-ġdid, peress li l-Ewropa teħtieġ bidla ġenwina fundamentali fil-miri u fil-funzjonament tas-settur tal-edukazzjoni, u fehim tal-post u r-rwol tagħha fis-soċjetà ([16]).

([12]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar *L-impatt tal-intelliġenza artifiċjali għas-suq uniku (diġitali), il-produzzjoni, il-konsum, l-impjiegi u s-soċjetà*, adottata fil-31 ta' Mejju 2017 (ĠU C 288, 31.8.2017, p. 1).

([13]) Forum Ekonomiku Dinji. "Employment, Skills and Workforce Strategy for the Fourth Industrial Revolution: The Future of Jobs" (Srateġija għax-Xogħol, il-Ħiliet u l-Forza tax-Xogħol għar-Raba' Rivoluzzjoni Industrijali: Il-Ġejjieni tal-Impjiegi). Rapport tal-Global Challenge Insight, Jannar 2016, p. 13.

([14]) ĠU C 181, 21.6.2012, p. 14.

([15]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar *L-implikazzjonijiet id-diġitalizzazzjoni u r-robotizzazzjoni tat-trasport għat-tfassil tal-politika tal-UE*, adottata f'Lulju 2017 (ĠU C 345, 13.10.2017, p. 52).

([16]) ĠU C 173, 31.5.2017, p. 45.

4.2 **Id-diġitalizzazzjoni** toħloq potenzjal għal teknoloġiji aċċessibbli u personalizzati li jistgħu joffru programmi ta' tagħlim aktar iffukati fuq min qed jitgħallem u joħolqu **tkomplija fit-tagħlim** bejn it-tagħlim formali, mhux formali u informali. Is-soluzzjonijiet diġitali jistgħu jiġu integrati fl-istrateġiji tat-tagħlim tul il-ħajja u jistgħu jkunu għodda b'saħħitha biex jitnaqqsu d-distakki fil-kisbiet u fl-opportunitajiet. Madankollu, dan jiddependi ħafna minn kif it-teknoloġija diġitali tiġi introdotta u użata fl-ambjenti tat-tagħlim.

4.3 Biex jinkisbu esperjenzi tat-tagħlim u eżiti tat-tagħlim imtejba, jeħtieġ li s-sistema edukattiva tqiegħed il-ħtiġijiet ta' dawk li qegħdin jitgħallmu fiċ-ċentru: huma stess għandhom jirregolaw it-tagħlim, it-taħriġ u t-titjib tal-ħiliet tagħhom. B'dan il-mod dawk li qegħdin jitgħallmu jsiru ċittadini attivi, diġitali, kapaċi jikkapitalizzaw fuq l-għarfien li kisbu billi jikkontrollaw in-natura, il-post, il-pass u l-perjodu ta' żmien magħżul għat-tagħlim tagħhom skont il-fehmiet u l-valuri tagħhom, u skont valuri bħas-solidarjetà u r-rispett tad-differenza li jagħmlu parti mill-identità Ewropea. Għalhekk, l-investiment futur fit-teknoloġiji għandu jkun akkumpanjat mill-qrib minn investiment fin-nies u minn aċċess usa' għal opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja.

4.4 Il-ħiliet tal-ġejjieni għandhom jirriflettu wkoll il-ħtiġijiet soċjetali u d-**domandi tas-suq tax-xogħol**. Dan jista' jinkiseb biss permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni pubbliċi u privati u l-gruppi ta' interess rilevanti kollha, fost l-oħrajn l-imsieħba soċjali u l-kumpaniji. Is-swieq aktar volatili ser iwasslu għal sfidi, peress li n-negozji u l-ħaddiema ser ikollhom jadattaw ruħhom malajr biżżejjed. Fl-2010 ([17]), il-KESE esprima l-appoġġ tiegħu għall-ħolqien ta' **kunsilli settorjali** (ESC) dwar l-impjieg u l-ħiliet fil-livell Ewropew. Sal-lum il-ġurnata, dawn il-kunsilli settorjali twaqqfu biss f'żewġ setturi, waqt li proġetti oħra marbutin magħhom f'14-il settur ieħor għadhom fil-bidu tagħhom. Il-KESE jixtieq jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tispjega għalfejn dan l-iżvilupp qed jieħu daqstant żmien u ma għandux is-sostenn meħtieġ mis-setturi u l-istituzzjonijiet nazzjonali.

4.5 Jeħtieġ li dawk li qegħdin jitgħallmu jiġu ggwidati lejn **prattiki innovattivi** għall-ħolqien tal-għarfien, li jimplika l-fużjoni ta' spazji soċjali, fiżiċi, diġitali, virtwali u mobbli għat-tagħlim, u li jitgħallmu kif għandhom jitgħallmu. It-tagħlim ibbażat fuqir-riċerka u l-proġetti, it-tagħlim ibbażat fuq il-fenomeni, l-attivitajiet li jattivaw lill-istudenti, it-tagħlim kollaborattiv u t-tagħlim bil-maqlub (l-approċċ pedagoġiku msejjaħ "flipped learning"), pereżempju, kollha jwasslu għal proċessi ta' tagħlim iżjed iffukati fuq ir-riflessjoni u l-parteċipazzjoni. Mod potenzjali partikolari kif innaqqsu jew neliminaw id-distakki bejn l-innovazzjoni fit-teknoloġija u fil-pedagoġija huwa li noħolqu rabta aktar effettiva bejn l-istrutturi formali, mhux formali u informali.

4.6 **It-tagħlim tul il-ħajja** huwa neċessità għas-soċjetà u għall-atturi kollha rilevanti. Jibda b'edukazzjoni ġenerali robusta – element ewlieni fl-iżvilupp individwali, li jħejji persuna għal sfidi ġodda u mhux prevedibbli – u jkompli għal żmien ferm itwal b'taħriġ professjonali u tagħlim informali, li għandu jkun appoġġat minn sistema armonizzata ta' **ċertifikati u standards fil-livell tal-UE** kif ukoll minn għodod komuni adatti biex tiġi ddeterminata l-komparabbiltà u l-ekwivalenza tal-eżiti tat-tagħlim. Ir-rekwiżiti għat-tagħlim se jsiru aktar importanti, b'domandi dejjem jikbru fuq il-flessibbiltà tal-individwi, tal-kumpaniji u tas-sistemi kollha tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, u b'hekk l-approċċ interdixxiplinari ser jaqdi rwol dejjem aktar importanti.

4.7 Il-KESE jtenni l-proposta tiegħu ([18]) biex jipprova jekk hemmx bżonn jitfasslu miżuri fil-livell Ewropew sabiex jiġi żgurat li l-esperjenzi pożittivi tal-Istati Membri b'liv għat-taħriġ jinxterdu madwar l-UE.

4.8 Is-sistemi attwali huma ġeneralment mhux adattati għall-istruttura ta' swieq tax-xogħol diġitali, li fihom l-impjieg mhux standard se jkun aktar prominenti. Iżda s-sistemi attwali, jekk xejn, jilħqu lill-impjegati standard permezz tat-taħriġ fuq il-post tax-xogħol Is-sistemi għandhom jiġu aġġornati sabiex jippermettu lil kulħadd fis-suq tax-xogħol li jkollhom aċċess għat-taħriġ. L-UE ser ikollha timmobilizza ħafna aktar fondi għall-investiment fit-taħriġ, inkella, għax inkella t-taħriġ adegwat ser ikun privileġġ tal-ftit. Din hija kwistjoni, peress li huma biss dawk il-persuni b'ħiliet aġġornati li għandhom il-probabbiltà tajba li jsibu impjieg diċenti u remunerati b'mod ġust.

([17]) ĠU C 347, 18.12.2010, p. 1.
([18]) ĠU C 13, 15.1.2016, p. 161.

4.9 Il-ħiliet diġitali għandhom jiġu introdotti sa mill-iżgħar età tal-iskola ([19]) u l-edukazzjoni bażika għandha tinkludi aktar tagħlim diġitali interattiv ([20]). Il-ħiliet diġitali, madankollu, jistgħu jmorru lil hinn mill-ipprogrammar biex jinkludu s-sensibilizzazzjoni dwar x'hemm wara "klikkjatura ta' maws": il-fehim tas-sistema, l-interkonnessjonijiet, l-impatt soċjali u kwistjonijiet ta' privatezza u sigurtà.

4.10 **L-għodod diġitali** għandhom rwol importanti fit-trasformazzjoni u l-appoġġ tat-tagħlim, li jista' jirriżulta f'kontribut akbar min-naħa ta' dawk li qegħdin jitgħallmu u riżultati aħjar ([21]). Billi **l-edukaturi u l-għalliema** ser ikollhom rwol dejjem aktar importanti, il-kompetenzi tagħhom ser jiollhom jiġu adattati għal approċċi, teknoloġiji u għarfien ġodda fl-ambjent edukattiv ġdid. It-tħejjija kwalitattiva tal-edukaturi, għalhekk, ser issir element fundamentali, l-istess bħall-istatus tagħhom mil-lat tal-flessibbiltà professjonali, ir-rimunerazzjoni, il-garanziji soċjali, eċċ. Sabiex tiġi żgurata l-bidla kwalitattiva fis-sistemi edukattivi Ewropej, il-KESE jirrakkomanda li jiġu segwiti l-eżempji attwali ta' suċċess fl-UE ([22]) u jappella għal aktar investiment **fl-iżvilupp professjonali inizjali u kontinwu tal-għalliema** u edukaturi oħrajn.

4.11 Minbarra l-għajnuna lill-atturi fl-edukazzjoni formali fl-isforzi tagħhom biex isiru fornituri tal-edukazzjoni tul il-ħajja, jeħtieġ li jingħata appoġġ addizzjonali lill-**fornituri tal-edukazzjoni mhux formali**. Dawn jistgħu jilħqu lill-gruppi żvantaġġati u vulnerabbli, u jipprovdulhom b'aċċess għall-opportunitajiet kollha għat-tagħlim tul il-ħajja, inkluża l-possibbiltà li jivvalidaw it-tagħlim akkwistat permezz ta' riżorsi u għodod ta' tagħlim diġitali, onlajn u miftuħa, u permezz ta' diversi metodi formattivi u kumulattivi ta' valutazzjoni u awtovalutazzjoni.

4.12 Minbarra l-potenzjal li jitjiebu t-tagħlim u l-proċessi tat-tagħlim, it-teknoloġiji diġitali jistgħu jrawmu wkoll **metodi ġodda ta' valutazzjoni**, inkluża l-awtovalutazzjoni, li jistgħu jissupplimentaw approċċi kumulattivi tradizzjonali; jiġifieri metodi li jagħmlu l-valutazzjoni parti integrali mit-tagħlim permezz tal-intelliġenza artifiċjali, l-intelliġenza tal-magni, l-analitika tat-tagħlim u modi ġodda ta' kif il-valutazzjoni tintrabat mal-materjal tat-tagħlim. L-użu tat-teknoloġiji analitiċi jippermetti ċirkwiti rapidi ta' feedback li jippermettu valutazzjoni f'ħin reali, u għalhekk jikkontribwixxu għal tagħlim aktar personalizzat.

4.13 Fil-qasam tax-xjenza u r-riċerka fil-livell universitarju, id-diġitalizzazzjoni ta' kull kamp tar-riċerka toħloq il-ħtieġa li jiġu trattati ammonti enormi ta' data xjentifika. L-infrastruttura adatta tad-data (f'livell nazzjonali u internazzjonali) ser tagħmilha possibbli li din id-data tiġi aċċessata u analizzata mill-bogħod ukoll. Filwaqt li l-Ewropa qed tippjana biex tipprovdi l-infrastruttura meħtieġa biex taċċellera x-xjenza u l-innovazzjoni, huwa stmat li madwar nofs miljun **espert tad-data** se jkunu meħtieġa fl-Ewropa sal-2025 ([23]). L-Ewropa trid tagħmel sforz konġunt biex tiżviluppa dan l-għarfien espert ewlieni dwar id-data. L-edukazzjoni nazzjonali fl-ogħla livell għandha rwol importanti f'dan ir-rigward u għandha tkun ikkomplementata minn skemi Ewropej bħall-Erasmus+ u l-azzjonijiet ta' Marie Skłodowska-Curie.

## 5. Ir-rwol tal-politika pubblika u tas-soċjetà ċivili

5.1 L-Ewropa għandha ħafna eżempji tajba x'toffri rigward kif għandhom jiġu ttrattati r-rekwiżiti għall-ħiliet ġodda fl-era diġitali. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon id-diversi inizjattivi mill-Kummissjoni relatati mat-tagħlim tul il-ħajja, il-ħiliet diġitali u l-impjiegi, l-aġenda ġdida għall-ħiliet u l-Erasmus+. Ir-**repożitorju ta' prattika tajba** stabbilit mill-Kummissjoni għandu l-potenzjal li jservi bħala faċilitatur għal dibattitu fil-livell tal-UE biex jiġu identifikati linji gwida u standards ibbażati fuq l-aħjar prattika. Is-soċjetà ċivili organizzata jista' u ser ikollha rwol importanti f'dan il-kuntest.

5.2 Il-KESE jixtieq jenfasizza l-ħidma ferm rispettata li jwettqu l-aġenziji tal-UE, bħall-**Eurofound** u s-**Cedefop**. It-tisħiħ tal-kooperazzjoni interaġenzjali jista' jwassal għal impatt ikbar u jattira aktar attenzjoni mill-Istati Membri tagħna u mill-istituzzjonijiet tal-UE.

5.3 Issa trid tiġi żviluppata **sistema li tipprovdi l-ħiliet u l-kompetenzi** għax-xogħol tal-ġejjieni. Fejn possibbli, għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tal-ħiliet u eżerċizzji ta' antiċipazzjoni li jidentifikaw il-ħtiġijiet tal-ħiliet fit-tul fil-livelli kollha, filwaqt li fil-livell Ewropew għandu jissaħħaħ it-twaqqif ta' kunsilli settorjali dwar l-impjieg u l-ħiliet, sabiex jiġu evitati nuqqasijiet ta' ħiliet u spariġġi fil-ħiliet. Dan huwa kompitu urġenti għall-partijiet interessati kollha, inklużi l-istituzzjonijiet pubbliċi u privati involuti.

---

(19) ĠU C 451, 16.12.2014, p. 25.

(20) Pereżempju, fil-Ġappun, l-iżvilupp tal-logħob huwa parti mill-kurrikulu mill-età ta' 5 snin 'il quddiem; fl-Estonja, l-ipprogrammar bażiku u viżiv jiġi mgħallem mit-tieni sena 'l quddiem. Dawn l-eżempji jistgħu jservu bħala mudelli pijunieri.

(21) Institute for Prospective Technological Studies, Policy brief on ICT for Learning, Innovation and Creativity, 2008.

(22) Bħas-sistema edukattiva Finlandiża inġenerali, l-Ørestad Gymnasium f'Kopenħagen (id-Danimarka), l-iskola preprimarja Egalia fi Stokkolma (l-Iżvezja), eċċ.

(23) Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli tal-Kummissjoni dwar il-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa, "Realising the European Open Science Cloud" (Nirrealizzaw il-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa), 2016, p. 12.

5.4 Għandhom jiġu stabbiliti **rwoli ċari għad-diversi livelli tal-edukazzjoni formali**, kif ukoll ir-rabtiet bejniethom; pereżempju: it-trawwim tal-kreattività u l-immaġinazzjoni – fil-livell preprimarju; il-kombinazzjoni tal-kreattività ma' għarfien bażiku sod, u t-trawwim tal-ħsieb kritiku u tal-adattament tal-għarfien – fil-livell tal-iskola; iż-żieda ta' ħiliet interdixxiplinari speċjalizzati – fil-livell tal-ETV; u l-espansjoni tal-għarfien u l-ħsieb interdixxiplinari professjonali – fil-livell tal-edukazzjoni għolja.

5.5 **L-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali pprovduti mill-kumpaniji** għall-impjegati tagħhom huma element ewlieni. Hawnhekk, il-kooperazzjoni bejn il-kumpaniji, l-universitajiet u l-istituzzjonijiet professjonali ser tkun kruċjali. Ser ikun hemm numru dejjem jikber ta' organizzazzjonijiet li ser jipprovdu **l-edukazzjoni mhux formali**, jiġifieri attivitajiet edukattivi organizzati barra mis-sistema formali stabbilita. Is-soċjetà ċivili tista' toħloq fora edukattivi ġodda għall-iżvilupp tal-kompetenzi, bil-kooperazzjoni ta' diversi individwi, istituzzjonijiet u interessi.

5.6 **L-SMEs** jeħtieġu appoġġ speċjali minn barra għaliex bħala regola għandhom riżorsi limitati għat-taħriġ, b'mod partikolari meta joħorġu teknoloġiji ġodda u l-għarfien speċifiku jkun għadu mhux disponibbli internament. L-istituzzjonijiet bħall-**kmamar tal-kummerċ** jew l-organizzazzjonijiet tal-professjonijiet liberi b'rabta mal-iskejjel, l-universitajiet u ċ-ċentri privati tat-taħriġ, kif ukoll istituzzjonijiet ibbażati fuq sħubija pubblika-privata, jistgħu jkunu ta' għajnuna biex jipprovdu programmi edukattivi.

5.7 **It-tagħlim informali** ser ikollu rwol dejjem aktar importanti bħala proċess ġenwinament tul il-ħajja li permezz tiegħu kull individwu jakkwista ħiliet u għarfien mill-esperjenza ta' kuljum; dan is-settur jista' jittejjeb b'mod kwalitattiv bis-saħħa ta' programmi mħallsa minn fondi pubbliċi offruti permezz tal-kanali tat-TV, il-pjattaformi tal-internet jew midja oħra. **L-istandards u ċ-ċertifikati** jgħinu biex jagħmlu dawn il-kisbiet fit-tagħlim miżurabbli u komparabbli, b'mod partikolari fil-każ ta' tibdil fl-impjieg.

5.8 Fir-rigward tal-forom kollha differenti tal-edukazzjoni, jeħtieġ li jitjiebu l-għodod eżistenti biex tiġi ddeterminata **l-komparabbiltà u l-ekwivalenza** tat-tagħlim informali. Is-sistemi eżistenti ta' rikonoxximent b'rabta mal-edukazzjoni preċedenti, l-eżiti tat-tagħlim u l-kompetenzi għandhom jiġu ristrutturati sabiex isiru standard affidabbli u aċċessibbli għal kulħadd, kif ukoll biex ikunu jistgħu jgħinu lil dawk li qegħdin jitgħallmu jsiru konxji tal-esperjenzi, il-kompetenzi u l-għarfien tagħhom stess.

5.9 **Is-sigurtà soċjali** u n-negozjar kollettiv huma kwistjoni, b'mod partikolari għall-crowdworkers u dawk f'impjieg atipiku. Numru dejjem jikber minn dawn "in-nomadi diġitali" qed ikunu mhedda mill-faqar meta jixjieħu. Il-politika pubblika trid tiżviluppa regolamenti li jittrattaw din il-problema. Xi inizjattivi ta' **djalogu soċjali** li jittrattaw dawn il-kwistjonijiet diġà jeżistu. Eżempju wieħed tajjeb huwa t-trejdjunjin IG Metall fil-Ġermanja li stabbilixxiet il-pjattaforma tal-internet faircrowdwork.org biex tipprovdi **gwida lill-crowdworkers** li, flimkien ma' partijiet ikkonċernati oħra, żviluppat Kodiċi ta' Kondotta għall-pjattaformi tal-crowdworkers. Il-KESE jixtieq li l-aħjar prattika identifikata tintuża fl-Ewropa kollha.

Brussell, l-20 ta' Settembru 2017.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

III

*(Atti preparatorji)*

# IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

## IL-528 SESSJONI PLENARJA TAL-KESE FL-20 U L-21 TA' SETTEMBRU 2017

### Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew — Żvilupp tal-Unjoni Doganali tal-UE u l-Governanza tagħha"

*[COM(2016) 813 final]*

(2017/C 434/07)

Relatur: **Dimitris DIMITRIADIS**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Kummissjoni Ewropea, 17.2.2017 |
| Bażi legali | Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum |
| Adottata fis-sezzjoni | 5.9.2017 |
| Adottata fil-plenarja | 20.9.2017 |
| Sessjoni plenarja Nru | 528 |
| Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet) | 162/0/3 |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-KESE jqis li unjoni doganali effiċjenti hija prerekwiżit essenzjali għall-proċess Ewropew ta' integrazzjoni bil-għan li jiġi żgurat il-moviment liberu tal-merkanzija u tissaħħaħ il-kompetittiva u l-kapaċità kummerċjali u tan-negozjar tal-UE, iżda hija wkoll importanti għall-iżvilupp ta' Unjoni tas-Sigurtà peress li din tikkontribwixxi bil-kbir fil-ġlieda kontra theddid li qiegħed ifeġġ bħalissa u bla preċedent għas-sigurtà filwaqt li tipproteġi s-sigurtà taċ-ċittadini u l-interessi finanzjarji tagħhom

1.2 Il-KESE jemmen li l-għan prinċipali tal-leġislazzjoni doganali l-ġdida huwa li jiġu ssemplifikati l-proċeduri u jinġiebu f'konformità mal-aħħar data, u li l-applikazzjoni effettiva tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (KDU) tgħin biex tagħti spinta lill-kompetittività ekonomika tal-UE madwar id-dinja.

1.3 Il-KESE jaqbel mal-proposta tal-Kummissjoni li tiġi żviluppata l-governanza tal-unjoni doganali, imma jemmen li l-istabbiliment tagħha b'mod komprensiv jeħtieġ riforma f'diversi livelli u azzjoni soda mil-lat tekniku, mingħajr tibdil fil-kompetenzi tal-UE jew telf tal-bilanċ bejn l-istituzzjonijiet. Madankollu, il-KESE jenfasizza li kwalunkwe riforma implimentata m'għandhiex tfixkel il-faċilitazzjoni tal-kummerċ leġittimu jew il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

1.4 Il-KESE jemmen li l-applikazzjoni effettiva tal-leġislazzjoni doganali tikkonsisti primarjament minn sforzi biex tiġi mminimizzata l-possibbiltà ta' interpretazzjonijiet differenti mill-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri. Dan għandu jkun preċedut mit-tlestija ta' sistemi kompjuterizzati interoperabbli u ċaqliqa lejn ambjent totalment diġitali, bl-użu ta' firxa ta' riżorsi li fuqhom huma bbażati l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-awtoritajiet nazzjonali.

1.5 Il-KESE jqis li hemm bżonn bidla għall-ikklirjar ċentrali awtomatizzat, sabiex tiġi ffaċilitata l-koordinazzjoni tal-miżuri ta' prevenzjoni u trażżin tal-attività kriminali u jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-UE, bil-għan li d-drittijiet, l-interessi u s-sikurezza tan-negozji u tal-konsumaturi Ewropej jiġu mħarsa. Għal din ir-raġuni, il-KESE jappella li jinħoloq l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, li għandu jkun kontribut pożittiv għal dan l-għan.

1.6 Fil-fehma tal-KESE, hija meħtieġa strateġija doganali komuni Ewropea li tiġbor fiha r-rwol doppju li jaqdu l-awtoritajiet doganali: il-kontroll tal-fruntieri flimkien ma' kompiti mħallta – kontrolli doganali u ġbir ta' dazji, kif ukoll l-għajnuna biex tiġi evitata u miġġielda l-attività kriminali. Fl-istess ħin, jeħtieġ li tipprovdi għall-ottimizzazzjoni tar-riżorsi materjali u umani, billi jsir investiment fl-espansjoni u fl-aġġornar tal-ewwel u tingħata prijorità għat-taħriġ u t-tħejjija tal-aħħar, sabiex jiġu żviluppati miżuri ta' appoġġ amministrattiv tal-UE fl-applikazzjoni tal-leġislazzjoni rilevanti u jkun hemm monitoraġġ iktar rigoruż tal-applikazzjoni tagħha.

1.7 Il-KESE jemmen li l-istrateġija għandha tkun imfassla b'tali mod li tqis id-diversità tal-operaturi ekonomiċi li jridu jikkonformaw mal-leġislazzjoni doganali, il-ħtieġa immedjata li jintużaw it-teknoloġiji ġodda u l-innovazzjoni filwaqt li jiġi żgurat rispett sħiħ għall-privatezza tad-data tal-individwi u tan-negozji, kif ukoll tad-drittijiet tal-proprjeta intelletwali, industrijali u kummerċjali, u filwaqt li jitqies ukoll il-fattur uman li huwa l-mutur tal-awtoritajiet doganali. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u lill-konsumaturi.

1.8 Il-KESE jqis li l-funzjonament tal-mudell operattiv deċentralizzat jeħtieġ li jissaħħaħ permezz ta' kooperazzjoni amministrattiva, b'koordinazzjoni ċentrali minn korp jew organizzazzjoni ta' appoġġ taħt il-gwida tal-Kummissjoni u bl-involviment tal-Grupp tal-Politika Doganali, sabiex jgħin fi kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni li jikkonċernaw il-KDU. Dan il-korp ikollu wkoll ir-responsabbiltà, fost affarijiet oħra, tal-funzjonament tal-programmi ta' azzjoni u taħriġ li jiffukaw speċifikament fuq kwistjonijiet ta' sigurtà, l-għoti ta' livell għoli ta' speċjalizzazzjoni u l-promozzjoni ta' għarfien espert professjonali fis-settur doganali. Fl-istess ħin, jista' joħroġ linji gwida sabiex iwieġeb malajr u b'mod dirett għall-isfidi l-ġodda.

1.9 Il-KESE jqis ukoll li huwa ta' importanza vitali li jiġu estiżi u msaħħa l-programmi Dwana 2020 u Fiscalis 2020 li jistgħu jaġixxu bħala katalisti fl-assorbiment immirat tal-finanzjament għal finijiet ta' governanza (taħriġ, tixrid ta' informazzjoni, azzjoni operattiva, tagħmir, eċċ.).

1.10 Il-KESE jistenna bil-ħerqa proċess intensifikat ta' konklużjoni ta' ftehimiet dwar għajnuna amministrattiva reċiproka ma' msieħba kummerċjali li jirriflettu bis-sħiħ il-kooperazzjoni kummerċjali li qed tespandi b'mod stabbli ma' pajjiżi mhux tal-UE u l-Ftehim ta' Faċilitazzjoni tal-Kummerċ tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

1.11 Il-KESE jemmen li hemm il-ħtieġa li jittieħdu miżuri ewlenin fl-oqsma tal-protezzjoni u s-sigurtà, fejn l-awtoritajiet doganali diġà qed ikollhom jiffaċċjaw l-isfidi. Konsegwentement jikkunsidra li l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali u tal-pulizija jeħtieġ li titqiegħed fuq livell aktar istituzzjonali u kkoordinata b'mod ċentrali. Il-kooperazzjoni transsettorjali bejn il-korpi Ewropej u s-servizzi deċentralizzati għandha wkoll tiġi rinfurzata bil-għan li ssaħħaħ l-azzjoni tal-Unjoni u żżid il-preżenza tagħha fuq il-fruntieri esterni permezz tal-Istati Membri. Il-kooperazzjoni għandha timmira, fost l-oħrajn, li tiġġieled kontra l-finanzjament tat-terroriżmu u t-traffikar tal-armi u li tikkontrolla l-oġġetti b'użu doppju u t-teknoloġija relatata aktar fid-dettall. Barra minn hekk, il-falsifikazzjoni u l-piraterija għandhom bżonn ikunu indirizzati b'mod effiċjenti u effettiv.

1.12 Il-KESE jqis li l-miżuri kollha meħuda għandhom neċessarjament jinkludu djalogu miftuħ mal-partijiet interessati kollha (negozji, konsumaturi, awtoritajiet doganali, uffiċjali doganali, trejdjunjins u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili) sabiex tinkiseb stampa aktar ċara u aktar kompleta tal-kwistjonijiet li jridu jissolvew, filwaqt li jitqiesu l-interessi tal-partijiet kollha.

1.13 Fl-aħħar nett, il-KESE jemmen li, ikun xi jkun l-approċċ adottat biex tiġi mmodernizzata l-unjoni doganali, għandu jqis tajjeb il-bidliet fil-fruntieri esterni tal-Unjoni li ser iġġib magħha l-Brexit.

## 2. **Punti ġenerali rigward l-unjoni doganali**

2.1 L-unjoni doganali kienet prerekwiżit vitali għall-integrazzjoni Ewropea, b'mod partikolari biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni uniformi u bla xkiel tal-moviment liberu tal-merkanzija b'mod sikur, trasparenti u favur l-ambjent u l-konsumatur li huwa effettiv biex jiġu indirizzat l-attivitajiet transkonfinali li huma punibbli skont il-liġi ([1]).

2.2 L-unjoni doganali hija l-pedament tas-suq uniku u trid konsegwentement tirrifletti bis-sħiħ il-ħtiġijiet tiegħu. Barra minn hekk serviet biex tagħti spinta lill-kompetittività tal-UE fis-suq globali. Il-kontribuzzjoni li saret għall-baġit Ewropew mid-dazji doganali hija wkoll sinifikanti ħafna. B'mod speċifiku, fl-2015 id-dħul finanzjarju kien jammonta għal EUR 18,6 biljun, li jirrappreżenta madwar 13,6 % tal-baġit tal-UE.

2.3 Apparti l-miżuri protettivi fil-forma ta' projbizzjonijiet u miżuri bil-għan li jiżguraw is-sigurta u s-sikurezza għaċ-ċittadini tal-UE, il-ħolqien tal-unjoni doganali jeħtieġ ukoll li jiġu introdotti jew riformati miżuri bħall-adozzjoni ta' politika kummerċjali komuni u ta' tariffa esterna komuni, kif ukoll l-introduzzjoni ta' tariffa preferenzjali permezz ta' ftehimiet ta' assoċjazzjoni bejn l-UE u pajjiżi ġirien u pajjiżi kandidati potenzjali, iżda wkoll permezz ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles ma' pajjiżi terzi.

2.4 L-għan tal-unjoni doganali huwa li tiffaċilita l-kummerċ legali u li b'dan il-mod ikun hemm sforz sabiex tiġi miġġielda l-frodi fi tranżazzjonijiet kummerċjali u fl-istess ħin jiġu blukkati l-moviment illeċitu tal-merkanzija u t-tranżazzjonijiet finanzjarji li jistgħu jintużaw għal finijiet illegali jew terroristiċi.

## 3. **Il-Komunikazzjoni fi ftit kliem**

3.1 L-għan tal-Kummissjoni li tippubblika l-Komunikazzjoni kien li tniedi djalogu dwar l-immodernizzar tal-unjoni doganali biex tiġi riflessa s-sitwazzjoni l-ġdida li evolviet matul is-snin minħabba:

— l-isfidi interni ppreżentati mit-twessigħ u l-approfondiment tal-UE u d-differenzi kwalitattivi u leġislattivi sinifikanti bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi, li inevitabbilment wasslu għal tnaqqis fid-dħul finanzjarju u żieda proporzjonali fil-ħtiġijiet operattivi,

— l-isfidi u t-theddid esterni dejjem jikbru fir-rigward tas-sigurtà, bl-aktar eżempju importanti jkun l-importazzjoni tat-terroriżmu u tal-kriminalità transkonfinali, flimkien ma' kwistjonijiet li jirriżultaw mill-globalizzazzjoni tal-kummerċ internazzjonali – bħal mudelli kummerċjali li jevolvu b'mod kontinwu, katini ta' provvista u t-tkabbir fil-volum ta' tranżazzjonijiet iġġenerati minn ftehimiet ma' pajjiżi terzi – kif ukoll l-użu tal-internet,

bil-għan li titwettaq riforma strutturali tal-aspetti bażiċi tal-unjoni doganali u jinħoloq mudell ta' governanza ġdid.

3.2 Fil-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni tenfasizza l-ħtieġa li tingħata spinta lill-effiċjenza tal-unjoni doganali billi tiġi mmodernizzata l-arkitettura tagħha, sabiex tiżdied il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali tal-UE u jinħolqu strutturi li jistgħu jevolvu b'mod adattabbli u flessibbli.

3.3 Il-Komunikazzjoni inkwistjoni ma tissuġġerixxix li l-kompetenza tal-UE tiġi estiża għal oqsma ġodda, imma tirrappreżenta tentattiv biex jiġu mmodernizzati l-politiki tal-unjoni doganali billi jsiru aktar flessibbli u effiċjenti sabiex iwieġbu għal sitwazzjonijiet li jinbidlu kontinwament.

## 4. **Aspetti problematiċi li għandhom jiġu kkunsidrati**

4.1 Ir-reviżjoni tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni introduċiet emendi sinifikanti bil-għan li jiġi ssemplifikat u ffaċilitat il-kummerċ. Madankollu, il-leġislazzjoni doganali u l-leġislazzjoni dwar il-moviment liberu tal-merkanzija b'mod globali jibqgħu kumplessi ħafna, u jinkludu madwar 1 127 test attwalment fis-seħħ (ftehimiet, direttivi, regolamenti u deċiżjonijiet) ([2]). Dan jagħmilha diffiċli biex xi ħadd jinvoka d-dispożizzjonijiet rilevanti sakemm ma jkunx diġà familjari mal-liġi Ewropea.

[1] ĠU C 229, 31.7.2012, p. 68.

[2] Studju ta' awtovalutazzjoni (valutazzjoni tal-funzjonament tal-unjoni doganali mill-awtoritajiet doganali nazzjonali). Studju dwar l-Evalwazzjoni tal-Unjoni Doganali (Kuntratt Speċifiku Nru 13 li jimplimenta l-Kuntratt Qafas Nru TAXUD/2010/CC/101, DG TAXUD, 2013).

4.2 Ir-reġim preċedenti b'mod ċar kien fih ambigwitajiet akbar, li jħallu spazju biex jidħlu dispożizzjonijiet legali nazzjonali rilevanti, b'konsegwenzi dibattibbli li kienu ta' ħsara għall-applikazzjoni uniformi. Il-kodifikazzjoni komprensiva tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni tfisser li l-liġi Ewropea hija direttament applikabbli u għandha effett dirett, għalkemm xorta tiġi implimentata b'mod esklussiv minn sistemi doganali nazzjonali li jvarjaw b'mod sostanzjali f'termini organizzattivi, li jirriżultaw fi frammentazzjoni, piż amministrattiv akbar, disfunzjonijiet burokratiċi u dewmien ([3]). Barra minn hekk, il-perjodu tranżitorju eċċezzjonalment twil jiġġenera l-inċertezza u jista' jkun ta' detriment għan-negozji, b'mod speċjali għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u l-konsumaturi.

4.3 L-awtoritajiet doganali tradizzjonalment kienu responsabbli mill-ġbir tad-dazji doganali u tat-taxxi indiretti, imma issa qed jintalbu wkoll jgħinu biex jissaħħu l-fruntiera esterni tal-Unjoni u biex jiġu indirizzati l-prattiki illegali li huma ta' ħsara kemm b'mod estern kif ukoll intern.

4.4 It-tkabbir tal-UE poġġa piż akbar fuq il-mudell deċentralizzat, li jeħtieġ koordinazzjoni u taħriġ mill-ġdid ta' aktar minn 120 000 persunal tad-dwana, peress li hemm differenzi fundamentali bejn is-sistemi doganali, il-mekkaniżmi ta' spezzjoni, l-infrastruttura loġistika – li issa jeħtieġu sistemi ta' teknoloġija avvanzata – il-forniment ta' persunal għall-uffiċċji doganali u r-riżorsi.

4.5 L-applikazzjoni ta' teknoloġiji ġodda fl-industrija Ewropea u l-introduzzjoni tas-suq uniku diġitali, flimkien mar-riforma proposta tas-sistema tal-VAT, jirrappreżentaw progress, imma jżidu l-ħtieġa li l-proċeduri doganali jkunu flessibbli u adattati għall-kumplessità tat-tranżazzjonijiet moderni. L-istess japplika għax-xejriet ta' produzzjoni u konsum li qed jevolvu, il-kummerċ internazzjonali dejjem jiżdied u t-theddid globali għall-iżvilupp tal-kummerċ globali, li jiffurmaw parti mill-kuntest tal-politika kummerċjali tal-UE.

## 5. **Il-kunċett u l-prinċipji bażiċi tal-governanza tal-unjoni doganali**

5.1 Il-kunċett ta' governanza doganali għandu jkun ibbażat fuq il-komponenti li ġejjin:

— il-kompiti mħallta: kontrolli doganali u l-ġbir ta' dazji (purament finanzjarji) minn naħa u l-prevenzjoni u l-għajnuna fil-ġlieda kontra t-theddid globali li jaffettwa l-Unjoni min-naħa l-oħra (l-attività kriminali, it-terroriżmu, il-kriminalità organizzata, id-degradazzjoni ambjentali u perikli ikbar mill-kummerċ fi prodotti perikolużi);

— l-investiment f'applikazzjoni aktar effettiva billi jiġu ottimizzati r-riżorsi materjali, teknoloġiċi u umani, filwaqt li jsir investiment kbir fl-aġġornament tar-riżorsi materjali u tingħata prijorita lit-taħriġ u t-tħejjija tar-riżorsi umani sabiex jissaħħaħ il-professjonaliżmu u tiġi żgurata r-responsabbiltà tagħhom;

— l-appoġġ amministrattiv tal-UE għall-applikazzjoni tal-leġislazzjoni rilevanti b'mod uniformi u monitoraġġ aktar mill-qrib tal-applikazzjoni tagħha;

— it-tisħiħ tal-interkonnettività bejn l-awtoritajiet doganali nazzjonali;

— il-konkretizzazzjoni tal-kooperazzjoni uffiċjali biex jiġu ottimizzati l-perjodi ta' risposta u tiġi żgurata l-aktar ġestjoni operattiva komprensiva possibbli;

— approċċ transsettorjali għas-sigurtà bejn l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi billi jiġu ġenerati sinerġiji u tiġi skambjata l-informazzjoni;

— l-adattament għall-bidliet introdotti mill-pakkett leġislattiv li jistabbilixxi s-suq uniku diġitali u jirriforma s-sistema tal-VAT tal-UE;

— l-użu ta' teknoloġiji ġodda u l-innovazzjoni filwaqt li jiġi żgurat ir-rispett għall-privatezza tad-data ta' individwi u negozji;

([3]) Ara pereżempju: Opinjoni tal-KESE dwar L-Istat tal-Unjoni Doganali (ĠU C 271, 19.9.2013, p. 66).

— il-prijoritizzazzjoni ta' kwalunkwe pjan biex jiġu mħarsa l-konsumaturi u ffaċilitat l-ikklirjar doganali tal-merkanzija (fuq il-bażi tal-prinċipju "aħseb l-ewwel fiż-żgħir");

— il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba, ċertezza legali u trasparenza;

— fokus ta' prijorità fuq ir-riżorsi umani u ż-żamma tal-impjiegi.

## 6. **Riformi ġenerali meħtieġa**

6.1 F'konformità mal-proposta tal-Kummissjoni, li l-KESE jaqbel magħha, il-viżjoni operattiva għall-unjoni doganali għandha tiġi aġġornata biex tifforma strateġija koerenti bi skeda ta' żmien ċara, ibbażata fuq il-prinċipji stabbiliti hawn fuq u l-punti eżaminati hawn taħt.

6.2 Jeħtieġ li jitfasslu studju tal-impatt u evalwazzjoni tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni l-ġdida, b'verżjoni interim tagħhom titħejja qabel l-aħħar tal-2017, immudellata fuq studji preċedenti imma b'ambitu usa' u fl-oqsma kollha tal-attività ([4]), sabiex l-istrateġija tinvesti fl-eliminazzjoni ta' problemi, dgħufijiet, duplikazzjonijiet, inkonsistenzi u miżuri skaduti, u tiżgura li l-passi li jmiss fil-proċess jinbnew fuq bażi soda ([5]). L-istudju għandu wkoll jagħti attenzjoni partikolari lill-implikazzjonijiet għar-riżorsi umani tal-amministrazzjonijiet doganali.

6.3 Il-fokus għandu jkun fuq l-iskambji tal-informazzjoni u tal-aħjar prattiki bejn l-awtoritajiet doganali u amministrattivi permezz tal-użu sistematiku u metodiku tat-teknoloġija tal-informatika. Il-bażijiet ta' data eżistenti għandhom jiġu vvalutati għall-finijiet doganali għal dan il-għan.

6.4 Il-mudell deċentralizzat u li jiffavorixxi n-negozju, ibbażat fuq l-istrutturi amministrattivi tal-Istati Membri jista' jkun suċċess biss jekk jingħataw widen l-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali. Bħala konsegwenza, jeħtieġ li jiġu stabbiliti strutturi istituzzjonali permanenti u flessibbli. Għal din ir-raġuni, qed jiġi propost li jiġi stabbilit korp jew organizzazzjoni ta' appoġġ taħt il-gwida tal-Kummissjoni Ewropea u bl-involviment tal-Grupp tal-Politika Doganali, bil-għan li:

— jassisti fi kwistjonijiet ta' implimentazzjoni leġislattiva – parzjalment permezz ta' gwida komprensiva għall-applikazzjoni tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u l-organizzazzjoni tat-testi l-oħra;

— jiġġestixxi l-infrastruttura tal-IT; jinkludi wkoll l-Istitut Ewropew tat-Taħriġ Doganali ([6]), li, fuq il-bażi tal-Qafas ta' Kompetenza Doganali tal-UE, ser ikun responsabbli li:

  — jiżgura livell għoli ta' speċjalizzazzjoni u jippromovi l-għarfien espert professjonali fis-settur doganali bbażat fuq il-Kurrikuli Ewropej għat-Taħriġ;

  — jorganizza programmi ta' azzjoni operattiva u taħriġ li jiffukaw b'mod speċifiku fuq kwistjonijiet ta' sigurtà;

— ifassal gwida komprensiva biex tiġi applikata l-KDU u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħha u jistruttura l-leġislazzjoni rilevanti;

— jikkondividi l-ġestjoni ta' sistemi elettroniċi biex jiżgura l-aċċessibilità tal-informazzjoni u l-proċeduri fuq il-pjattaforma unika sabiex jagħmel l-affarijiet aktar faċli għal operaturi ta' pajjiżi terzi. Għal dan l-għan, it-tranżizzjoni lejn ambjent mingħajr karti għandha tiżdied immedjatament, waqt li jinħoloq punt ta' referenza komuni li jissemplifika l-proċeduri, kif previst fil-KDU;

— possibbilment jiddeċiedi biex joħroġ linji gwida bil-għan li jwieġeb b'mod rapidu u dirett għal sfidi ġodda.

([4]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pjan ta' Azzjoni għar-riforma fil-governanza tal-Unjoni Doganali tal-UE (DG TAXUD – A1, 07/2015).
([5]) Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Jannar 2017 dwar l-indirizzar tal-isfidi tal-implimentazzjoni tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (2016/2017(RSP)) P8_TA(2017)0011.
([6]) Il-KESE wkoll inkluda proposta bħal din fl-Opinjoni tiegħu dwar Il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU C 229, 31.7.2012, p. 68), fil-forma ta' istitut Ewropew għat-taħriġ doganali. Il-proposta ma ġietx aċċettata mill-Kummissjoni Ewropea fi ħdan il-KDU.

Fir-rigward ta' din l-organizzazzjoni, il-KESE jżomm il-pożizzjoni tiegħu u jirrakkomanda li jinħoloq tim ta' intervent rapidu Ewropew biex jappoġġja l-ħidma speċjalizzata u importanti tal-awtoritajiet doganali, b'mod partikolari ta' dawk li jinsabu fuq il-fruntiera esterni tal-Unjoni.

6.5 Il-KESE jqis li l-Grupp tal-Politika Doganali tal-Kummissjoni – li jopera b'mod informali, u li s-setgħat attwali tiegħu huma minimi u l-influwenza tiegħu negliġibbli – jista' jkollu rwol sinifikanti fl-era l-ġdida tal-governanza doganali ([7]). Il-KESE għalhekk jirrakkomanda t-tfassil ta' regoli ta' proċedura u jħeġġeġ lill-Istati Membri jaħdmu flimkien biex jippermettu lil dan il-korp jopera bl-aktar mod effiċjenti possibbli. Kwistjoni oħra importanti fil-fehma tal-KESE hija li tittejjeb b'mod sinifikanti l-kooperazzjoni eżistenti bejn l-Istati Membri u l-gruppi ta' esperti dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw il-politika tad-dwana.

6.6 Il-KESE jqis li l-Programm Dwana 2020 kiseb riżultati pożittivi fit-tixrid u t-trasmissjoni tal-informazzjoni dwar l-unjoni foganali kemm lill-persunal doganali kif ukoll lin-negozji. Dan huwa għodda utli għall-kooperazzjoni bejn l-UE u l-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali ([8]), u għalhekk l-espansjoni u l-estensjoni tiegħu lil hinn mill-perjodu ta' żmien inizjalment stabbilit jgħinu biex jiġu mnedija azzjonijiet trasversali ([9]) rigward dawn il-kwistjonijiet li ġejjin:

— taħriġ u informazzjoni ta' kwalità għolja fuq bażi kontinwa lill-persunal rilevanti fuq il-bażi ta' data u mudelli Ewropej;

— komponent ta' investiment u finanzjament biex l-infrastruttura tiġi aġġornata u mmodernizzata għal rilevament mhux invażiv u ttestjar fil-laboratorju u, bl-istess mod, isir investiment fil-persunal tal-korpi nazzjonali bil-għan li titlesta s-sistema diġitali unika.

6.7 Il-KESE jqis ukoll li l-programm Fiscalis 2020, li għandu l-għan li jtejjeb is-sistemi fiskali tal-Istati Membri, jista' jgħin ukoll biex jiġu żviluppati miżuri komuni u jippromovi kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-awtoritajiet fiskali u doganali fil-livell transnazzjonali.

6.8 Il-KESE jappoġġja l-isforzi tal-Kummissjoni, kif riflessi pereżempju fil-Komunikazzjoni dwar pjan ta' azzjoni dwar il-VAT, biex issaħħaħ din il-kooperazzjoni billi toħloq sett ta' għodod li jkun disponibbli għall-awtoritajiet leġislattivi u awtoritajiet oħra tal-Istati Membri meta jfittxu li jiġġieldu l-frodi fiskali relatat mal-VAT. Il-benefiċċju ta' tali sett ta' għodod ikun li jiffaċilita l-bidla lejn sistema tal-VAT definittiva fl-UE għal kummerċ transkonfinali, ibbażata fuq il-prinċipju tal-pajjiż tad-destinazzjoni.

6.9 Il-KESE jappoġġja l-inizjattivi li jikkonċernaw l-istandards u jagħmlu parti mid-djalogu mal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali, u għalhekk jilqa' bi pjaċir l-introduzzjoni tal-operatur ekonomiku awtorizzat u tal-akkreditament u ċ-ċertifikazzjoni uniċi. Għalhekk jistieden lill-Kummissjoni biex tanalizza l-potenzjal li dawn l-inizjattivi jiġu rfinati bil-għan li jitnaqqsu aktar il-piż amministrattiv u l-ostakli għan-negozji.

6.10 F'dan il-kuntest, il-KESE jemmen li huwa meħtieġ li jiġi mħares u implimentat il-Ftehim ta' Faċilitazzjoni tal-Kummerċ tad-WTO li jissemplifika u jiċċara l-proċeduri internazzjonali ta' importazzjoni u ta' esportazzjoni, il-formalitajiet doganali u r-rekwiżiti tat-tranżitu. Barra minn hekk, il-KESE jemmen li huwa kruċjali li jitħaffef il-proċess tal-konklużjoni tal-ftehimiet dwar l-għajnuna amministrattiva reċiproka ma' imsieħba kummerċjali li jirriflettu bis-sħiħ il-kooperazzjoni li qed tespandi b'mod stabbli fil-kummerċ mal-pajjiżi mhux tal-UE.

6.11 Il-KESE jilqa' bi pjaċir il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-qafas legali tal-Unjoni għal ksur u sanzjonijiet doganali, li sfortunatament iddewmet b'mod sinifikanti: l-adozzjoni tagħha, bil-pożizzjonijiet espressi mill-Parlament Ewropew fl-ewwel qari kif ukoll bl-argumenti diġà mressqa mill-KESE ([10]), tikkontribwixxi għal uniformità u ċertezza legali akbar.

---

([7]) Grupp tal-Politika Doganali – Membri Sħaħ (livell ta' Diretturi Ġenerali tal-Amministrazzjonijiet Doganali tal-UE (E00944)).
([8]) Kienu involuti 28 pajjiż tal-UE u sitt pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali.
([9]) Ara pereżempju: http://ec.europa.eu/taxation_customs/business/customs-cooperation-programmes/customs-2020-programme_en.
([10]) ĠU C 487, 28.12.2016, p. 57.

6.12 Il-KESE jqis li jeħtieġ li jinħoloq Punt Uniku Ewropew (portal), ibbażat fuq il-prinċipju ta' awditu uniku, biex timminimizza l-piż amministrattiv u b'mod drastiku tissemplifika l-proċeduri tal-iżdoganar tal-merkanzija. Dan jeħtieġ l-iżvilupp immedjat tal-bażi ta' data taċ-ċertifikati tal-UE u verifika awtomatizzata taċ-ċertifikati.

6.13 Il-KESE jinsab imħasseb dwar il-bidliet li ser iġġib il-Brexit għall-fruntieri tal-UE. Aħna madankollu nappoġġjaw negozjati kompletament trasparenti li jsiru in bona fede. Aħna nemmnu li għandu jiġi żgurat l-impenn għall-proċess ta' paċi fl-Irlanda ta' Fuq u li jiġi evitat li tinħoloq fruntiera fiżika, iżda b'mod li ma jkunx ta' ħsara għall-Unjoni u l-interessi tagħha.

7. **Riformi speċifiċi meħtieġa (il-kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija dwar kwistjonijiet kriminali, is-saħħa u s-sigurtà u l-miżuri ambjentali)**

7.1 Hawnhekk, l-enfasi għandha tkun fuq il-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-UE mit-theddid billi jiġu żviluppati sinerġiji mal-pajjiżi ġirien jew mal-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali u mal-awtoritajiet doganali tagħhom, bil-għan li jiġu ġestiti r-riskji maħluqa minn sitwazzjonijiet ta' sigurtà eċċezzjonali (frodi u attivitajiet illegali relatati, terroriżmu, inċidenti sanitarji, veterinarji u fitosanitarji jew inċidenti ambjentali), filwaqt li jiġi eżaminat ukoll il-potenzjal biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali għall-istess raġunijiet, speċjalment mal-imsieħba kummerċjali potenzjali u attwali.

7.2 Għandu jkun hemm studju fil-fond dwar il-ħtieġa għal reviżjoni ta' leġislazzjoni speċifika oħra li ilha fis-seħħ għal aktar minn għaxar snin mingħajr emenda u li għandha impatt sostanzjali fuq il-governanza doganali. Il-pjattaforma REFIT tista' tkun għodda utli biex jiġi vvalutat jekk il-qafas regolatorju għal-leġislazzjoni doganali hux "idoneu" f'dan ir-rigward. Il-KESE jenfasizza, madankollu, li kwalunkwe riforma implimentata m'għandhiex tfixkel il-faċilitazzjoni tal-kummerċ leġittimu jew il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

7.3 Il-KESE japprezza l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-ġestjoni tar-riskju doganali u jinnota l-ħtieġa li jiġu intensifikati l-isforzi f'oqsma li ma jidħlux fil-mandat tad-dwana, kif innutat fir-Rapport ta' Progress tal-Kummissjoni tal-2016.

7.4 Barra minn hekk, il-KESE jilqa' bi pjaċir l-isforzi li saru fuq livell bilaterali, imma jqis li l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali. ġudizzjarji u tal-pulizija jeħtieġ li titqiegħed fuq livell aktar istituzzjonali sabiex tindirizza b'mod aktar effettiv il-finanzjament tat-terroriżmu u t-traffikar tal-armi, tipproteġi d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, l-oġġetti b'użu doppju u t-teknoloġija relatata, permezz ta' kontrolli bbażati fuq ir-riskju, kif preskritt permezz tas-Sistema tal-Ġestjoni Doganali tar-Riskju (CRMS) u b'kunsiderazzjoni dovuta għall-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-ġestjoni tar-riskju doganali u l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni għat-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu. Barra minn hekk, jeħtieġ li jsiru aktar sforzi biex jiġu indirizzati l-iffalsifikar u l-piraterija b'mod effiċjenti u effettiv.

7.5 Hemm bżonn li jiġu aċċellerati l-proċeduri sabiex jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 1889/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar kontrolli ta' flus kontanti deħlin fil-Komunità jew ħerġin mill-Komunità, abbażi tal-eżitu tal-konsultazzjoni pubblika u r-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja.

7.6 Għal dan il-għan, il-lista sewda ta' pajjiżi li jirrifjutaw li jieħdu miżuri adegwati biex jiġġieldu kontra l-ħasil tal-flus għandha tiġi riveduta. Il-lista kienet irrifjutata mill-Parlament Ewropew għax ma kinitx tirrifletti b'mod adegwat is-sitwazzjoni attwali: għalhekk għandhom jiġu intensifikati l-kontrolli, kif previst ukoll fid-direttiva rilevanti li qiegħda tiġi riveduta (ir-raba' Direttiva kontra l-ħasil tal-flus).

7.7 Il-KESE jħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Parlament biex jiffinalizzaw it-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (EPPO), li huwa responsabbli għall-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u t-tressiq quddiem il-ġustizzja tal-awturi ta' reati kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, u jappella lill-membri kollha biex jissieħbu fl-isforz.

7.8 Il-KESE jqis ukoll li l-kooperazzjoni transsettorjali bejn il-korpi u s-servizzi Ewropej (deċentralizzati jew mod ieħor) bħall-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol), l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA), l-Unità tal-Kooperazzjoni Ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea (Eurojust) u l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), għandha tiġi rinfurzata u msaħħa fuq il-bażi tal-istrateġija dwar il-ġestjoni integrata tal-fruntieri u r-Regolament (UE) 2016/1624, u b'riferiment speċjali għall-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà, sabiex:

— jissaħħu d-djalogu bejn l-aġenziji u l-involviment tad-dwana bil-għan li tingħata spinta lill-azzjoni u l-preżenza tal-Unjoni fil-fruntieri esterni permezz tal-Istati Membri għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni tal-finanzjament ta' attivitajiet kriminali;

— tiġi stabbilita sistema ta' twissija bikrija ta' skambju ta' informazzjoni u data (kondiviżjoni tad-data tal-katina tal-provvista u l-informazzjoni rilevanti dwar ir-riskji) f'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni Ewropea dwar il-protezzjoni tad-data personali b'kunsiderazzjoni xierqa għall-Istrateġija ta' Sigurtà Interna mġedda (2015-2020);

— jiġu mmodernizzati l-kontrolli doganali u tiġi żviluppata l-koordinazzjoni tal-kooperazzjoni doganali fil-livell tal-UE;

— jinġabru u jiġu skambjata u rreġistrati l-aħjar prattiki sabiex ikun hemm tqassim u pooling tal-kapaċitajiet u l-ħiliet;

— titħejja t-tranżizzjoni għal fruntiera intelliġenti.

Brussell, l-20 ta' Settembru 2017.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Il-Pjan ta' Azzjoni għas-Servizzi Finanzjarji għall-Konsumatur: Prodotti aħjar u aktar għażla"**

*[COM(2017) 139 final]*

(2017/C 434/08)

Relatur: **Michael IKRATH**

Korelatur: **Carlos TRIAS PINTÓ**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Kummissjoni Ewropea, 26.4.2017 |
| Bażi legali | Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum |
| Adottata fis-sezzjoni | 5.9.2017 |
| Adottata fil-plenarja | 20.9.2017 |
| Sessjoni plenarja Nru | 528 |
| Riżultat tal-votazzjoni<br>(favur/kontra/astensjonijiet) | 136/0/2 |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-KESE jilqa' bi pjaċir il-fatt li f'dan l-istadju l-Kummissjoni Ewropea qiegħda toqgħod lura minn miżuri regolatorji, u jappoġġjaha fid-determinazzjoni tagħha li tapplika r-regoli tal-kompetizzjoni rilevanti jekk dan ikun jidher meħtieġ biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u protezzjoni tal-konsumatur.

1.2 Il-KESE jilqa' bi pjaċir l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea li għandha l-għan li tapprofondixxi s-suq uniku permezz tal-pjan ta' azzjoni. Dan se jkun jirrikjedi, minn naħa, l-estensjoni gradwali tal-unjoni ekonomika u monetarja u, min-naħa l-oħra, aktar armonizzazzjoni tal-prodotti u s-servizzi finanzjarji flimkien mal-innovazzjoni diġitali filwaqt li jinżammu kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni ġusti u newtrali għat-teknoloġija u għall-mudelli kummerċjali.

1.3 Il-KESE jistieden lill-Istati Membri jirduppjaw l-isforzi tagħhom sabiex jiksbu l-applikazzjoni fil-fond, armonizzata, ikkoordinata u sistematika tal-firxa wiesgħa tal-istandards pan-Ewropej li bħalissa jinsabu fil-proċess biex jiġu implimentati sabiex jiżguraw li dawn ikunu kompletament inklużivi għall-konsumaturi, filwaqt li jipproteġuhom mill-għadd ta' riskji assoċjati max-xenarji finanzjarji ġodda.

1.4 Il-KESE jinnota li għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-banek għall-konsumatur tradizzjonali ("boring banking") bħala intermedjarji ewlenin ta' tali prodotti u servizzi. Tradizzjonalment dawn il-banek, speċjalment il-banek reġjonali jew dawk lokali, ibbenefikaw minn livell għoli ta' fiduċja mill-konsumaturi tal-UE, li ftit li xejn għandhom it-tendenza li jibdlu l-fornituri tagħhom. Madankollu, il-prodotti transkonfinali għandhom jiġu promossi sabiex tiġi enfasizzata l-idea tas-suq uniku u tal-moviment liberu tal-persuni u tal-merkanzija.

1.5 Fl-istess ħin, it-tħassib tal-konsumaturi pereżempju, id-differenza tal-lingwa, tal-leġislazzjoni, spejjeż akbar għal dawk mhux residenti, ir-rifjut tal-aċċess għal ċerti servizzi u prodotti finanzjarji għal dawk mhux residenti, id-differenzi fit-taxxa, l-isfruttart żejjed tal-leġislazzjoni dwar il-ħasil tal-flus, u r-riskji tar-rata tal-kambju, għandhom jiġu indirizzati.

1.6 Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni biex twettaq studju dwar kemm selliefa li huma ekonomikament vulnerabbli qed jagħżlu li jieħdu self għall-konsumatur transkonfinali li mhuwiex disponibbli għalihom f'pajjiżhom (loan shopping), b'hekk huma qed jesponu ruħhom għal livell għoli ta' riskju ta' dejn eċċessiv.

1.7 Fl-interessi tal-komparabbiltà u tat-trasparenza ta' prodotti u servizzi finanzjarji sabiex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi bejn l-Istati Membri, il-KESE jirrakkomanda li jittieħdu passi sabiex jiġi żgurat li l-arranġamenti fiskali għall-prodotti u s-servizzi ma jibqgħux ostaklu għal kompetizzjoni ġusta.

1.8 Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprevedi għodod adatti, indipendenti u ċċertifikati b'mod obbligatorju għat-tqabbil ta' prodotti finanzjarji differenti fid-diversi ġurisdizzjonijiet legali li jikkostitwixxu l-Unjoni Ewropea.

1.9 Il-KESE jirrakkomanda r-regolazzjoni tal-ġganti tal-IT mhux Ewropej, bħal Google, Apple eċċ., li jistgħu jużaw il-bażijiet tad-data tal-konsumaturi tagħhom biex joffru prodotti personalizzati għal bejgħ dirett mingħajr ma jkunu soġġetti għar-regoli tal-protezzjoni tal-konsumatur tal-UE u regolamenti oħrajn.

1.10 Il-KESE jinsab konvint għal kollox li d-diġitalizzazzjoni qiegħda tbiddel l-imġiba tal-konsumatur b'mod kontinwu u kostanti. Għalhekk, huwa jilqa' bi pjaċir u jappoġġja l-enfasi tal-Kummissjoni biex tagħti spinta lis-Suq Uniku Diġitali billi tagħti attenzjoni partikolari lis-servizzi finanzjarji. Il-Kummissjoni tagħmel tajjeb li tiffoka fuq it-tneħħija tal-ostakli li jxekklu d-distribuzzjoni diġitali transkonfinali (l-imblukkar ġeografiku). Fil-fehma tal-KESE, din hija l-unika opportunità biex jinkiseb suq uniku ġenwin għas-servizzi finanzjarji għall-konsumaturi.

1.11 Fil-qasam tal-FinTech u fl-interessi ta' regolzzjoni sostenibbli, u bl-għan li tiġi ppreservata kemm jista' jkun l-istabbiltà finanzjarja, il-Kumitat jemmen li għandu jkun hemm kundizzjonijiet ekwi bejn dawk kollha li jipprovdu s-servizzi finanzjarji inkwistjoni u li l-istess garanziji għall-konsumaturi bħal dawk li jeżistu fis-settur bankarju tradizzjonali għandhom jieħdu preċedenza f'kull ħin.

1.12 Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tiddefinixxi prodotti addizzjonali, li jkunu sempliċi u bl-istess karatteristiċi, u b'hekk komparabbli u trasparenti flimkien mal-prodotti tal-konsumatur diġà stabbiliti fil-pjan ta' azzjoni. Dawn jifthu l-possibbiltà li jiġu offruti bħala "prodotti ewlenin" ("flagship products") fl-UE kollha permezz ta' diversi sistemi ta' distribuzzjoni (FinTech, fergħat tradizzjonali, eċċ.), u li l-konsumaturi jiġu mħeġġa jafdaw dawn il-prodotti. B'informazzjoni tajba dwar il-prodott u t-trasparenza tal-prodott, il-konsumaturi jistgħu jagħżlu l-aħjar fornitur minn madwar l-UE, mingħajr l-ebda riskju.

1.13 L-indipendenza bejn il-partijiet differenti involuti fil-ġestjoni tal-istess servizz finanzjarju, filwaqt li jiġi evitat kwalunkwe kunflitt ta' interess, għandha tissaħħaħ, peress li dan jiffaċilita governanza tajba u superviżjoni effettiva tas-servizzi finanzjarji.

1.14 Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li jiġi rivedut perjodikament l-impatt ta' kull standard fuq l-iżvilupp ta' prodotti u servizzi finanzjarji maħsuba għall-konsumaturi, filwaqt li fl-istess ħin jissaħħu b'mod xieraq ir-riżorsi tal-awtoritajiet superviżorji. Huwa jindika wkoll li mekkaniżmi ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim (ADR) u soluzzjoni tat-tilwim onlajn (ODR) effettivi huma meħtieġa għat-tranżazzjonijiet transkonfinali, bħala fattur prinċipali biex tittejjeb il-fiduċja tal-konsumatur.

1.15 Finalment, jekk irridu li r-riżultati miksuba għaċ-ċittadini u n-negozji jkunu effettivi u effiċjenti fit-tnaqqis tal-ispejjeż, il-Kumitat huwa tal-fehma li kull azzjoni u kull test dwar dan is-suġġett għandhom jibnu fuq il-prinċipji tal-programm REFIT u għandhom jikkunsidrawhom. Mingħajr ma jiġu kompromessi l-għanijiet ċari f'dan il-qasam, huwa importanti li kull leġislazzjoni u regolament futuri li jirrelataw ma' dan, jibqgħu sempliċi u jneħħu piżijiet mhux meħtieġa. Bl-istess mod, sabiex jinkiseb suq uniku ġenwin, li ma jkunx frammentat, għandha tiġi evitata kwalunkwe regolamentazzjoni żejda fil-livell nazzjonali u reġjonali.

## 2. **Kuntest**

2.1 Dan il-pjan ta' azzjoni għandu l-għan li jagħti lill-konsumaturi Ewropej għażla akbar ta' servizzi finanzjarji fl-UE u aċċess aħjar għalihom.

2.2 Dan ikopri s-servizzi finanzjarji li huma parti importanti mill-ħajja ta' kuljum tal-konsumaturi, bħat-tfaddil fil-kontijiet kurrenti, is-servizzi ta' pagament, il-karti tal-kreditu, l-ipoteki u self ieħor, u diversi tipi ta' assigurazzjoni.

2.3 Il-pjan ta' azzjoni jirrappreżenta komponent integrali fl-iżvilupp ta' suq uniku aktar profond u aktar ġust. F'termini ta' servizzi finanzjarji, dan ifisser li l-kompetizzjoni fost il-fornituri tas-servizzi finanzjarji u l-għażla tal-konsumatur għandhom jittejbu, sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jibbenefikaw minn prezzijiet orħos, kwalità tal-prodott aħjar, u innovazzjoni.

2.4 Il-konsumaturi għandhom ikunu jistgħu jagħżlu b'mod liberu minn firxa wiesgħa ta' servizzi u prodotti finanzjarji disponibbli madwar l-UE kollha; l-Istat Membru li fih jinsab il-fornitur m'għandux jibqa' fattur rilevanti.

2.5 Il-fornituri ta' servizzi u prodotti finanzjarji għandhom ikunu jistgħu jgawdu mill-benefiċċji tas-suq mal-UE kollha (is-suq uniku).

2.6 L-UE diġà adottat għadd ta' miżuri biex toħloq suq uniku tas-servizzi finanzjarji għall-konsumaturi, bħad-direttivi dwar il-kontijiet ta' pagament ([1]), il-kreditu ipotekarju ([2]), u d-distribuzzjoni tal-assigurazzjoni ([3]), il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Bini ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali ([4]), l-istrateġija għas-Suq Intern tal-Ewropa ([5]) u l-istrateġija għas-Suq Uniku Diġitali ([6]).

2.7 Dan il-pjan ta' azzjoni – ibbażat fuq il-konsultazzjonijiet relatati mal-Green Paper tal-Kummissjoni ([7]) – ġie abbozzat sabiex jidentifika u jegħleb l-ostakli li fadal.

2.8 Il-pjan ta' azzjoni jiffoka fuq tliet oqsma ewlenin:

— iż-żieda fil-fiduċja tal-konsumaturi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom

— l-inkoraġġiment biex jitneħħew l-ostakli legali u regolatorji

— l-għoti ta' appoġġ kontinwu għall-iżvilupp ta' servizzi diġitali innovattivi.

Ġew stabbiliti tnax-il azzjoni ta' implimentazzjoni.

2.9 Minħabba li attwalment 7 % biss tal-konsumaturi jużaw is-servizzi finanzjarji minn Stat Membru ieħor, il-pjan ta' azzjoni jagħti prijorità lill-iżvilupp ta' FinTechs u ta' negozji onlajn.

3. **Kummenti ġenerali**

3.1 Il-KESE jinnota li l-ħolqien ta' suq uniku tal-UE għas-servizzi finanzjarji jirrikjedi l-armonizzazzjoni tad-diversi proġetti tas-suq finanzjarju tal-UE. Pereżempju, l-Unjoni tas-Swieq Kapitali taffettwa lill-Istati Membri kollha tal-UE; sadanittant, bit-tliet pilastri tagħha, l-Unjoni Bankarja hija rilevanti biss għaż-żona tal-euro, u s-swieq tal-Istati Membri "il-ġodda" mhumiex ikkunsidrati. Dan ifisser li l-għoti ta' servizzi u prodotti finanzjarji transkonfinali mixtieq se jaffaċċja fruntieri inviżibbli.

3.2 Għalhekk, il-KESE jqis li jkun xieraq li, fl-istess ħin mal-approfondiment ulterjuri tas-suq uniku tas-servizzi finanzjarji, tkompli tiġi estiża l-unjoni ekonomika u monetarja: sakemm il-pajjiżi kollha ma jkunux issieħbu fil-valuta unika b'mod gradwali – speċjalment fil-qasam diġitali – se jkun impossibbli li l-pjan ta' azzjoni jiġi implimentat bis-sħiħ. Hemm ukoll riskju ta' muniti diġitali alternattivi bħall-bitcoin li jisfruttaw din is-sitwazzjoni, lijistgħu jipperikolaw is-sigurtà, il-protezzjoni tad-data u l-fiduċja tal-konsumatur fis-servizzi finanzjarji transkonfinali.

3.3 Il-KESE jindika li attwalment il-konsumaturi jittrattaw il-kummerċ fis-servizzi finanzjarji bħala mudell ta' negozju lokali u reġjonali. Għalhekk, hekk kif jippersistu l-ansjetajiet u l-inċertezzi dwar ix-xenarju finanzjarju l-ġdid, jaqbel mas-sejba tal-Kummissjoni li "bosta konsumaturi tas-servizzi finanzjarji għall-konsumatur x'aktarx se jibqgħu ffokati fuq l-aspett domestiku" ([8]).

3.4 Il-KESE jqis li l-arranaġamenti fiskali differenti fl-Istati Membri huma ostaklu ewlieni biex jiġu żgurati l-komparabbiltà u t-trasparenza tal-prodotti finanzjarji. L-attraenza tal-prodotti prinċipali spiss tinsab fl-inċentivi fiskali tagħhom, li, madankollu, huma ta' benefiċċju biss għall-kontribwenti nazzjonali. Barra minn hekk, il-ġlieda kontra l-evitar tat-taxxa, li tpoġġi lis-sidien ta' kontijiet barranin f'suspett ta' qerq fl-affarijiet fiskali tagħhom, hija ostaklu serju għas-suq finanzjarju transkonfinali. Għalhekk, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tinkorpora proposti addizzjonali fil-pjan ta' azzjoni.

---

([1]) ĠU L 257, 28.8.2014, p. 214.
([2]) ĠU L 60, 28.2.2014, p. 34.
([3]) ĠU L 26, 2.2.2016, p. 19.
([4]) COM(2015) 468 final, Opinjoni tal-KESE ĠU C 133, 14.4.2016, p. 17.
([5]) COM (1999) 624 final.
([6]) COM (2016) 176 final.
([7]) COM(2015) 630 final.
([8]) Green Paper dwar is-Servizzi Finanzjarji għall-Konsumatur fis-Suq Waħdieni, COM(2007) 226, punt 10, paġna 6.

3.5 Minkejja l-isforzi konsiderevoli li saru mill-Kummissjoni, skont l-Ewrobarometru 446, s'issa 7 % biss taċ-ċittadini tal-UE għamlu użu mis-servizzi finanzjarji transkonfinali. Lanqas mhuwa ċar kif ħafna selliefa ekonomikament vulnerabbli qed jagħżlu li jiehdu self għall-konsumatur transkonfinali li mhuwiex disponibbli għalihom f'pajjiżhom (loan shopping), b'hekk huma qed jesponu ruħhom għal livell għoli ta' riskju ta' dejn eċċessiv. Għalhekk, il-KESE jipproponi li jitwettaq studju dwar dan is-suġġett.

3.6 Madankollu, ta' min isemmi li din id-domanda transkonfinali teżisti fir-reġjuni tal-fruntiera b'lingwa komuni. Anke fis-swieq nazzjonali, inqas minn terz tal-konsumaturi jibdlu l-fornitur tagħhom. Waħda mir-raġunijiet ewlenin għal dan hija l-livell ogħla ta' sodisfazzjon, l-aktar bil-banek għall-konsumatur tradizzjonali lokali u reġjonali (ara EBS 446). F'dan ir-rigward, il-KESE jindika li wara l-kriżi finanzjarja, il-profittabbiltà tal-banek għall-konsumatur reġjonali kienet taħt pressjoni partikolari. Għalhekk, għandha titqies il-kwistjoni dwar kif il-banek għandhom ibatu l-ispiża għolja relatata mal-fatt li jkollhom proporzjon relattivament żgħir ta' konsumaturi minn Stati Membri oħrajn. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni tindirizza raġunijiet oħrajn għal dan il-perċentwal baxx ta' xiri transkonfinali ta' prodotti finanzjarji, pereżempju, id-differenza tal-lingwa, tal-leġislazzjoni, spejjeż akbar għal dawk mhux residenti, ir-rifjut tal-aċċess għal ċerti servizzi u prodotti finanzjarji għal dawk mhux residenti, id-differenzi fit-taxxa, l-isfruttament żejjed tal-leġislazzjoni dwar il-ħasil tal-flus, u r-riskji tar-rata tal-kambju eċċ.

3.7 F'dan il-kuntest, il-KESE jqis neċessarju li tingħata attenzjoni assoluta sabiex dan ir-rwol tal-banek għall-konsumatur lokali u reġjonali – il-fornituri tas-servizzi finanzjarji li jgawdu mill-fiduċja tal-konsumaturi – jiġi tassew ippreservat. Dan jirrikjedi regolamentazzjoni tal-banek ħafna aktar differenzjata, b'applikazzjoni konsistenti tal-prinċipju tal-proporzjonalità ([9]). Dawn il-banek jista' jirnexxielhom jaġixxu bħala mexxejja tal-innovazzjoni jew bħala segwaċi tal-innovazzjoni, taħt din il-kundizzjoni biss.

3.8 Fil-fehma tal-KESE, din hija prekundizzjoni biex jiġu indirizzati l-għanijiet iġġustifikati tal-Kummissjoni: li s-settur finanzjarju għandu jkun jista' juża teknoloġiji moderni meħtieġa biex jiġi żviluppat is-suq uniku, u li dan is-settur għandu jibqa' sod finanzjarjament kif ukoll sigur għall-konsumaturi u l-investituri.

3.9 Il-KESE jinsab konvint bis-sħiħ li d-diġitalizzazzjoni qiegħda tbiddel l-imġiba tal-konsumatur b'mod kontinwu u kostanti. Għalhekk, huwa jilqa' bi pjaċir u jappoġġja l-enfasi tal-Kummissjoni biex tagħti spinta lis-Suq Uniku Diġitali billi tagħti attenzjoni partikolari lis-servizzi finanzjarji. Il-Kummissjoni tagħmel tajjeb li tiffoka fuq it-tneħħija tal-ostakli li jxekklu d-distribuzzjoni diġitali transkonfinali (l-imblukkar ġeografiku). Fil-fehma tal-KESE, din hija opportunità tajba biex jinkiseb suq uniku ġenwin ta' servizzi finanzjarji għall-konsumaturi. Madankollu, huma meħtieġa wkoll miżuri oħrajn (kif deskritt fil-punt 3.6).

3.10 Il-KESE jaqbel mal-fehma tal-Kummissjoni li, minn naħa, il-ħidma futura għandha tiffoka l-aktar fuq l-implimentazzjoni xierqa tal-leġislazzjoni adottata preċedentement (ara l-punt 2.6). Min-naħa l-oħra, hemm il-ħtieġa ta' miżuri addizzjonali sabiex jiġi żgurat li l-konsumaturi jkunu jistgħu jisfruttaw il-vantaġġi ta' suq uniku tas-servizzi finanzjarji mal-UE kollha.

3.11 F'dan ir-rigward, il-KESE jilqa' bi pjaċir il-fatt li l-pjan ta' azzjoni jinkludi pjan direzzjonali ambizzjuż ta' azzjonijiet u jistenna li l-leġislaturi nazzjonali, l-awtoritajiet superviżorji u l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur ikollhom sehem sħiħ fl-implimentazzjoni tagħhom. L-imsieħba soċjali wkoll għandhom rwol important x'jaqdu.

3.12 B'mod simili, il-KESE jilqa' bi pjaċir il-fatt li l-parteċipanti tas-suq jingħataw aktar opportunitajiet biex jiżviluppaw is-servizzi finanzjarji individwali tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tal-innovazzjoni diġitali. Dan iqis b'mod suffiċjenti l-kundizzjonijiet attwali differenti ħafna tas-suq fl-Istati Membri, f'konformità mal-għan komuni.

3.13 Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tiddefinixxi prodotti addizzjonali, li jistgħu jitqabblu faċilment u li jkunu kompletament trasparenti, sempliċi u li għandhom l-istess karatteristiċi, flimkien mal-prodotti tal-konsumatur diġà stabbiliti fil-pjan ta' azzjoni. Dawn jiftħu l-possibbiltà li jiġu offruti bħala "prodotti ewlenin" ("flagship products") fl-UE kollha permezz ta' diversi sistemi ta' distribuzzjoni (FinTech, fergħat tradizzjonali, eċċ.), u li l-konsumaturi jiġu mħeġġa jafdaw dawn il-prodotti. B'informazzjoni tajba dwar il-prodott u t-trasparenza tal-prodott (terminoloġija armonizzata, evitar ta' deskrizzjonijiet li huma professjonali wisq, termini tal-kuntratt faċli u li jinftiehmu), il-konsumaturi jistgħu jagħżlu l-aħjar fornitur minn madwar l-UE, mingħajr l-ebda riskju.

([9]) ĠU C 209, 30.6.2017, p. 36.

3.14 Fil-fehma tal-KESE, il-kombinazzjoni effettiva ta' teknoloġiji onlajn ġodda u prodotti tal-konsumatur komparabbli u trasparenti se tkun kruċjali għall-iżvilupp ulterjuri ta' suq uniku aktar profond għas-servizzi finanzjarji.

3.15 Għalhekk, il-KESE jilqa' bi pjaċir il-fatt li d-dokument ta' riflessjoni tal-Kummissjoni dwar l-approfondiment tal-unjoni ekonomika u monetarja, ippubblikat fl-1 ta' Ġunju, jinkludi aspetti prinċipali relatati mal-armonizzazzjoni tal-prodotti u s-servizzi finanzjarji fl-UE. B'mod partikolari, dan jikkonċerna l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet ekwi bejn id-diversi Stati Membri u b'hekk bejn il-fornituri tas-servizzi finanzjarji. Għalhekk, il-proposti tal-Unjoni dwar l-UEM jissimplifikaw il-komparabbiltà u l-preżentazzjoni tad-diversi prodotti finanzjarji "transkonfinali".

3.16 F'dan il-kuntest, il-KESE jqis ukoll li huwa importanti li jibqa' jkun hemm ħtieġa għal regolamentazzjoni tal-FinTechs. Matul il-kriżi finanzjarja 2008-2010, regolament riġidu ħafna (Basel III, CRD IV) kien wieħed mill-fatturi li kien ifisser li l-banek għall-konsumatur tradizzjonali ma kinux għadhom kapaċi jaqdu r-rwol ewlieni tagħhom b'mod suffiċjenti (self lill-SMEs u lill-individwi privati); sadanittant, dak li joffru l-FinTechs mhuwiex soġġett għal dan ir-regolament. Għalhekk, il-KESE jitlob li – qabel jiġi stabbilit il-pjan ta' azzjoni għas-servizzi finanzjarji transkonfinali għall-konsumaturi – għandhom jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ekwi f'termini tar-regolamenti li japplikaw għall-banek tal-konsumatur tradizzjonali u l-FinTechs ([10]).

3.16.1 Huwa essenzjali li l-Kummissjoni tindirizza t-tħassib tal-konsumaturi dwar il-FinTech, bħad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza, il-mekkaniżmi ta' rimedju, ir-riskji ta' dejn eċċessiv, il-konsegwenzi ta' insolvenza possibbli ta' dawn il-pjattaformi, in-nuqqas ta' pariri indipendenti u responsabbli dwar il-prodotti u s-servizzi li joffru, ir-riskju ta' esklużjoni finanzjarja għall-konsumaturi li huma illitterati fil-qasam diġitali, l-isfruttar u l-użu tal-big data, id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà ta' dawn il-prodotti, sabiex tinkiseb lura l-fiduċja li ntilfet tal-konsumaturi fl-istituzzjonijiet finanzjarji, minħabba l-kriżi.

3.17 Il-KESE jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-implimentazzjoni ta' kull waħda mill-miżuri previsti fil-pjan ta' azzjoni tikkonforma dejjem mad-Direttiva dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u s-servizzi u mal-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà.

3.18 Il-pjan ta' azzjoni se jikseb biss l-effettività mixtieqa jekk jimxi id f'id ma' tisħiħ gradwali (kemm kwalitattiv kif ukoll kwantitattiv) tal-funzjonijiet superviżorji tal-awtoritajiet finanzjarji, bl-introduzzjoni ta' monitoraġġ sistematiku tal-imġiba tal-fornituri tas-servizzi finanzjarji fl-implimentazzjoni tal-PSD2 u l-MIFID II, u billi jiġi żgurat bilanċ kumpless bejn il-privatezza u t-trasparenza, u ssir distinzjoni bejn pariri dwar il-prodott u l-funzjonijiet tas-suq. Dan kollu għandu jiġi kkombinat mal-attenzjoni speċjali li għandha tingħata lill-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu u s-servizzi intermedjarji finanzjarji indipendenti, kif il-KESE indika fl-opinjoni tiegħu dwar il-Green Paper.

3.19 L-edukazzjoni u t-taħriġ tul il-ħajja huma meħtieġa biex jiġi miġġieled l-illiteriżmu finanzjarju li jista' jwassal għal dejn eċċessiv u esklużjoni finanzjarja u soċjali.

4. **Kummenti speċifiċi**

4.1 Fid-dawl tar-rimarki li saru fil-punt 3, il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni għandha tikkonċentra fuq l-implimentazzjoni rapida ta' miżuri relatati mat-titjib tal-kwalità u tal-affidabbiltà tas-siti web ta' tqabbil tas-servizzi finanzjarji (Azzjoni 4), l-analiżi tar-regoli nazzjonali dwar il-protezzjoni tal-konsumatur (Azzjoni 8), il-FinTech (Azzjoni 10) u l-identifikazzjoni elettronika (Azzjoni 11).

4.2 (Azzjoni 11)

Il-KESE jqis li l-implimentazzjoni nazzjonali inkonsistenti ta' dispożizzjonijiet attwali kontra l-ħasil tal-flus (pereżempju, ir-rekwiżit tar-residenza) hija ostaklu deċiżiv għall-iżvilupp ulterjuri tas-suq uniku għall-konsumatur. Sabiex jiġi żgurat l-iżvilupp kemm jista' jkun malajr ta' relazzjonijiet ġodda tal-konsumaturi fi ħdan is-suq uniku għandu jsir kull sforz sabiex jiġu pprovduti l-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika. It-tħassib dwar is-sigurtà u r-responsabbiltà għandu jiġi indirizzat sabiex tissaħħaħ il-fiduċja tal-konsumatur fil-proċeduri ta' identifikazzjoni elettronika.

([10]) ĠU C 246, 28.7.2017, p. 8.

4.3 Għalhekk, il-KESE jilqa' bi pjaċir b'mod partikolari l-miżuri proposti skont l-Azzjoni 11, bħall-promozzjoni tal-użu tar-Regolament eIDAS (ir-Regolament dwar l-identifikazzjoni elettronika) – pereżempju billi dan jiġi estiż għal B2C – kif ukoll biex tingħata spinta lill-mezzi ġodda għall-onboarding diġitali (pereżempju proċedura tal-identifikazzjoni bil-vidjo). F'dan ir-rigward, il-KESE jappoġġja l-pożizzjoni korrispondenti tal-Parlament Ewropew ([11]) dwar il-ħames Direttiva dwar il-ħasil tal-flus ([12]). Dawn il-proċeduri diġitali kollha m'għandhomx jdgħajfu l-protezzjoni tad-data u tal-privatezza.

4.4 (Azzjoni 10)

Sabiex jiġi żgurat li l-innovazzjoni finanzjarja tmur id f'id mal-protezzjoni tal-konsumatur, il-KESE jitlob li jiġi stabbilit qafas biex jiġu ttestjati s-servizzi finanzjarji ġodda ([13]) li, ladarba jiġu ttestjati bil-kooperazzjoni tal-partijiet ikkonċernati, jistgħu jissupplimentaw il-firxa tal-prodotti finanzjarji standardizzati (skont il-punt 3.12).

4.5 (Azzjoni 8)

Il-KESE jappoġġja l-miżuri proposti skont l-Azzjoni 8, li għandhom l-għan li jidentifikaw u jeliminaw ir-regolamentazzjoni żejda mhux iġġustifikata mill-Istati Membri. Madankollu, ir-regoli dwar il-protezzjoni tal-konsumatur m'għandhomx jiġu kompromessi.

4.6 Il-KESE jirrakkomanda wkoll li ssir reviżjoni tal-leġislazzjoni speċjali attwali li relata mas-servizzi finanzjarji fir-rigward tal-impatt tagħha fuq is-suq uniku mixtieq u fir-rigward tal-adattabbiltà diġitali tagħha. L-informazzjoni li tingħata lill-konsumaturi għandha tkun tinftiehem, sempliċi u xierqa, u għandha tippermetti lill-konsumaturi jagħmlu għażliet li huma tajbin għalihom. L-informazzjoni, il-konsulenza u l-obbligi ta' dokumentazzjoni eċċessivi huma b'mod partikolari ta' detriment għall-iżvilupp ta' suq uniku diġitali fil-qasam tas-servizzi finanzjarji. Għalhekk għandu jittieħed approċċ ta' evalwazzjoni olistika.

4.7 (Azzjoni 1)

Fir-rigward tal-proposta skont l-Azzjoni 1 sabiex jiġi estiż ir-Regolament ([14]) dwar il-pagamenti transkonfinali għal pagamenti mhux bl-euro, il-KESE jindika li għal dawn, il-fornituri jħallsu ħafna iżjed mill-pagamenti bl-euro. Għalhekk, il-KESE jsib li meta mqabbla mal-pagamenti li jsiru biss bl-euro, id-differenza fil-prezz hija ġġustifikata. Għalhekk huwa jissuġġerixxi li jiġu applikati prezzijiet tat-tranżazzjonijiet mhux bl-euro li jippermettu li jiġu koperti l-ispejjeż reali. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, dawn il-prezzijiet għandhom iqisu wkoll id-daqs tal-fornitur li jeżegwixxi u l-frekwenza ta' tali trasferimenti.

4.8 (Azzjoni 2)

Il-Kummissjoni għandha żżid ir-rekwiżiti tat-trasparenza għall-konverżjoni dinamika tal-munita.

4.9 (Azzjoni 3)

Il-KESE fil-prinċipju jappoġġja din il-miżura tal-Kummissjoni, iżda jindika li l-implimentazzjoni żbaljata tar-Regolament SEPA li saret s'issa minn ħafna parteċipanti tas-suq ([15]) tikkawża problemi li mhumiex ir-responsabbiltà tal-konsumaturi u tal-fornituri tas-servizzi finanzjarji. Għalhekk, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità lill-applikazzjoni komprensiva tal-Artikolu 9 tar-Regolament SEPA (projbizzjoni tad-diskriminazzjoni bl-IBAN). Dan huwa l-uniku mod li bih ikun jista' jiġi estiż it-tibdil tas-servizz sabiex dan ikun effettiv fis-suq uniku kollu.

4.10 (Azzjoni 4)

Il-KESE jemmen li huwa essenzjali li jkun hemm konformità mal-"Prinċipji ewlenin għall-għodod ta' tqabbil" u jistieden lill-Kummissjoni biex f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur, timmonitorja mill-qrib is-siti web eżistenti. Is-siti web ta' tqabbil għandhom jikkonformaw ma' ċerti kriterji ta' indipendenza u trasparenza. Dawn għandhom ikunu wkoll ċċertifikati b'mod obbligatorju.

(11) A8-0056/2017.
(12) COM(2016) 450, Opinjoni tal-KESE (ĠU C 34, 2.2.2017, p. 121).
(13) Ara ĠU C 246, 28.7.2017, p. 8, punt 1.4.1.
(14) ĠU L 266, 9.10.2009, p. 11.
(15) ĠU L 257, 28.8.2014, p. 214.

Il-KESE jipproponi li mal-partijiet ikkonċernati jiġi mistħarreġ l-istabbiliment ta' sit web ta' tqabbil pan-Ewropew li jkunu jkopru l-prodotti transkonfinali ewlenin imsemmija hawn fuq (ara l-punt 3.13).

4.11 (Azzjoni 9)

Il-KESE jappoġġja l-miżuri proposti biex isir progress fl-armonizzazzjoni tal-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja fil-livell Ewropew, għax inkella l-konsumaturi ekonomikament żvantaġġjati jkunu f'riskju ta' dejn meta jieħdu kreditu għall-konsumatur transkonfinali. Għalhekk, jappoġġja l-kriterji minimi armonizzati għall-valutazzjonijiet tal-affidabbiltà kreditizja, filwaqt li jiġu inkorporati l-istandards tal-verifika tal-kreditu uniformi eżistenti (id-Direttiva 2008/48/KE ([16]), id-Direttiva 2014/17/UE ([17])). Għandha tingħata attenzjoni sabiex jiġi żgurat li dan ma jqajjimx dubju dwar il-mudelli l-ġodda ta' klassifikar ta' kreditu bbażati fuq l-algoritmi Basel III (credit tech).

4.12 (Azzjoni 7)

Il-KESE jappoġġja l-isforzi tal-Kummissjoni biex issib modi biex tipprevjeni d-dejn eċċessiv tal-konsumatur. L-edukazzjoni finanzjarja kif ukoll it-taħriġ tul il-ħajja, flimkien mar-regoli ta' self responsabbli u leġislazzjoni dwar l-insolvenza tal-konsumatur ([18]) għandhom ikunu għalhekk tħassib prinċipali. Sabiex tiġi promossa edukazzjoni finanzjarja ambizzjuża u armonizzata, il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tiddefinixxi l-edukazzjoni finanzjarja bħala kompetenza addizzjonali bħala parti mir-reviżjoni kontinwa tagħha tal-Qafas Ewropew tal-Kompetenzi Ewlenin. F'dan ir-rigward, l-imsieħba soċjali għandhom responsabbiltà partikolari.

4.13 Huwa essenzjali wkoll li l-Kummissjoni tiffoka bis-sħiħ fuq self ta' kreditu rapidu lill-konsumatur, li spiss huwa nieqes mit-trasparenza u jinkludi kull tip ta' klawżola inġusta, filwaqt li jintużaw prattiki kummerċjali qarrieqa appoġġjati minn reklamar fil-mezzi tal-midja ewlenin (l-istampa, ir-radju u t-televiżjoni). F'dan ir-rigward, il-KESE jistieden lill-awtoritajiet superviżorji tal-Istati Membri biex iwettqu monitoraġġ xieraq tal-imġiba fis-suq ta' dawn il-kumpaniji, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-organizzazzjonijiet tal-konsumatur.

Brussell, l-20 ta' Settembru 2017.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

---

([16]) ĠU L 133, 22.5.2008, p. 66
([17]) ĠU L 60, 28.2.2014, p. 34.
([18]) ĠU C 311, 12.9.2014, p. 38.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar:**

**Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar Bażi Komuni Konsolidata għat-Taxxa Korporattiva (BKKTK)**

*[COM(2016) 683 final — 2016/0336 (CNS)]*

**Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar Bażi Komuni għat-Taxxa Korporattiva**

*[COM(2016) 685 final — 2016/0337 (CNS)]*

(2017/C 434/09)

Relatur: **Michael McLOUGHLIN**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 21.11.2016 |
| Bażi legali | L-Artikolu 115 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa |
| Sezzjoni kompetenti | Unjoni Ekonomika u Monetarja u Koeżjoni Ekonomika u Soċjali |
| Adottata fis-Sezzjoni Speċjalizzata | 7.9.2017 |
| Adottata fil-plenarja | 20.9.2017 |
| Sessjoni plenarja Nru | 528 |
| Riżultat tal-votazzjoni<br>(favur/kontra/astensjonijiet) | 182/2/11 |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-KESE japprova l-għanijiet tal-proposti tal-Kummissjoni fil-qasam tal-BKKTK.

1.2 Il-KESE jirrakkomanda li jsiru l-akbar sforzi possibbli biex il-BKKTK tiġi segwita b'kunsens, meta titqies in-natura sensittiva tal-kwistjonijiet f'termini tas-sussidjarjetà u s-sovranità statali.

1.3 Il-KESE jifhem ir-raġunijiet wara l-approċċ f'żewġ stadji adottat mill-Kummissjoni iżda jheġġeġ l-introduzzjoni mgħaġġla tat-tieni stadju wara l-ftehim ta' bażi komuni, peress li huwa biss wara l-konsolidazzjoni li l-kumpaniji se jħossu l-benefiċċji ewlenin. Se jkun hemm xi benefiċċji f'termini tal-ġlieda kontra l-ippjanar aggressiv tat-taxxa mill-ewwel stadju, iżda l-konsolidazzjoni tikkompleta l-kompitu.

1.4 Il-KESE jirrikonoxxi li l-Kummissjoni nediet mill-ġdid il-proposta tal-BKKTK kemm bl-objettiv li tingħata għajnuna lis-suq uniku kif ukoll biex jiġi miġġieled l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, bl-attribuzzjoni ta' dħul fejn jinħoloq il-valur. Il-KESE jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex ifittxu li jlestu ż-żewġ stadji bħala miżura effettiva għall-ġlieda kontra l-frodi u biex jiġi promoss it-tkabbir.

1.5 Bħalma għamel fl-2011, il-KESE jirrakkomanda rieżaminazzjoni tal-formula ta' tqassim għall-BKKTK. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jirriflettu dwar jekk il-proprjetà intellettwali (PI) għandhiex tiġi eskluża mit-tqassim skont formula. Il-bejgħ skont il-koeffiċjent tad-destinazzjoni jista' wkoll jeħtieġ tibdil biex jiżgura l-implimentazzjoni ġusta. Il-Kumitat jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-operat tal-koeffiċjent tal-bejgħ propost se jirriżulta f'ħafna mill-Istati Membri esportaturi jitilfu ammonti sostanzjali ta' dħul taxxabbli għall-benefiċċju tal-Istati Membri li huma konsumaturi akbar. Il-KESE jemmen li l-proposta għandha timmira għal formula ekwa u tevita effett żbilanċjat b'mod sistematiku.

1.6 Il-KESE jheġġeġ il-kawtela dwar il-proposti dwar id-deprezzament biex jiġi żgurat li jirriflettu l-esperjenza reali tan-negozji. Il-kumpens għal deprezzament jista' jkun limitat wisq għal ċerti klassijiet ta' assi li huma soġġetti għal obsolenza rapida ħafna minħabba l-pass tat-tibdil teknoloġiku.

1.7 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon ir-rikonoxximent tat-trattament fiskali ta' finanzjament tal-ekwità għal investimenti korporattivi, permezz tal-proposta li tpoġġi d-dejn u l-finanzjament tal-ekwità fuq livell ugwali. Madankollu, kumpaniji li qed iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet ekonomiċi m'għandhomx jiġu esposti għal piż fiskali akbar.

1.8 Il-KESE jirrakkomanda li għandu jkun hemm bilanċ ekwu fost l-Istati Membri bħala riżultat tal-proposti u b'hekk l-impatt tagħhom għandu jiġi eżaminat fid-dettall fuq bażi ta' Stat Membru individwali, f'termini ta' kemm huwa attraenti għall-investiment u ta' kemm huwa kapaċi jżomm u joħloq l-impjiegi. Il-KESE jenfasizza li l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni rilevanti biex dan iseħħ.

1.9 Il-KESE jirrakkomanda li l-proposti tal-BKKTK għandhom inaqqsu l-kumplessità fejn possibbli, fid-dawl tal-għan iddikjarat li jipprovdi ċertezza u sempliċità. Dan huwa partikolarment importanti għat-trattament ta' assi intanġibbli fuq il-karti tal-bilanċ tal-kumpanija.

1.10 Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tindirizza l-ħtieġa għal flessibbiltà u tiżgura li l-istati u l-kumpaniji jkunu jistgħu jirreaġixxu għal tibdil fiċ-ċirkostanzi ekonomiċi globali jew domestiċi, filwaqt li jiġu rispettati l-proċeduri tal-UE u l-kooperazzjoni konġunta.

1.11 Il-BKKTK għandha tkun aktar effettiva u jkollha probabbiltà akbar li tikseb l-unanimità neċessarja jekk numru ta' elementi ta' tħassib ewlieni, deskritti f'din l-Opinjoni, jiġu indirizzati.

## 2. Il-proposta tal-Kummissjoni

2.1 Il-proposta għal Bażi Komuni Konsolidata għat-Taxxa Korporattiva (BKKTK) mnedija mill-ġdid hija sett uniku ta' regoli biex jikkalkulaw il-profitti taxxabbli tal-kumpaniji fl-UE, bil-għan li jsir kontribut qawwi għat-tkabbir, il-kompetittività u l-ekwità fis-suq uniku. Permezz tal-BKKTK, kumpaniji transkonfinali se jikkonformaw ma' sistema waħda u unika tal-UE għall-komputazzjoni tal-introjtu taxxabbli tagħhom, aktar milli ma' regoli nazzjonali differenti. Il-kumpaniji jippreżentaw dikjarazzjoni tat-taxxa waħda għall-attivitajiet kollha tagħhom fl-UE, u jagħmlu tajjeb għat-telf fi Stat Membru wieħed bil-profitti fi Stat Membru ieħor. Tranżazzjonijiet intragruppi ma jibqgħux jiġu ntaxxati fil-livell tal-entità, u b'hekk jiġu eliminati kwistjonijiet ta' trasferimenti tal-prezzijiet fil-qasam tal-BKKTK. Il-profitti taxxabbli konsolidati jinqasmu bejn l-Istati Membri li fihom huwa attiv il-grupp, bl-użu ta' formula ta' tqassim. Kull Stat Membru mbagħad jista' jintaxxa s-sehem tiegħu tal-profitti fuq ir-rata ta' taxxa nazzjonali korporattiva tiegħu stess.

2.2 Hemm ukoll dispożizzjonijiet ġodda mqabbla mal-proposta tal-2011. L-ewwel, il-proposti tal-2016 jitolbu li jkun hemm regoli obbligatorji minflok fakultattivi biex jiġu regolati gruppi konsolidati bi dħul annwali ta' EUR 750 miljun jew aktar; it-tieni, hemm regoli li jħeġġu lill-kumpaniji biex iżidu l-ekwità meta jiffinanzjaw investimenti kontra l-preġudizzju favur il-finanzjament b'dejn; u t-tielet, huwa introdott tnaqqis "super" għar-riċerka u l-iżvilupp. Hemm ukoll proposti fil-Bażi Komuni għal ħelsien temporanju minn taxxa għal telf transkonfinali b'akkwist mill-ġdid sussegwenti sakemm tiġi introdotta l-konsolidazzjoni. It-tieni pass fil-proposti se jitwettaq ladarba jkun hemm qbil politiku dwar il-proposti għall-Bażi Komuni. S'issa, it-tieni fażi għadha pendenti għal kunsiderazzjoni mill-Kunsill.

2.3 Il-proposta attwali tal-Kummissjoni tikkonsisti f'żewġ proposti separati għal Direttivi tal-Kunsill. Waħda mill-proposti hija dwar "Bażi Komuni għat-Taxxa Korporattiva" jew BKTK, u l-oħra dwar "Bażi Komuni Konsolidata għat-Taxxa Korporattiva" jew BKKTK. Is-separazzjoni ta' dawn iż-żewġ elementi f'żewġ proposti separati hija differenza kruċjali bejn il-proposti tal-2016 u tal-2011. Il-Kummissjoni qed tipproponi approċċ fi stadji l-ewwel lejn il-BKTK, li mbagħad għandu jiġi segwit mill-BKKTK.

2.4 Il-Kummissjoni nediet mill-ġdid ukoll il-proposta tal-BKKTK fil-ġlieda kontra l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, kif ukoll biex tingħata għajnuna lis-suq uniku, u tirrikonoxxi li "x'aktarx il-proposta għal BKKTK mhux se tiġi adottata fl-intier tagħha, mingħajr approċċ imqassam fi stadji". Madankollu, il-Kummissjoni tenfasizza li l-konsolidazzjoni hija parti integrali tal-proposti. In-natura obbligatorja tal-BKKTK għall-kumpaniji b'fatturat ta' aktar minn EUR 750 miljun hija parti minn strateġija biex jitjiebu l-prospetti għat-tkabbir u l-ġlieda kontra l-ippjanar aggressiv tat-taxxa. Il-Kummissjoni temmen li l-proposti huma aktar attraenti għan-negozji b'mod ġenerali f'termini ta' konformità u kumplessità u fil-promozzjoni tal-ekwità fuq id-dejn f'termini ta' ħelsien mit-taxxa. Il-kumpensi transkonfinali għat-telf fi Stat Membru wieħed kontra l-profitt fi Stat ieħor huma meqjusa wkoll bħala vantaġġ tal-proposti.

2.5 Il-Kummissjoni ddikjarat li s-sistema attwali ta' tassazzjoni korporattiva internazzjonali "m'għadhiex adatta għall-kuntest modern". Jista' jkun hemm diskrepanzi meta jiġu abbozzati regoli nazzjonali mingħajr kunsiderazzjoni għal kwistjonijiet internazzjonali, skont il-Kummissjoni. Il-proposti tal-2016, filwaqt li huma obbligatorji għal gruppi akbar, jipprovdu wkoll għal sistema ta' konformità opzjonali għal entitajiet soġġetti għal tassazzjoni korporattiva fl-UE li taqa' taħt il-limitu ta' fatturat ta' EUR 750 miljun. Il-Kummissjoni tqis dawn il-proposti bħala l-attribuzzjoni ta' dħul fejn jinħoloq il-valur.

2.6 Il-Kummissjoni tirrikonoxxi n-natura ambizzjuża tal-proposti u b'hekk in-natura gradwali fi stadji tal-implimentazzjoni tagħhom. Fil-fatt hija tenfasizza li diskussjonijiet diffiċli dwar l-element tal-konsolidazzjoni jistgħu jdewmu oqsma importanti oħrajn fejn jista' jkun hemm aktar kunsens. Madankollu, iż-żewġ proposti xorta huma ppreżentati flimkien bħala parti mill-istess inizjattiva. Il-Kummissjoni ssostni wkoll li l-konsolidazzjoni tibqa' element essenzjali tal-inizjattiva u l-ostakoli fiskali prinċipali li jaffaċċjaw il-gruppi rilevanti jistgħu jiġu indirizzati biss permezz ta' konsolidazzjoni.

3. **Il-benefiċċji tal-proposta**

3.1 Il-proposti jinkludu benefiċċji sinifikanti għan-negozji u ċ-ċittadini. Se jkun hemm tnaqqis fi spejjeż ta' konformità u kumplessità għal negozji akbar, u dawk li jagħżlu li jagħmlu kummerċ fl-UE. Din hija wkoll kwistjoni ewlenija li tmexxi 'l quddiem it-tlestija tas-suq uniku u sitwazzjoni b'kundizzjonijiet indaqs għal kulħadd. Il-BKKTK, jekk tiġi introdotta b'mod adatt, jista' jkollha rwol ċentrali fil-ġlieda kontra l-ippjanar aggressiv tat-taxxa u tinkiseb mill-ġdid il-fiduċja fost iċ-ċittadini fis-sistema tat-taxxa. Approċċ komuni għall-bażi tat-taxxa se jiżgura li l-pajjiżi kollha tal-UE qed jieħdu approċċ simili u jgħoddu b'mod kritiku l-istess affarijiet u jippermettu l-istess tnaqqis. Il-kumpaniji multinazzjonali issa jistgħu jagħmlu użu minn bażijiet tat-taxxa u rati tat-taxxa differenti fi Stati Membri differenti u xi kultant f'entitajiet lil hinn mill-kosta sabiex iħallsu rati effettivi baxxi ħafna. Il-BKKTK tindirizza dawn il-kwistjonijiet.

3.2 L-ippjanar aggressiv tat-taxxa jirriżulta f'inqas dħul mit-taxxa. Il-livell ta' ppjanar tat-taxxa huwa ta' tħassib kbir għaċ-ċittadini tal-UE. L-UE ħadet għadd ta' miżuri biex tindirizza din il-kwistjoni, u adottat il-pjan ta' azzjoni. Wieħed mill-għanijiet tal-BKKTK hu li jesplora kif dan l-approċċ jista' jitmexxa 'l quddiem sabiex jiżgura tassazzjoni korporattiva effettiva madwar l-UE kollha.

3.3 It-tnaqqis konsiderevoli fil-prezzijiet tat-trasferiment fl-UE li ġabet magħha l-BKKTK se jiġġieled il-prattiki li jwasslu għal pjanar aggressiv tat-taxxa. Pereżempju assi bħall-proprjetà intellettwali ħafna drabi huma użati għaliex huwa diffiċli li jitpoġġa valur fuqhom jew ikunu vvalutati mill-kumpanija nnifisha, b'mod li jirrifletti nominalment valur tas-suq miftuħ. Dawn huma ta' spiss soġġetti għal negozjar intern fi ħdan l-istrutturi tal-kumpanija.

3.4 Il-BKKTK tista' tiġġieled kontra l-ippjanar aggressiv tat-taxxa biex jiġi ddeterminat fejn isseħħ l-attività ekonomika reali. Il-kumpaniji jistgħu jużaw għadd ta' nies u/jew ikollhom assi sinifikanti fi Stat Membru iżda ma jkollhom l-ebda jew tassew ftit qligħ f'dak l-Istat Membru. Bħalissa, kumpaniji li għandhom struttura madwar l-UE jistgħu jorganizzaw in-negozju tagħhom b'tali mod li l-biċċa l-kbira tal-qligħ tagħhom tal-UE jispiċċa f'sede Ewropea f'ġurisdizzjoni li għandha l-inqas rati u/jew l-ikbar tnaqqis. Dan, flimkien mal-użu tal-ipprezzar ta' trasferiment għal assi intanġibbli, jista' jwassal għal rati baxxi ħafna ta' taxxa korporattiva effettiva għall-kumpaniji multinazzjonali b'fatturat kbir ħafna f'bosta ġurisdizzjonijiet. Il-proposti għal BKKTK jistgħu jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet. Il-formula stabbilita fil-proposti timmira lejn fejn qed issir l-attività ekonomika, bil-bejgħ, il-forza tax-xogħol u l-assi jkunu komponenti ewlenin ta' dan. Barra minn hekk, l-awtoritajiet fiskali nazzjonali għandhom rwol x'jaqdu f'dawn il-kwistjonijiet.

3.5 Meta tiġi adottata, il-BKKTK għandha tindirizza l-kompetittività għall-kumpaniji kollha. Il-proposta għandha tqis il-kwistjonijiet differenti li qed jaffaċċjaw l-SMEs, kif ukoll kumpaniji kbar.

4. **Kummenti ġenerali**

4.1 Il-KESE jilqa' l-proposti għal Bażi Komuni għat-Taxxa Korporattiva u Bażi Komuni Konsolidata għat-Taxxa Korporattiva bħala mezz biex jissaħħaħ is-suq uniku billi jiġu semplifikati l-kwistjonijiet tat-taxxa ta' kumpaniji akbar u bħala mezz biex jiġi indirizzat l-ippjanar aggressiv tat-taxxa. Mill-2011 'l hawn kien hemm bidliet konsiderevoli fil-kuntest usa' ekonomiku u politiku Ewropew u globali. Il-proposta preċedenti tal-BKKTK ma għamlet l-ebda progress sinifikanti. Il-Kumitat jittama li l-proposti l-ġodda li jqisu l-iżviluppi globali jkollhom aktar suċċess.

4.2 Hekk kif id-dibattitu dwar il-BKKTK jimxi 'l quddiem, huwa importanti li l-konsolidament jibqa' l-objettiv primarju. Il-proposta se tibbenefika wkoll minn kumplessità mnaqqsa, fejn dan ikun possibbli. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tfittex l-ammont massimu ta' kunsens meta tmexxi 'l quddiem iż-żewġ aspetti tal-proposta.

4.3 *Is-sistema ta' tqassim tal-BKKTK*

4.3.1 Hemm għadd ta' kwistjonijiet relatati mal-formula ta' tqassim. Il-KESE jinsab imħasseb dwar il-fatt li ma kien hemm l-ebda tentattiv biex jiġi spjegat jew definit b'mod li jagħmel sens il-mod kif il-formula ġenerali (terz assi, terz impjiegi u terz bejgħ skont id-destinazzjoni) hija rappreżentazzjoni adegwata tar-realtà ekonomika tal-kumpanija għat-tqassim tal-profitti taxxabbli bejn l-Istati Membri. Il-proposta eżistenti tista' tikkawża bidliet sinifikanti fejn il-profitti huma dovuti għal finijiet ta' taxxa, li se jkollhom effetti sinifikanti u mhux magħrufa fuq il-kumpaniji u l-Istati Membri. Id-dħul mit-taxxa huwa element fundamentali fil-ġestjoni ekonomika, li jista' jkollha impatt serju. Il-KESE jemmen li l-proposta għandha timmira għal formula ekwa u tevita effett żbilanċjat b'mod sistematiku.

4.3.2 Il-fokus fuq kwistjonijiet bħal impjanti, makkinarju u persunal, filwaqt li rilevanti, ma tagħtix l-istampa sħiħa tal-industrija moderna. L-istrateġija tas-suq uniku diġitali, pereżempju, tenfasizza l-importanza tal-proprjetà intellettwali. Bl-istess mod, żviluppi fir-rigward tal-unjoni tas-swieq kapitali jistgħu jiffukaw fuq assi finanzjarji.

4.3.3 It-tħassib tal-Kumitat jirriżulta l-iżjed minn dawn l-aspetti:

(1) il-proposta biex tiġi eskluża l-proprjetà intellettwali mill-koeffiċjent tal-assi. Il-PI hija fattur ekonomiku li huwa faċli li jinbidel għall-kalkolu tal-profitt. Il-KESE jirrikkonoxxi li huwa diffiċli li tiġi vvalutata u għalhekk ma kinitx parti mill-proposta tal-Kummissjoni, u jistieden lill-Istati Membri biex jirriflettu fuq l-aqwa mod kif għandu jiġi indirizzat dan is-suġġett importanti. Dan huwa partikolarment pertinenti minħabba li l-PI hija xprunatur importanti tal-ħolqien tal-valur ekonomiku u tiddetta dejjem aktar id-direzzjoni li fiha qed jimxu l-ekonomiji moderni. Is-soluzzjoni hija wkoll inkonsistenti mal-enfasi kontinwa tal-Kummissjoni fuq is-suq uniku diġitali;

(2) il-proposta sabiex jiġi inkluż koeffiċjent tal-"bejgħ skont id-destinazzjoni". Il-Kumitat jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-operat tal-koeffiċjent tal-bejgħ propost se jirriżulta f'ħafna mill-Istati Membri esportaturi jitilfu ammonti sostanzjali ta' dħul taxxabbli għall-benefiċċju tal-Istati Membri li huma konsumaturi akbar. L-impatt ekonomiku u soċjali mhuwiex magħruf u l-koeffiċjent tal-bejgħ għandu jibbenefika mill-fatt li jiġi kwantifikat l-impatt tiegħu; u jekk ikun hemm bżonn, għandu jiġi kkunsidrat mill-ġdid;

(3) L-introduzzjoni ta' sistema sħiħa u mifruxa mal-UE kollha ta' kalkolu u konsolidazzjoni tat-taxxa korporattiva tkun bidla ewlenija fl-ambjent tan-negozju fl-UE u għandha l-potenzjal li tagħti spinta lis-suq uniku. Għalhekk jenħtieġ li jiġi analizzat bir-reqqa u jenħtieġ li jsiru valutazzjonijiet tal-impatt nazzjonali. Sett wieħed sinifikanti u eżistenti ta' regoli għall-kumpaniji internazzjonali ewlenin kollha huwa l-istandards internazzjonali finanzjarji u ta' kontabbiltà. Kull diverġenza minn dawn fil-proċess tal-ippjanar tan-negozju se tpoġġi piżijiet addizzjonali fuq in-negozji aktar milli tippermetti ffrankar. Peress li l-formula għat-tqassim tal-BKKTK hija żviluppata mill-Kummissjoni biss għal dan l-għan speċifiku, *prima facie* ma taqbilx ma' wħud mill-istandards internazzjonali ta' kontabbiltà.

(4) Minħabba li ċ-ċarezza u l-konsistenza fl-użu tat-termini huma ta' importanza kruċjali speċjalment fil-qasam tat-tassazzjoni, il-Kumitat jirrakkomanda li l-elementi ewlenin kollha u, b'mod partikolari, id-definizzjonijiet, iridu jiġu indirizzati f'din id-Direttiva.

4.4 *Il-finanzjament b'dejn kontra l-finanzjament tal-ekwità*

4.4.1 Il-proposti tal-Kummissjoni jqiegħdu ħafna enfasi fuq il-kwistjoni tat-trattament fiskali tad-dejn kontra l-ekwità fil-finanzjament korporattiv. Bħala element wiesa' tal-istrateġija industrijali, il-promozzjoni tal-ekwità tista' tidher ta' valur billi tiddiversifika r-riskju f'kumpanija u tevita ħafna aspetti ta' volatilità fl-ippjanar.

4.4.2 B'mod aktar speċifiku, il-Kumitat huwa mħasseb li l-approċċ magħżul jista' jkun proċikliku fis-sens li tnaqqis fl-ekwità fi żminijiet ħżiena, jew ir-rikors tad-dejn minħabba nuqqas ta' alternattivi, iwasslu għal żieda fid-dħul taxxabbli, u b'hekk ma jtejjeb xejn is-sitwazzjoni tal-kumpanija hekk kif tkun qed taffaċċja l-aktar żminijiet diffiċli. Dan se jkollu impatt sussegwenti fuq l-impjiegi u t-tkabbir. Għalhekk, skont il-KESE, hemm bżonn li ssir riflessjoni dwar l-approċċ magħżul.

5. **Kummenti speċifiċi**

5.1 Il-proposti tal-Kummissjoni huma, fil-fehma tagħha, b'saħħithom f'dak li jirrigwarda l-appoġġ għan-negozju u l-ħolqien ta' reġim eħfef u aktar effettiv ta' konformità u biex isir in-negozju. Filwaqt li l-promozzjoni tas-suq uniku u l-ħtiġijiet tan-negozju tista' titqies bħala wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-UE, fuq livell eżistenzjali l-UE kienet stabbilita mill-Istati Membri biex taqdi l-bżonnijiet tagħhom. Tal-inqas, jeħtieġ li jkun hemm valutazzjoni sistematika mwettqa mill-Kummissjoni tal-impatt fuq kull Stat Membru tal-bidliet proposti għad-dħul mit-taxxa, l-investiment u l-impjieg, filwaqt li tiffoka fuq l-analiżi tal-bażi tad-data internazzjonali u d-data tal-Istati Membri. Il-KESE jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jagħtu lill-Kummissjoni aċċess għad-data kollha rilevanti, u jissuġġerixxi li l-valutazzjonijiet tal-impatt jitwettqu għaż-żewġ stadji tal-BKKTK.

5.2 Filwaqt li l-eliminazzjoni tal-ipprezzar tat-trasferiment hija element ewlieni tal-proposti, huwa evidenti li l-kunċett xorta jibqa' jeżisti meta gruppi għandhom kemm attivitajiet ġewwa kif ukoll barra l-UE. Dan bla dubju se jinvolvi arranġamenti distinti u separati għal ħafna kumpaniji. Għalhekk hemm bżonn li tingħata attenzjoni lill-kostruzzjoni ta' gruppi ġewwa u barra l-UE u strutturi mħallta. Il-potenzjal għal evitar imbagħad jista' jiċċaqlaq mill-bażi ta' tassazzjoni jew id-diskrepanzi ibridi attwali għall-istrutturi tal-kumpaniji u l-gruppi.

5.3 Il-KESE jappella għal dibattitu dwar il-BKKTK biex jiġu segwiti l-proċeduri Ewropej ladarba jsir ftehim. Filwaqt li l-politika għandha tkun xi ftit flessibbli għall-kundizzjonijiet dejjem jinbidlu, jeħtieġ ukoll li jkun hemm mekkaniżmu organizzat sabiex il-politika tiġi aġġustata għaċ-ċirkustanzi ekonomiċi.

5.4 It-trattament tar-riċerka u l-iżvilupp huwa milqugħ b'sodisfazzjon. Tnaqqis "super" f'dan il-qasam naturalment se jżid l-attività b'mod sinifikanti u jikkontribwixxi għall-kompetittività. Huwa importanti li l-miżuri proposti hawnhekk jitqiesu fil-kuntest tagħhom billi jitqabblu ma' dak li l-Istati Membri diġà jipprevedu (li huwa pjuttost differenti). Filwaqt li l-allowance għat-tkabbir u l-investiment huwa importanti, huwa wkoll kruċjali li bħala inċentiv ġdid dan u tabilħaqq it-tnaqqis "super" għar-riċerka u l-iżvilupp ma jsirux forom ġodda ta' abbuż tat-taxxa meta jiġu implimentati.

5.5 Il-Kummissjoni trid tqis il-kunflitti probabbli li jistgħu jinqalgħu bejn l-awtoritajiet tat-taxxa u l-awtorità tat-taxxa prinċipali. Kunflitti dwar it-tassazzjoni tas-sussidjarji fi grupp u t-tqassim ta' profitt jistgħu jinqalgħu u jieħdu post kull ħin iffrankat billi jneħħu l-kwistjonijiet tal-ipprezzar tat-trasferimenti.

5.6 Jenħtieġ li tiġi pprovduta ċarezza dwar kif l-awditi tal-Istati Membri jseħħu f'sussidjarja fi ħdan grupp jekk l-awtoritajiet tad-dħul tal-Istat Membru kkonċernat ikunu jixtiequ jagħmlu awditu.

5.7 Id-dispożizzjonijiet dwar il-perjodi ta' deprezzament jistgħu jkunu inkonsistenti ma' xi prattiki kummerċjali; jenħtieġ li tiġi kkunsidrata hawnhekk xi tip ta' flessibbiltà. Ħafna kumpaniji jibdlu t-tagħmir tagħhom (pereżempju l-kompjuters) kull sena jew sentejn sabiex jevitaw l-obsolenza, u fis-snin li ġejjin, il-pass rapidu tat-tibdil teknoloġiku se jqassar aktar iċ-ċiklu ta' tibdil għal numru ta' kategoriji ta' assi.

5.8 Xorta waħda huwa importanti li tingħata gwida kontra l-evitar tat-taxxa permezz ta' arbitraġġ tal-kodiċi ta' kontabilità billi tali attività tista' tkun għadha possibbli qabel ma jseħħ il-konsolidament.

5.9 Il-proposti jippermettu wkoll lill-kumpaniji multinazzjonali biex jeskludu entitajiet intermedjarji, inklużi dawk f'pajjiżi li joffru kenn mit-taxxi, għaliex dawn jinsabu barra mill-UE. Dan imbagħad ikun irid jiġi ttrattat b'metodi differenti bħal pereżempju r-regoli dwar l-ipprezzar tat-trasferimenti, il-kumpaniji barranin kontrollati, u prinċipju ġenerali kontra l-evitar tat-taxxa.

Brussell, l-20 ta' Settembru 2017

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar**

**Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 fir-rigward tal-obbligu tal-ikklerjar, is-sospensjoni tal-obbligu tal-ikklerjar, ir-rekwiżiti tar-rapportar, ir-rekwiżiti tat-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju għal kuntratti tad-derivattivi OTC mhux ikklerjati minn kontroparti ċentrali, ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni ta' repożitorji tat-tranżazzjonijiet u r-rekwiżiti għar-repożitorju tat-tranżazzjonijiet**

*[COM(2017) 208 final — 2017/090 (COD)]*

**u dwar**

**Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1095/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 fir-rigward tal-proċeduri u l-awtoritajiet involuti għall-awtorizzazzjoni ta' CCPs u r-rekwiżiti għar-rikonoxximent ta' CCPs ta' pajjiżi terzi**

*[COM(2017) 331 final — 2017/0136 (COD)]*

(2017/C 434/10)

Relatur: **Petru Sorin DANDEA**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Parlament Ewropew, COM(2017) 208 final – 31.5.2017; COM(2017) 331 final – 11.9.2017 |
| | Kunsill tal-Unjoni Ewropea, COM(2017) 208 final – 6.6.2017; COM(2017) 331 final – 22.8.2017 |
| Bażi legali | L-Artikoli 114 u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali |
| Adottata fis-sezzjoni | 7.9.2017 |
| Adottata fil-plenarja | 20.9.2017 |
| Sessjoni plenarja Nru | 528 |
| Riżultat tal-votazzjoni | 145/0/2 |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon din l-inizjattiva, li tinkludi żewġ proposti għal regolamenti, u jheġġeġ lill-Kummissjoni biex tħaffef ir-ritmu fl-implimentazzjoni sħiħa tar-Regolament dwar l-Infrastruttura tas-Suq Ewropew (EMIR).

1.2 Il-KESE jilqa' b'mod pożittiv ħafna l-fatt li l-proposta attwali tal-Kummissjoni timplimenta l-proposti fil-programm REFIT u ġiet ippreżentata wara konsultazzjoni pubblika wiesgħa. Dan żgura li l-partijiet interessati kollha ġew ikkonsultati u irriżulta fi proposta għal semplifikazzjoni u titjib tar-regoli u tnaqqis fl-ispejjeż tal-konformità, filwaqt li fl-istess ħin ma ħoloqx riskju għall-istabbiltà finanzjarja.

1.3 Il-KESE jqis li huwa importanti li l-miżuri mressqin mill-Kummissjoni jkunu konsistenti mal-pjan ta' azzjoni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali u, b'mod partikolari, mad-dispożizzjonijiet tiegħu dwar it-titolizzazzjoni.

1.4 Il-KESE jħoss li l-inizjattiva tal-Kummissjoni hija ġustifikata u jilqa' bi pjaċir il-fatt li r-Regolament EMIR iżomm l-għan oriġinali tiegħu, peress li l-valur nozzjonali globali tad-derivattivi OTC huwa ta' iktar minn EUR 544 triljun.

1.5 Il-KESE jirrakkomanda l-istandardizzazzjoni tat-tipi ta' tranżazzjonijiet u strumenti derivattivi, peress li dan jista' jgħin b'mod sinifikanti biex tittejjeb il-kwalità tad-data.

1.6 Il-KESE jaqbel mal-proposta tal-Kummissjoni li tintroduċi livell limitu tal-ikklerjar għal kontropartijiet żgħar, peress li dawn isibu diffikultajiet biex ikollhom aċċess għall-ikklerjar.

1.7 Il-KESE jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni biex testendi l-perjodu li fih il-fondi ta' pensjoni jkunu eżentati mill-obbligu tal-ikklerjar ċentrali, peress li sal-lum għadha ma nstabet l-ebda soluzzjoni li tippermettilhom l-likwidità neċessarja, mingħajr ma jintlaqtu l-interessi tal-membri tal-fond.

1.8 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta tal-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu superviżorju ġdid fi ħdan l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA). Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni talloka r-riżorsi finanzjarji meħtieġa għat-taħriġ tal-persunal li se jkun jaħdem fid-dipartiment ġdid tal-ESMA, fid-dawl tal-kumplessità tal-attività superviżorja li ser ikollha titwettaq.

## 2. **Il-Proposta tal-Kummissjoni Ewropea**

2.1 F'Mejju u Ġunju, il-Kummissjoni ppreżentat żewġ proposti għal Regolamenti [1] li jemendaw ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 fir-rigward tal-obbligu tal-ikklerjar, is-sospensjoni tal-obbligu tal-ikklerjar, ir-rekwiżiti tar-rapportar, ir-rekwiżiti tat-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju għal kuntratti tad-derivattivi OTC mhux ikklerjati minn kontroparti ċentrali, ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni ta' repożitorji tat-tranżazzjonijiet u r-rekwiżiti għar-repożitorju tat-tranżazzjonijiet

2.2 Iż-żewġ proposti kienu akkumpanjati minn dokumenti ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni u valutazzjonijiet tal-impatt.

2.3 Fl-ewwel proposta għal Regolament, il-Kummissjoni tipproponi regoli eħfef u aktar effettivi għad-derivattivi. Il-Kummissjoni tixtieq tindirizza sfidi konsiderevoli u emerġenti fir-rigward ta' kklerjar tad-derivattivi OTC. Il-proposta tindirizza erba' elementi: rekwiżiti ta' rapportar, kontropartijiet mhux finanzjarji, kontropartijiet finanzjarji u fondi ta' pensjoni.

2.4 Fit-tieni proposta għal Regolament, il-Kummissjoni tipproponi superviżjoni aktar robusta tal-kontropartijiet ċentrali fir-rigward tas-suq tad-derivattivi. Din il-proposta għandha l-għan li tkompli ttejjeb l-istabbiltà finanzjarja tal-UE billi tistabbilixxi mekkaniżmu ġdid fi ħdan l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq għas-sorveljanza tas-suq tad-derivattivi.

## 3. **Kummenti ġenerali u speċifiċi**

3.1 L-emenda tar-Regolament EMIR hija parti mill-isforzi tal-Kummissjoni biex tiżgura regolazzjoni aħjar tad-derivattivi. F'dawn l-aħħar snin, ġew implimentati għadd ta' dispożizzjonijiet tar-Regolament permezz ta' atti delegati, direttivi u regolamenti. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon din l-inizjattiva u jheġġeġ lill-Kummissjoni biex tħaffef ir-ritmu fl-implimentazzjoni sħiħa tar-Regolament EMIR.

3.2 Il-KESE jilqa' b'mod pożittiv ħafna l-fatt li l-proposta attwali tal-Kummissjoni timplimenta l-proposti fil-programm REFIT u ġiet ippreżentata wara konsultazzjoni pubblika wiesgħa. Dan żgura li l-partijiet interessati kollha ġew ikkonsultati u rriżulta fi proposta għal semplifikazzjoni u titjib tar-regoli u tnaqqis fl-ispejjeż tal-konformità, filwaqt li fl-istess ħin ma ħoloqx riskju għall-istabbiltà finanzjarja.

3.3 Il-KESE jqis li huwa importanti li l-miżuri mressqin mill-Kummissjoni jkunu konsistenti mal-pjan ta' azzjoni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali u, b'mod partikolari, mad-dispożizzjonijiet tiegħu dwar it-titolizzazzjoni.

---

[1] COM(2017) 208 final – Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 fir-rigward tal-obbligu tal-ikklerjar, is-sospensjoni tal-obbligu tal-ikklerjar, ir-rekwiżiti tar-rapportar, ir-rekwiżiti tat-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju għal kuntratti tad-derivattivi OTC mhux ikklerjati minn kontroparti ċentrali, ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni ta' repożitorji tat-tranżazzjonijiet u r-rekwiżiti għar-repożitorju tat-tranżazzjonijiet; u COM(2017) 331 final – Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1095/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 fir-rigward tal-proċeduri u l-awtoritajiet involuti għall-awtorizzazzjoni ta' CCPs u r-rekwiżiti għar-rikonoxximent ta' CCPs ta' pajjiżi terzi.

3.4 L-inizjattiva tal-Kummissjoni ma tipperikolax l-għan primarju tar-Regolament EMIR: is-superviżjoni u l-monitoraġġ tad-derivattivi OTC sabiex jiġi mmitigat ir-riskju sistemiku, u anke biex jitnaqqas il-volum ta' dan it-tip ta' strument, partikolarment dawk ta' natura spekulattiva. Il-KESE jħoss li l-inizjattiva tal-Kummissjoni hija ġustifikata, minħabba li l-valur nozzjonali globali tad-derivattivi OTC huwa ta' iktar minn EUR 544 triljun.

3.5 Il-bidliet għar-rekwiżiti ta' rapportar proposti mill-Kummissjoni se jnaqqsu l-piż amministrattiv u jissemplifikaw il-proċedura ta' rapportar għal ħafna kontropartijiet. Il-Kummissjoni tistma li l-kwalità tad-data rrapportata se tittejjeb ukoll. Il-KESE jemmen li l-istandardizzazzjoni tat-tipi ta' tranżazzjonijiet u strumenti tista' ttejjeb b'mod sinifikanti l-kwalità tad-data.

3.6 Il-Kummissjoni tipproponi li tintroduċi livell limitu tal-ikklerjar għal kontropartijiet żgħar. Peress li dawn isibu diffikultajiet fir-rigward tal-aċċess għall-ikklerjar, il-proposta tal-Kummissjoni tappoġġja dawn l-entitajiet żgħar, li jistgħu jkunu banek jew fondi ta' investiment żgħar. Il-KESE jaqbel mal-proposta tal-Kummissjoni.

3.7 Fil-proposta għal regolament, il-Kummissjoni tixtieq li testendi l-perjodu li fih il-fondi ta' pensjoni jkunu eżentati mill-obbligu ta' ikklerjar ċentrali għal portafolli tad-derivati OTC miżmuma. Peress li l-fondi ta' pensjoni ma għandhomx il-likwidità biex tippermettilhom ikklerjar ċentrali u għandhom rwol ċentrali biex jiżguraw dħul għall-persuni anzjani, il-KESE jaqbel mal-proposta tal-Kummissjoni.

3.8 It-tieni proposta għal Regolament tintroduċi regoli u responsabbiltajiet ġodda fir-rigward tas-superviżjoni ta' kontropartijiet ċentrali kemm ġewwa kif ukoll barra l-UE. Il-proposta tistabbilixxi qafas imsaħħaħ għall-kooperazzjoni bejn il-banek ċentrali u l-awtoritajiet superviżorji. Il-KESE jilqa' bi pjaċir il-proposta tal-Kummissjoni.

3.9 Ir-Regolament propost jipprevedi l-istabbiliment ta' mekkaniżmu superviżorju ġdid fi ħdan l-ESMA, u li jkollu s-setgħat superviżorji fir-rigward ta' kontropartijiet ċentrali tal-UE kif ukoll ta' pajjiżi terzi. Il-Kummissjoni qed tfittex li ttejjeb is-superviżjoni ta' kontropartijiet ċentrali ta' pajjiżi terzi, b'mod partikolari dawk li jista' jkollhom rwol importanti f'operazzjonijiet ta' kklerjar fi ħdan l-UE. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni talloka r-riżorsi finanzjarji meħtieġa għat-taħriġ tal-persunal li se jkun jaħdem fid-dipartiment ġdid tal-ESMA, fid-dawl tal-kumplessità tal-attività superviżorja li ser ikollha titwettaq.

3.10 Minħabba l-isfidi li jirriżultaw mid-derivati OTC b'rabta mat-tfaddil taċ-ċittadini, kif ukoll ir-riskju sistemiku, il-KESE jtenni l-proposta tiegħu ([2]) għal programmi tal-edukazzjoni finanzjarja. Il-Kummissjoni tista' tiffinanzja programmi bħal dawn għall-investituri fil-livell tal-konsumatur.

Brussell, l-20 ta' Settembru 2017

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

---

([2]) Ara l-punt 4.7 tal-Opinjoni tal-KESE dwar *Is-swieq tal-istrumenti finanzjarji* (ĠU C 143, 22.5.2012, p. 74).

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT